

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10491/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0555 (COD)

---

---

COMPET 764	ECOFIN 810
IND 413	COH 116
MI 629	INDEF 125
CADREFIN 290	CULT 86
FIN 874	CYBER 290
RECH 281	JAI 821
ESPACE 102	DIGIT 164
CONSOM 194	DATAPROTECT 199
DUAL USE 48	FREMP 209
EDUC 270	RELEX 832
TELECOM 317	COPS 348
ENER 397	UD 181
ENV 725	AUDIO 85
CLIMA 329	PROCIV 131
AGRI 495	IPCR 66
TRANS 420	MAP 128
SAN 478	FISC 221
PHARM 107	CODEC 1165
BIOTECH 81	IA 165
POLMIL 239	CSC 402
POLGEN 168	

#### NOTA

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Nru dok. Cion: 11770/1/25 REV 1

---

Suġġett: Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK),  
inkluż programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża  
*- Approċċ ġenerali parzjali*

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-test ippreżentat lill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2026 bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali parzjali dwar il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

In-numerazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni tibqa' l-istess sa tmiem in-negozjati.

L-ammonti ta' referenza kollha huma pendenti sakemm jiġu konklużi n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

Id-dispożizzjonijiet fil-parentesi huma esklużi mill-approċċ ġenerali parzjali.

---

2025/0555 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, (UE) 2025/2643**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 168(5), l-Artikolu 172, l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 173(3), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 175, l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 182(4), l-Artikolu 183 flimkien mal-Artikolu 188, it-tieni paragrafu, l-Artikolu 189(2), l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 212(2) u l-Artikolu 322(1), il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,<sup>2</sup>

---

<sup>1</sup> ĠU C , , p. .

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) [Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża, li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, skont it-tifsira tal-ftehim interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji, għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet attwali huma kkalkolati billi jiġi applikat deflatur fiss ta' 2 %.]

(2) L-Unjoni qed tiffaċċa perjodu determinanti għall-futur tagħha, minn perspettiva politika, ekonomika, soċjali, ambjentali, klimatika u ta' sigurtà, inklużi riskji akbar ta' theddid militari konvenzjonali. Ir-rapport ta' Draghi bit-titolu "the future of European competitiveness"<sup>3</sup> ippreżenta viżjoni ġdida biex it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jerġa' jingħata l-ħajja. Ir-rapport ta' Letta ddeskriva<sup>4</sup> kif l-Ewropa trid tisfrutta s-Suq Uniku tagħha biex tikseb pożizzjoni ta' tmexxija fil-kompetizzjoni globali. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Boxxla għall-Kompetittività<sup>5</sup> pprovdiet pjan direzzjonali konġunt għat-tisħiħ tad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, li jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' dawn ir-rapporti. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa<sup>6</sup> spjegat il-ħtieġa li jiġu aċċellerati d-dekarbonizzazzjoni, l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid u l-innovazzjoni, li jlaqqgħu flimkien l-azzjoni klimatika u l-kompetittività taħt strateġija ġenerali waħda ta' tkabbir. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Industrijali Settorjali, bħal dawk għas-setturi Awtomobilistiċi, tal-Azzar u l-Metalli u tas-Sustanzi Kimiċi għandhom l-għan li jiżguraw il-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza fit-tul tal-industrija Ewropea. L-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025<sup>7</sup> jenfasizza l-ħtieġa urġenti li titrawwem il-kooperazzjoni u li jiżdiedu l-investimenti pubbliċi u privati għat-tisħiħ tat-tmexxija diġitali, is-sovranità u l-inklużività tal-Unjoni. Il-White Paper Konġunta dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea<sup>8</sup> tenfasizza l-ħtieġa li jsir investment mill-ġdid sostanzjali u rapidu fid-difiża b'appoġġ għal-libertà ta' azzjoni tal-Ewropa. Jenħtieġ tingħata attenzjoni lill-ħtiġijiet speċifiċi li jirriżultaw mill-isfidi ġeopolitiċi li jikkawżaw tħassib akbar dwar is-sigurtà.

---

<sup>3</sup> The future of European competitiveness: Rapport ta' Mario Draghi, Settembru 2024, [https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report\\_mt](https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report_mt)

<sup>4</sup> Ir-Rapport ta' Enrico Letta dwar il-Futur tas-Suq Uniku, April 2024, <https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf>.

<sup>5</sup> Il-Boxxla għall-Kompetittività - il-Kummissjoni Ewropea

<sup>6</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni, COM(2025) 85 final, 26.2.2025.

<sup>7</sup> COM(2025) 290 final L-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025: Inkomplu nibnu s-sovranità u l-futur diġitali tal-UE.

<sup>8</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika", JOIN(2023) 20 final, 20.6.2023.

Barra minn hekk, il-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika jkomplu jenfasizzaw il-ħtieġa kruċjali li jiġi żgurat il-vantaġġ teknoloġiku tal-Unjoni u li jitneħħa r-riskju għar-relazzjonijiet ekonomiċi inkluż billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista u b'hekk jitnaqqsu d-dipendenzi. Il-Patt Ewropew għall-Oċeani jiddeskrivi l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività u tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni strateġika fis-setturi tal-ekonomija blu kollha, b'enfasi speċjali fuq id-dekarbonizzazzjoni u l-espansjoni tal-innovazzjoni. Kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali ("QFP") li jmiss<sup>9</sup>, il-baġit tal-Unjoni fuq terminu twil li jmiss jeħtieġ li jkun aktar iffukat, aktar sempliċi, aktar flessibbli, prevedibbli u jwettaq aħjar il-prijoritajiet tal-Unjoni, inkluż it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni.

- (2a) Il-FEK kollu kemm hu jenħtieġ isegwi l-oġġettivi ġenerali kif indikat f'dan ir-Regolament filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet tal-attivitajiet appoġġati taħt il-FEK.

---

<sup>9</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Regġuni, Il-perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, COM(2025) 46 final, 11.2.2025.

- (3) Sabiex terġa' tikseb u ssaħħaħ il-vantaġġ kompetittiv tagħha, huwa essenzjali li l-Unjoni terġa' tagħti l-ħajja liċ-ċiklu tal-innovazzjoni billi tiżviluppa l-kapaċità ta' innovazzjoni fixkiela tagħha u tinvesti f'teknoloġiji emerġenti, avvanzati u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti inkluż billi żżid il-produttività. Sabiex tiżgura l-awtonomija tagħha fl-ekonomija globali, l-Unjoni jenħtieġ li tiżgura t-tmexxija teknoloġika u industrijali tagħha f'setturi strateġiċi, billi tibda bi ktajjen tal-provvista ta' materja prima kritika u ekonomija ċirkolari, l-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji strateġiċi fl-Ewropa, kif ukoll il-mitigazzjoni tar-riskji li jaffettwaw is-sigurtà u r-reżiljenza tagħha li jirriżultaw minn dipendenzi esterni kritiċi. Dan jista' jsir billi jiġu indirizzati, b'mod proporzjonat, l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment mingħajr ma ssir evizzjoni tal-finanzjament privat, meta jitqiesu l-ħtiġijiet ta' investiment għoli għat-twettiq tal-prijoritajiet tal-Unjoni, inkluż għad-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali. Tali sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali jistgħu wkoll jirriżultaw minn kundizzjonijiet relatati mar-reżiljenza, il-kapaċità jew is-sigurtà, tfixkil fil-konnettività, jew esponiment akbar ta' infrastrutturi strateġiċi u ktajjen tal-valur għal theddid. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir aktar enfasi fuq l-ingranaġġ tal-parteċipazzjoni tas-settur privat billi jittejjeb l-użu ta' mekkaniżmi ta' kondivizzjoni tar-riskju bejn il-fondi tal-Unjoni u l-investituri privati, sabiex jiġi żgurati użu effiċjenti tal-finanzjament pubbliku. Dan ser jibni fuq il-progress miksub fir-rigward tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u jimplifika l-impatt tiegħu, li ser jipprovdi x-xenarju regolatorju meħtieġ biex l-investimenti privati jirnexxu. L-użu ta' kwalunkwe riżorsa nazzjonali addizzjonali jenħtieġ ikun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE.
- (4) Il-finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ joffri appoġġ lin-negozji u lill-proġetti tul il-perkors kollu tal-investiment. Dak il-vjaġġ jinkludi l-istadji kollha tal-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji, prodotti u servizzi strateġiċi fl-Ewropa, mir-riċerka applikata, permezz tal-forom kollha ta' innovazzjoni, scale-up, l-użu industrijali, sal-manifattura u l-użu fis-suq, inkluż l-appoġġ għall-investiment u l-kostijiet operazzjonali, l-infrastruttura u l-ħiliet. Il-perkors tal-investiment mhuwiex lineari peress li l-istadji kollha jibnu fuq xulxin, u l-ideat għal teknoloġiji, prodotti jew servizzi ġodda jistgħu jinħolqu fi kwalunkwe stadju. Il-finanzjament tal-Unjoni jeħtieġ li jindirizza din ir-realtà mhux lineari bil-flessibbiltà akbar għall-għoti tal-appoġġ, filwaqt li tinżamm il-prevedibbiltà għall-finanzjament.

- (5) Il-finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ li jiffaċilita l-ħolqien u l-espansjoni ta' ekosistemi innovattivi u industrijali, fejn atturi differenti jinteraġixxu b'mod sinerġetiku. L-ekosistemi ta' suċċess ikollhom interazzjonijiet intensivi u aġli u kollaborazzjoni bejn il-kumpaniji żgħar u kbar, l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, il-fornituri tal-infrastruttura, l-investituri kif ukoll l-awtoritajiet pubbliċi. Mingħajr tali kollaborazzjoni f'ekosistemi tal-innovazzjoni u dawk industrijali individwali u bejniethom, il-potenzjal tal-innovazzjoni jibqa' mhux sfruttat.
- (6) Il-konnettività diġitali u ċ-ċybersigurtà huma kruċjali biex trawwem il-kollaborazzjoni fl-ekosistema, billi jaċċelleraw l-innovazzjoni, jippermettu aċċess mingħajr xkiel u sigur għal kapaċitajiet u soluzzjonijiet diġitali kritiċi madwar l-Unjoni, jiffaċilitaw is-sħubijiet pubbliċi-privati transfruntieri, u jrawmu l-interoperabbiltà u l-kosteffettività.
- (7) Għalhekk, l-għan tal-FEK huwa li jstabbilixxi kapaċità ta' investiment biex jappoġġa l-kompetittività Ewropea f'teknoloġiji, infrastrutturi, prodotti u servizzi u setturi strateġiċi, li jipprovdi perkors tal-investiment b'inqas xkiel. Ser jippromwovi l-ħolqien u l-espansjoni tal-innovazzjoni, il-finanzjament privat u l-ekosistemi industrijali, kif ukoll il-kollaborazzjoni bejniethom.
- (8) Fl-Unjoni, għadhom jeżistu disparitajiet persistenti fil-kompetittività u fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni fir-reġjuni kollha. Wara sforzi sostnuti kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali biex titneħħa d-diskrepanza fl-innovazzjoni, wasal iż-żmien li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' kull reġjun. Billi tiżgura li r-reġjuni inqas żviluppati jkunu konnessi b'mod effettiv mal-ktajjen tal-valur tal-Unjoni, l-Unjoni kollha kemm hi ser tkun f'pożizzjoni aħjar biex tikkompeti globalment.

- (9) Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej jirrappreżentaw assi uniċi u strateġiċi li huma ta' benefiċċju għall-Unjoni kollha kemm hi – inklużi l-prossimità għal pajjiżi terzi, kundizzjonijiet eċċezzjonali għar-riċerka dwar l-ispazju u l-astrofiżika, potenzjal abbundanti ta' enerġija rinnovabbli, bijodiversità rikka, u żoni marittimi estensivi. Il-FEK jenħtieġ li jingrana l-potenzjal tagħhom bħala insedjamenti ġeostrateġiċi, b'mod partikolari b'appoġġ għall-oġġettivi tal-Unjoni dwar is-sigurtà, il-preparatezza, il-ktajjen tal-valur reġjonali, u l-kompetittività.
- (9a) F'konformità mal-Artikolu 182(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi speċifiċi li jiddefinixxu r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tagħhom, jiffissaw it-tul ta' żmien tagħhom u jipprevedu l-mezzi meqjusa meħtieġa. Il-FEK jinkludi l-programm speċifiku dwar ir-riċerka fid-difiża skont it-tifsira tal-Artikolu 182(3) TFUE, li jimplementa r-Regolament (UE) [XXX] [il-programm qafas Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni] fir-rigward tal-attivitajiet ta' riċerka fid-difiża.

(10) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura koordinazzjoni u sinerġiji mill-qrib bejn is-sorsi ta' finanzjament kollha tal-Unjoni fil-QFP. Għal dan l-għan, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni jenħtieġ li jkun marbut mill-qrib mal-FEK sabiex jiġi żgurat li l-industrija Ewropea tingrana r-riżultati tar-riċerka ffinanzjati mill-Unjoni biex tinnova u tipproduċi aktar fl-Ewropa. Sabiex jitrawmu s-sinerġiji, il-programmi ta' ħidma adottati skont dan ir-Regolament (il-"programmi ta' ħidma") jenħtieġ li jintegraw fparti speċifika u ddedikata u jiżguraw koerenza mal-komponent "Kompetittività", il-Parti II "Kompetittività u Soċjetà" tar-Regolament (UE) [XXX]<sup>10</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Il-programm qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni]<sup>11</sup> f'konformità mal-proċedura tal-kumitat stipulata f'dan ir-Regolament. L-oġettivi u l-attivitajiet speċifiċi definiti skont it-twieqi ta' politika stabbiliti minn dan ir-Regolament jistgħu jiġu implimentati, fejn xieraq, permezz ta' azzjonijiet dedikati ta' riċerka u innovazzjoni. Il-programmi ta' ħidma tal-FEK, inklużi l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni taħt it-twieqi ta' politika tal-Kapitoli IV sa VII tal-FEK, jenħtieġ li jiġu adottati f'konformità mar-regoli tal-programm ta' ħidma għall-FEK, inklużi l-proċeduri ta' komitoloġija tiegħu, biex jinżamm appoġġ bla xkiel għall-perkors tal-investment. Il-programm speċifiku għar-riċerka u l-iżvilupp fid-difiża jenħtieġ ikollu s-sett ta' regoli tiegħu stess ikkonsolidati fil-FEK, bir-regoli tal-programmi ta' ħidma għall-FEK applikabbli għall-komponent bl-isem appoġġ għall-politika tal-industrija tad-difiża, inkluż dak ta' Riċerka u Żvilupp Kollaborattivi, Innovazzjoni u Superjorità Teknoloġika tad-Difiża. Jenħtieġ li r-regoli ta' Orizzont Ewropa, inkluż ir-regoli tiegħu dwar il-kumitati ta' evalwazzjoni u l-kriterji għall-aġġudikazzjoni, japplikaw għall-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati taħt il-parti "Kompetittività" tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa li jenħtieġ li jiġu integrati fparti ddedikata speċifika fil-programmi ta' ħidma tal-FEK. Fir-rigward tal-assoċjazzjoni, l-eliġibbiltà għall-azzjonijiet fil-parti speċifika ddedikata għar-riċerka kollaborattiva ffinanzjata taħt Orizzont Ewropa jenħtieġ li tkun soġġetta għal assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali ma' Orizzont Ewropa.

---

<sup>10</sup> ĠU L., p

<sup>11</sup> COM(2025) 543

- (11) Sabiex jitrawmu s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet taħt il-FEK u l-Fond għall-Innovazzjoni, il-programmi ta' ħidma jenħtieġ jiżguraw koerenza mal-prijoritajiet tal-Fond għall-Innovazzjoni u t-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati taħt dak il-Fond. Flimkien, il-FEK, Orizzont Ewropa, u l-Fond għall-Innovazzjoni jenħtieġ jipprovdu appoġġ koerenti għall-kompetittività tal-Unjoni.
- (12) Barra minn hekk, biex tiġi prevista rabta b'saħħitha mal-Għodda għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività, il-programmi ta' ħidma jenħtieġ jiżguraw koerenza mal-proġetti magħżula u mal-prijoritajiet ta' kompetittività identifikati taħt dik l-Għodda.
- (12a) Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni fil-kisba tal-oġettivi tal-FEK, il-FEK għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' Fondi oħra tal-Unjoni, inkluż il-Fond Ewropa Globali, il-Programm għas-Suq Uniku u d-Dwana, Erasmus + u AgoraEU.
- (13) Il-kooperazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati tista' tkun ta' benefiċċju għall-kompetittività Ewropea u l-ingranaġġ tal-investimenti privati huwa meħtieġ biex jitwettqu l-oġettivi tal-FEK. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit tal-FEK permezz ta' Sħubijiet Ewropej flimkien ma' sħab oħra, atturi pubbliċi jew privati, fejn din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika, b'mod partikolari għall-attivitajiet ta' użu fis-suq. Din l-opzjoni tinkludi sħubijiet fil-qafas tal-QFP 2028 – 2034, kif ukoll sħubijiet stabbiliti taħt il-QFP 2021 – 2027 li jkomplu joperaw matul il-fażi ta' tranżizzjoni. Bil-ħsieb li jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jenħtieġ li s-Sħubijiet Ewropej isegwu approċċ strateġiku bbażat fuq il-portafoll biex itejbu l-koerenza, jiżguraw il-komplementarjetà u jottimizzaw l-użu tar-riżorsi tal-Unjoni, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għall-oġettivi tal-kompetittività fil-qafas ta' dan il-Fond. Għalhekk, jenħtieġ li portafoll koerenti u komplementari ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej jintgħażel fi proċess trasparenti, miftuħ u kompetittiv ibbażat fuq sett ta' kriterji kwantifikabbli taċ-ċiklu tal-ħajja.

- (14) Il-FEK jenħtiegħ li juża s-sett ta' għodod kollu tal-baġit tal-Unjoni biex jisfrutta investimenti pubbliċi u privati addizzjonali, b'mod partikolari minn investituri istituzzjonali matul il-perkors kollu tal-investment. Dan jenħtiegħ li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' "kultura ta' investment" billi jingrana aħjar il-fondi pubbliċi u jneħħi r-riskju għall-potenzjal tal-baġit tal-Unjoni. Dan jenħtiegħ jimmassimizza l-valur miżjud tal-azzjoni tal-Unjoni u jattira l-kapital privat biex jiżgura bażi kompetittiva ta' innovazzjoni u industrijali, ukoll billi juża strumenti ta' finanzjament innovattivi inkluż il-koinvestment pubbliku-privat b'redditi ta' riskju asimetriċi. F'dan ir-rigward, jenħtiegħ li l-użu ta' strumenti finanzjarji li jattiraw investituri privati jkun l-opzjoni privileġġata kull meta dan ikun possibbli.
- (15) Ir-rapport Draghi jappella għal iżjed appoġġ għall-investment biex jonqos id-distakk fl-investment, u jagħraf li l-Programm InvestEU hu l-istrument ewlieni għall-kondiviżjoni tar-riskji li għandu jintuża. [L-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtiegħ li jstabilixxi garanzija baġitarja unika u jipprovdi strumenti finanzjarji biex jappoġġa l-kompetittività tal-UE.]
- (16) F'ambjent ekonomiku, soċjali, tas-sigurtà u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza reċenti wriet il-ħtieġa li l-QFP u l-programmi tiegħu jkunu aktar flessibbli. [Għal dak l-għan, u f'konformità mal-obiettivi tal-FEK, il-finanzjament jenħtiegħ li jqis kif xieraq, fil-proċedura baġitarja, il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni filwaqt li jiżgura l-prevedibbiltà meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-investimenti.]
- (17) Il-FEK jenħtiegħ li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament mill-programmi tal-Unjoni permezz ta' proċeduri ffukati fuq l-utent, rapidi, sempliċi u armonizzati u jenħtiegħ li jtejjeb il-koerenza fost l-istrumenti tal-Unjoni u mal-investimenti tal-Istati Membri. Il-FEK jenħtiegħ li jqiegħed lill-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari l-industrija, lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), start-ups u scale-ups, inklużi dawk stabbiliti taħt it-28 reġim li ġej, fiċ-ċentru tat-tfassil tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni.

- (18) [Il-FEK jenħtieġ li jopera permezz ta' erba' twieqi ta' politika li jirriflettu l-prijoritajiet ta' politika ewlenin tal-Unjoni: It-Tranżizzjoni lejn l-Enerġija Nadifa u d-Dekarbonizzazzjoni Industrijali; Is-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agrikoltura u l-Bijoeconomija; It-Tmexxija Diġitali; Ir-Reżiljenza u s-Sigurtà, l-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju.]
- (19) L-infrastruttura hija faċilitatur essenzjali għall-kompetittività Ewropea. L-investimenti fl-infrastruttura huma kundizzjoni meħtieġa għall-funzjonament xieraq tas-suq uniku tal-Unjoni, għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u għaż-żieda tar-reżiljenza u s-sigurtà tal-Unjoni. Pereżempju, in-network trans-Ewropew tat-trasport irawwem forom sostenibbli ta' trasport, jipromwovi soluzzjonijiet diġitali u tat-trasport multimodali u interoperabbli mtejba, u b'hekk jikkontribwixxi għal funzjonament bla xkiel tas-suq intern. In-networks trans-Ewropej għall-enerġija huma kruċjali għal Unjoni tal-Enerġija ġenwina biex jippermettu l-oġġettivi tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni billi jgħaqqdu n-networks tal-elettriku u tal-enerġija nadifa tal-pajjiżi tal-Unjoni biex jiżguraw l-indipendenza u l-kompetittività tal-enerġija tagħna. Għal dan l-għan, huwa essenzjali l-iżvilupp ta' interkonnettori transfruntieri, tal-grilji domestiċi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni. L-appoġġ tal-FEK jenħtieġ jaħdem b'mod koerenti u kumplimentari għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE). Huwa essenzjali li l-kompetittività tal-Ewropa tipprevedi sinerġiji bejn l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fl-enerġija u t-trasport b'impatt transfruntier qawwi appoġġat mill-FNE, u appoġġ għall-investiment għad-dekarbonizzazzjoni, il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tat-trasport, l-enerġija u l-infrastruttura diġitali taħt il-FEK.
- (20) Barra minn hekk, in-networks diġitali trans-Ewropej huma essenzjali għall-interkonnessjoni tan-networks tat-telekomunikazzjoni nazzjonali u internazzjonali, filwaqt li jippermettu aċċess transfruntier bla xkiel u sigur għal kapaċitajiet tal-computing ta' prestazzjoni għolja, għall-cloud, għad-data u għall-IA. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jiġu żviluppati, protetti u miżmuma l-infrastrutturi għall-kompetittività, bħan-networks terrestri ewlenin u l-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz f'każ ta' inċidenti kif ukoll li jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' detezzjoni fil-baċiri tal-baħar biex tittejjeb is-sigurtà tal-kejbils sottomarini, kif huwa enfasizzat fil-Komunikazzjoni Konġunta "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils".

(21) Is-saħħa kompetittiva tal-Unjoni tinsab fin-nies tagħha. Il-Boxxla għall-Kompetittività tidentifika l-promozzjoni tal-ħiliet u l-impjiegi ta' kwalità bħala faċilitatur orizzontali. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Marzu 2025 jenfasizzaw li "wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Unjoni tal-ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025, għandhom isiru aktar sforzi biex jissaħħu l-akkwist, ir-rikonoxximent u ż-żamma tal-ħiliet fl-UE kollha, mill-bini ta' ħiliet bażiċi għal impenn fit-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu". Djalogu b'saħħtu huwa parti minn dawk l-isforzi. Il-kapital uman u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma kruċjali għall-prosperità sostenibbli tal-Unjoni, ir-reżiljenza ekonomika tagħha u l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha. Huwa essenzjali li titrawwem prosperità sostenibbli, inkluż impjiegi ta' kwalità għolja, billi tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività, filwaqt li s-setturi ekonomiċi tal-Unjoni jsiru aktar kompetittivi u innovattivi, jiġu attirati investimenti addizzjonali, u jiġu appoġġati suq uniku dinamiku u sigurtà ekonomika mtejba. Jenħtieġ li l-FEK jikkontribwixxi għall-Unjoni tal-ħiliet<sup>12</sup> billi jappoġġa l-iżvilupp ta' forza tax-xogħol kwalifikata mgħammra bil-ħiliet speċifiċi meħtieġa fl-oqsma strateġiċi ta' investiment tal-FEK, permezz tat-tagħlim tul il-ħajja, l-edukazzjoni, proġetti ta' taħriġ u apprendistati, u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità attraenti li jkunu aċċessibbli għal kulħadd u billi jakkumpanja l-investimenti tal-FEK b'investiment fil-ħiliet biex jittaffa n-nuqqas ta' ħiliet fis-settur strateġiku partikolari tal-FEK. Dan jenħtieġ jinkludi l-Garanzija Ewropea tal-ħiliet li tippermetti lill-ħaddiema f'setturi li għaddejjin minn ristrutturar biex iġeddu u jtejbu l-ħiliet, f'konformità mal-istrateġiji ta' tranżizzjoni nazzjonali, reġjonali jew settorjali rilevanti. Jenħtieġ li l-FEK jappoġġa l-informazzjoni dwar il-ħiliet, inkluż l-analiżi tad-diskrepanza fil-ħiliet, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, u jrawwem sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-universitajiet, il-fornituri tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali ("VET"), in-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka applikata u tat-teknoloġija. Jenħtieġ ikun possibbli wkoll li l-FEK jappoġġa l-attivitajiet tal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, inkluż f'kooperazzjoni mal-impjegaturi, biex itejjeb it-twettiq tagħhom fir-rigward tal-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet u t-talent.

---

<sup>12</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, L-Unjoni tal-ħiliet, COM(2025) 90 final, 5.3.2025.

(21a) Il-FEK jenħtiegħ li jappoġġa azzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, l-azzjoni klimatika, l-innovazzjoni u l-kompetittività fl-oqsma kollha koperti mill-programm LIFE taħt il-QFP 2021-2027, inkluż l-ekonomija ċirkolari, in-natura u l-bijodiversità, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. L-"attivitajiet LIFE" jenħtiegħ li jippreservaw il-karatteristiċi essenzjali tal-programm LIFE, filwaqt li jiżguraw appoġġ kontinwu għal proġetti innovattivi minn isfel għal fuq u għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fir-rigward tat-tranżizzjoni nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali, u s-sensibilizzazzjoni dwar il-klima u l-ambjent għal-livelli ta' governanza rilevanti kollha.

(22) Il-FEK jenħtieġ jikkontribwixxi għall-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea billi jippromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji nodfa u tal-katini tal-provvista tagħhom. Il-FEK jenħtieġ jappoġġa l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-klima u l-enerġija u tal-Patt għal Industrija Nadifa, billi jagħmel it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni xprunaturi ta' tkabbir u kompetittività tal-industrija Ewropea. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-FEK jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni b'approċċ teknoloġikament newtrali, li jinkludi soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li jirrikonoxxi l-kontribut ta' teknoloġiji differenti għall-ibbilanċjar tal-grilja u l-akkoppjament tas-settur, biex jallinja b'mod partikolari mal-ħtiġijiet ta' investiment tas-setturi intensivi fl-enerġija. Barra minn hekk, jenħtieġ li javvanza l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli, filwaqt li jiżgura enerġija sigura, affordabbli, effiċjenti, rinnovabbli u nadifa għall-Ewropej kollha. Il-FEK jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-bidla lejn ekonomija dekarbonizzata, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, newtrali għall-klima, reżiljenti għall-ilma u b'bażi bijoloġika, inkluża t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tal-SMEs, pereżempju fit-turiżmu, fit-trasport, fil-kostruzzjoni u f'setturi ekonomiċi oħra. Jenħtieġ jappoġġa l-produzzjoni industrijali sostenibbli, pożittiva għan-natura u reżiljenti f'industriji intensivi fl-enerġija fl-Unjoni, f'konformità mal-objettivi tal-proposta għall-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali. Jenħtieġ jappoġġa l-materjali avvanzati f'konformità mal-objettivi tal-Att dwar il-Materjali Avvanzati li jmiss. Jenħtieġ jappoġġa wkoll l-objettivi tar-Regolament (UE) 2024/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup> ("l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti"), filwaqt li jsaħħaħ il-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u ż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni u jappoġġa l-investimenti f'infrastruttura relatata.

---

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tiħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj>).

- (22a) Għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, il-FEK jenħtieġ li, fost l-oħrajn, jinvesti, filwaqt li jikkomplementa strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, fl-iżvilupp ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u fl-elettrifikazzjoni. Dan jinkludi wkoll infrastruttura relatata, bħall-infrastruttura tal-iċċarġjar, u f'assi mobbli, inkluż vetturi, bastimenti bħal bastimenti tas-sajd, inġenji tal-ajru u vetturi ferrovjarji, kif ukoll fil-modernizzazzjoni, fl-awtomatizzazzjoni u fid-diġitalizzazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport, pereżempju l-portijiet, iċ-ċentri tal-enerġija tal-portijiet u l-ferroviji ta' veloċità għolja. Dawn l-inizjattivi jistgħu jappoġġaw l-oġettivi tal-politiki tat-trasport tal-UE, inkluż l-iżvilupp tat-trasport sostenibbli, il-kompetittività u t-trasformazzjoni tal-industrija awtomobilistika u l-ktajjen tal-valur industrijali rilevanti, fid-dawl tal-istrategġiji settorjali u l-pjanijiet ta' azzjoni tal-UE.
- (23) Il-FEK jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, inkluż l-arja, l-ilma, il-kosta, il-baħar, l-art u l-ħamrija, sabiex jitnaqqas it-tniġġis, jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità u tiġi indirizzata d-degradazzjoni tal-ekosistemi terrestri, tal-ilma ħelu u tal-baħar, filwaqt li tissaħħaħ ir-reżiljenza għall-klima u tal-ilma, inkluża r-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima bħan-nixfiet, l-għargħar u l-avvenimenti estremi tat-temp. It-tieqa tat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u d-Dekarbonizzazzjoni tal-FEK jenħtieġ li tiffinanzja proġetti li jikkontribwixxu għal dawk l-oġettivi.
- (24) Il-proġetti u l-attivitajiet fil-qafas tat-tieqa għat-Tranżizzjoni Nadifa u d-Dekarbonizzazzjoni Industrijali jenħtieġ li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea, jippromwovu d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni, il-provvista tal-enerġija u l-użu ta' soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli u nadifa, l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli integrata, il-flessibbiltajiet tas-sistema tal-enerġija, il-ħżin tal-enerġija, ir-rinnovazzjonijiet tal-enerġija, u soluzzjonijiet innovattivi ta' tisħin u tkessiħ kif ukoll l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju innovattivi bbażati fuq in-natura u soluzzjonijiet skont id-domanda għal bini, trasport u industrija nodfa u dekarbonizzati. Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi tal-FEK, il-FEK jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet tal-komponent tal-introduzzjoni tal-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, f'sinerġija ma' [FP10: Orizzont Ewropa].

- (25) Il-produttività tal-manifattura tal-Unjoni tiddependi fuq l-effiċjenza fir-riżorsi, bil-materjal ta' input li jirrappreżenta porzjon sinifikanti tal-kostijiet tal-produzzjoni. L-approċċi ċirkolari għall-materjali, il-prodotti, is-servizzi u l-manifattura jagħtu spinta lill-produttività tar-riżorsi, filwaqt li l-attivitajiet taż-żamma tal-valur bħall-manifattura mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni u t-tiswija jipprovdu opportunitajiet sinifikanti ta' impjieg. Il-FEK jenħtiegħ li jikkontribwixxi għall-bijoekonomija, għall-ekonomija ċirkolari u għall-aċċess għall-materjali inklużi l-bijomaterjali.
- (26) L-Unjoni għandha l-potenzjal li ssir mexxejja globali fit-teknoloġiji diġitali. Il-FEK jenħtiegħ li jippromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' soluzzjonijiet, infrastrutturi u kapaċitajiet diġitali madwar l-Unjoni, u l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avvanzati, inklużi ħiliet taċ-ċibersigurtà, għall-benefiċċju tas-soċjetà u l-ekonomija Ewropea. Minbarra l-appoġġ għall-ħiliet diġitali avvanzati fil-FEK, jenħtiegħ li jiġi appoġġat livell adegwat usa' ta' ħiliet diġitali, inklużi ħiliet bażiċi u intermedji, permezz ta' programmi oħra tal-QFP peress li dawk il-ħiliet huma importanti biex jirfdu l-kompetittività tal-Ewropa.
- (27) In-nuqqas ta' investiment kroniku fis-settur tat-teknoloġija Ewropea huwa waħda mir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' kompetittività tal-Unjoni, meta mqabbla mal-kompetituri globali tagħha. Barra minn hekk, is-sovranità tal-Unjoni fit-teknoloġiji u fl-infrastrutturi diġitali saret kruċjali għar-reżiljenza tal-Unjoni, għas-sigurtà u għad-demokrazija tagħna, kif huwa enfasizzat fir-rapport dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025 li enfasizza wkoll id-diskrepanzi sinifikanti li fadal biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni għall-2030, b'mod partikolari rigward l-iżvilupp tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA), tas-semikondutturi, tal-5G u l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali inklużi l-ħiliet taċ-ċibersigurtà.

- (28) Filwaqt li t-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni qed taċċellera, il-ħafna dipendenzi kritiċi fuq fornituri mhux tal-Unjoni (minn fornituri ta' materja prima, semikondutturi avvanzati, u ċipep tal-IA sa fornituri ta' sistemi, infrastrutturi u servizzi) jirrikjedu alternattivi Ewropej li jankraw it-trasformazzjoni diġitali fl-ekonomija Ewropea, filwaqt li jippreservaw il-valuri kondiviżi tagħna bħala d-differenzjatur essenzjali, inkluż billi jisfruttaw is-setgħa ta' teknoloġiji b'sors miftuħ, standards interoperabbli u soluzzjonijiet b'sigurtà sa mit-tfassil.
- (28a) L-appoġġ għat-tmexxija diġitali huwa xprunat minn inizjattivi ta' politika tal-Unjoni kemm regolatorji kif ukoll mhux regolatorji fil-qasam diġitali, inkluż iżda mhux limitat għal inizjattivi bħal strateġiji, pjanijiet ta' azzjoni, atti legali eżistenti u futuri tal-Unjoni relatati mal-intelliġenza artifiċjali (bħall-Att dwar l-IA, il-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, Strateġija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali fix-Xjenza u l- [proposta tal-Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA]); l-interoperabbiltà; id-data u l-cloud (l-Istrateġija tal-Unjoni tad-Data u l-Att dwar id-Data); l-infrastruttura diġitali u l-konnettività (bħal [il-proposta tal-Att dwar in-Networks Diġitali], il-kejbils sottomarini u l-inizjattivi tal-konnettività tal-kejbils, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils); l-identità diġitali u s-servizzi fiduċjarji (eIDAS2 u l-[proposta dwar il-Kartieri Ewropej tan-Negożju]); it-teknoloġiji kwantistiċi (l-Istrateġija Kwantistika Ewropea tal-UE u l-[proposta tal-Att Kwantistiku]); iċ-ċibersigurtà (bħall-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, l-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà, [il-proposta tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà tat-2] u d-Direttiva NIS2); is-semikondutturi (bħall-[proposta tal-Att dwar iċ-Ċipep tat-2]); u inizjattivi strateġiċi usa' bħall-Istrateġija Diġitali Internazzjonali għall-Unjoni. L-appoġġ għat-tmexxija diġitali jenħtieġ li jiġi implimentat b'koerenza mal-ilħuq tal-miri u l-oġettivi tal-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup>.

---

<sup>14</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/2481/oj>).

(28b) L-oqsma teknoloġiċi ewlenin li għandhom jiġu investiti jinkludu iżda mhumiex limitati għal: l-intelliġenza artifiċjali (inklużi mudelli, algoritmi u għodod tal-IA, tewmin diġitali li jaħdmu bl-IA, IA sostenibbli, faċilitajiet tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni tal-IA); it-teknoloġiji u l-infrastrutturi tal-computing u tad-data ta' prestazzjoni għolja (inklużi l-fabbriki tal-IA, il-gigafabbriki tal-IA u l-ispazji tad-data); it-teknoloġiji u l-infrastrutturi kwantistiċi (inklużi l-computing u s-simulazzjoni, il-komunikazzjonijiet, ir-rilevament); is-semikondutturi (inklużi l-mikroelettronika u l-fotonika, il-materjali u t-teknoloġiji bi spazju bejn il-baned wiesa', id-disinn taċ-ċipep, it-teknoloġiji tal-proċessi, iċ-ċipep kwantistiċi); materjali avvanzati; it-teknoloġiji u s-servizzi tas-software (inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit); ir-realtà awmentata u d-dinjiet virtwali, il-pjattaformi u t-teknoloġiji rilevanti għall-media; ir-robotika (inkluża l-awtomatizzazzjoni) u t-teknoloġiji u l-proċessi tal-manifattura addittivi u diġitali; teknoloġiji u infrastrutturi ta' konnettività (inklużi teknoloġiji telco-edge u cloud, internet tal-oġġetti, teknoloġiji ta' rilevament u komunikazzjoni, teknoloġiji ta' gwida u navigazzjoni, infrastrutturi ta' konnettività avvanzati, networks diġitali, 5G, 6G u teknoloġiji mingħajr fili oħrajn, networks ta' komunikazzjoni — in-networks ewlwnin, backhaul u ta' aċċess u r-reżiljenza tan-network, il-monitoraġġ tal-ispettru tar-radju u l-effiċjenza tal-ispettru, il-kejbils sottomarini, il-kapaċitajiet avvanzati ta' osservazzjoni u tiswija taħt l-ilma); teknoloġiji diġitali ġodda u emerġenti, inklużi teknoloġiji ibridi, teknoloġiji u applikazzjonijiet diġitali transsettorjali, inklużi dawk b'potenzjal ta' użu doppju; infrastrutturi u servizzi diġitali bħall-Kartieri tal-Identità Diġitali tal-UE u s-servizzi fiduċjarji, inkluż [il-Kartieri Ewropej tan-Negożju], teknoloġiji diġitali interoperabbli. L-oqsma trasversali jinkludu: iċ-ċibersigurtà (inklużi l-kriptografija postkwantistika, is-soluzzjonijiet avvanzati taċ-ċibersigurtà, iċ-Ċentri Ċibernetiċi nazzjonali u reġjonali); il-ħiliet diġitali avvanzati, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, il-programmi ta' ħiliet speċjalizzati; appoġġ għall-adozzjoni u l-varar (Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali, in-Network tal-UE għan-Negożji); standardizzazzjoni u interoperabbiltà.

- (28c) It-trawwim ta' oqsma diġitali ewlenin fis-setturi privati u pubbliċi jagħmel l-ekonomija tagħna kollha aktar kompetittiva, sigura, sovrana, u sostenibbli, filwaqt li jsaħħaħ ir-reżiljenza u l-preparatezza tas-soċjetà. Barra minn hekk, it-teknoloġiji diġitali interoperabbli qed jixprunaw il-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku, filwaqt li jservu għall-integrazzjoni tas-suq uniku, li huwa l-aktar pass importanti għalina biex l-istart-ups u l-iscale-ups diġitali Ewropej isiru kompetittivi globalment.
- (28d) L-appoġġ għat-tmexxija diġitali jenħtieġ jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin: l-iżvilupp u t-tiswir ta' teknoloġiji diġitali ewlenin sostenibbli; il-bini ta' ekosistemi diġitali attraenti, kompetittivi u reżiljenti u t-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista; il-bini, l-iżvilupp, l-immodernizzar, it-tlestija u l-implimentazzjoni ta' applikazzjonijiet, infrastrutturi u servizzi diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u sostenibbli, inklużi networks diġitali trans-Ewropej; l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali u l-interoperabbiltà tas-setturi pubbliċi u privati; l-appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni; it-tisħiħ tal-ekosistema taç-çibersigurtà tal-Unjoni u t-titjib tal-livell għoli ta' çibersigurtà fl-Unjoni. Għal raġunijiet ta' kontinwità, u meta jitqies li l-finanzjament huwa essenzjali għall-iżvilupp u l-awtonomija fit-tul tas-settur taç-çibersigurtà, il-koordinazzjoni tal-investimenti fiç-çibersigurtà bejn l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li tiġi żgurata fil-livell tal-Unjoni miç-Çentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riçerka fil-qasam taç-Çibersigurtà (ECCC) u n-Network ta' Çentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (NCCs), fi ħdan il-parametri stipulati fir-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>, jew permezz ta' kwalunkwe miżura oħra li tista' tittieħed għal dan l-għan.

---

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi ç-Çentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riçerka fil-qasam taç-Çibersigurtà u n-Network ta' Çentri Nazzjonali ta' Koordinazzjon (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/887/oj>).

- (29) Il-progress teknoloġiku u l-innovazzjoni f'kull settur ekonomiku, u b'hekk il-produttività u l-kompetittività tagħhom huma essenzjalment xprunati mill-integrazzjoni ta' żviluppi diġitali speċifiċi għas-settur u l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali li jenħtieġ li jiġu appoġġati fil-FEK kollu fil-kuntest tal-attivitajiet żviluppanti fit-twieqi ta' politika differenti tal-FEK.
- (29a) It-tisħiħ tal-livell għoli taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni huwa fundamentali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tagħha. Għalhekk, il-FEK jenħtieġ li jipromwovi ċ-ċibersigurtà mid-disinn billi jinkorpora miżuri taċ-ċibersigurtà fl-attivitajiet rilevanti kollha kif ukoll jappoġġa l-kompetittività tal-ekosistema taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups.
- (29b) Id-dipendenza fuq fornituri minn pajjiżi terzi b'riskju għoli f'setturi kritiċi tista' toħloq riskju strateġiku ta' interferenza barranija u tipperikola s-sigurtà, ir-reżiljenza u s-sovranià tal-Unjoni. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni stabbilit skont id-Direttiva (UE) 2022/2555<sup>16</sup>, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), għandu rwol ewlieni fit-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskju tas-sigurtà kkoordinati fil-livell tal-Unjoni tal-ktajjen tal-provvista kritiċi, b'kunsiderazzjoni tal-fatturi ta' riskju tekniċi u, fejn rilevanti, mhux tekniċi f'konformità ma' dik id-Direttiva.

---

<sup>16</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148; Test b'rilevanza għaż-ŻEE, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2555/2022-12-27>.

- (30) L-Unjoni għandha tipproteġi l-interessi tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll is-sigurtà tagħhom, b'mod partikolari ċ-ċibersigurtà. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, inkluż fil-katina tal-provvista tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), peress li tali fornituri jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti u l-kumpaniji madwar l-Unjoni u l-infrastruttura kritika tal-Unjoni f'termini tal-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tad-data u s-servizzi. Din ir-restrizzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.
- (31) L-użu b'suċċess tal-interoperabbiltà b'mod transfruntier għandu potenzjal sostanzjali u mhux sfruttat, speċjalment għall-kompetittività tan-negozji Ewropej. Għalhekk, huwa essenzjali li jsir investiment fl-iżvilupp ta' infrastrutturi pubbliċi diġitali pan-Ewropej li jinkludu networks, soluzzjonijiet u servizzi diġitali interoperabbli, siguri u sovrani biex jiġi indirizzat ix-xenarju frammentat tal-interoperabbiltà madwar l-Unjoni, biex b'hekk is-settur pubbliku tal-Istati Membri jiġi ttrasformat f'ekosistema diġitali interkonnessa, bla xkiel, u aġli. L-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej fil-livelli kollha hija prekondizzjoni għal settur pubbliku reżiljenti u xprunat mill-innovazzjoni li jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Unjoni ta' kompetittività, sovranià teknoloġika u sigurtà.

(31a) Sabiex jissaħħu l-kompetittività, ir-reżiljenza u l-prosperità fit-tul tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġi promoss approċċ integrat li jirrikonoxxi l-interdipendenza bejn is-saħħa tan-nies, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ekosistemi. L-approċċ "Saħħa Waħda", kif definit mill-Bord ta' Esperti ta' Livell Għoli Saħħa Waħda (OHHLEP) fl-2021, jipprevedi qafas integrat u unifikanti li għandu l-għan li jibbilanċja u jottimizza b'mod sostenibbli s-saħħa tan-nies, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ekosistemi u li jindirizza t-treddid għas-saħħa pubblika, għas-sistemi tal-ikel, għall-bijodiversità u għall-ambjent, billi jtejjeb il-prevenzjoni, it-tnejn u r-reżiljenza, is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni fis-setturi rilevanti kollha. Dan l-approċċ u l-mobilizzazzjoni possibbli ta' dixxiplini u livelli ta' governanza relatati, u bejniethom, jenħtieġ li jiżguraw risponsi ta' politika koerenti u jippermettu lill-Unjoni tissalvagwarda s-sigurtà tas-saħħa, ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, tindirizza t-tibdil fil-klima, tiproteġi r-riżorsi naturali u l-bijodiversità, tissalvagwarda s-sigurtà tal-ikel, u ssaħħaħ il-funzjonament tas-suq uniku.

(32) Sabiex tittnejb is-saħħa pubblika u tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni, huwa kruċjali li tiġi indirizzata ż-żieda u jitnaqqas il-piż tal-mard komunikabbli u mhux komunikabbli permezz ta' strateġiji mmirati għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard u investimenti kontinwi f'sistemi tas-saħħa u fis-setturi tal-farmaċewtika u tal-apparati farmaċewtiċi u mediċi. F'konformità mal-oġettivi tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa u filwaqt li jibnu fuq azzjonijiet li jħallu impatt implimentati skont ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>, tali azzjonijiet, flimkien mal-bini tal-kapaċitajiet, l-iskambju tal-aħjar prattiki, l-azzjonijiet lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa u t-trawwim ta' sistemi tas-saħħa effettivi, aċċessibbli u reżiljenti, jistgħu jagħtu spinta sinifikanti lill-produttività tal-forza tax-xogħol billi jtejbu s-saħħa tal-popolazzjoni u jtaffu n-nuqqas ta' ħaddiema, filwaqt li jappoġġaw ukoll is-sistemi tas-saħħa li jixprunaw l-innovazzjoni. F'dawk l-isforzi huwa essenzjali li jsir użu mid-data dwar is-saħħa biex it-teħid ta' deċiżjonijiet ikun infurmat. Barra minn hekk, l-investimenti fis-settur tas-saħħa, inklużi proġetti strateġiċi identifikati fl-atti legali tal-Unjoni, u t-trawwim ta' innovazzjoni responsabbli li tirrifletti l-valuri tal-Unjoni billi tissolidifika u tissimplifika l-perkors ibbażat fuq l-evidenza minn skoperti mediċi għal soluzzjonijiet kummerċjabbli huma kruċjali biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u huma wkoll ta' benefiċċju għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista.

---

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/522/oj>).

- (32a) Il-programm l-UE għas-Saħħa 2021-2027 għamel kontributi sinifikanti f'oqsma ewlenin bħat-tnejn u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa, il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, il-kanċer u l-mard rari. Sabiex jibnu fuq il-progress li sar f'dawn l-oqsma, il-firxa ta' azzjonijiet li qabel kienu appoġġati taħt l-UE għas-Saħħa u mhux koperti minn programmi oħra tal-QFP, jenħtieġ li jitqiesu wkoll taħt il-FEK. B'mod partikolari, għall-prevenzjoni ta' theddid li jista' jwassal għal emerġenzi tas-saħħa, għat-tnejn u għar-rispons għalih, l-azzjonijiet rilevanti li qabel kienu appoġġati taħt l-UE għas-Saħħa jenħtieġ li jkomplu jiġu kkunsidrati taħt il-FEK jekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-oġettivi speċifiċi stipulati f'dan ir-Regolament. Dawk l-azzjonijiet jenħtieġ li jikkomplementaw azzjonijiet ta' natura aktar operazzjonali għall-fini tal-prevenzjoni, it-tnejn u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa mwettqa skont ir-Regolament (UE) [il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għat-tnejn u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa], li jistgħu jinkludu attivitajiet bħas-sorveljanza, l-implimentazzjoni rapida ta' miżuri tas-saħħa pubblika, il-kapaċitajiet ta' riżerva, il-kumulazzjoni ta' riżerva u l-implimentazzjoni ta' kontromiżuri mediċi, u t-taħriġ u l-eżerċizzji.
- (32b) Il-bijoteknoloġija hija waħda mill-aktar teknoloġiji promettenti ta' dan is-seklu bil-kapaċità li tirrevoluzzjona ħafna oqsma tal-ekonomija, inklużi s-saħħa u l-kura tas-saħħa, is-settur agroalimentari, l-industrija, l-ambjent, is-setturi tal-baħar u dawk akkwatiċi. It-tiżni tal-ktajjen tal-valur emerġenti u l-għoti ta' aċċess għall-fondi, il-finanzjament u l-appoġġ imfassal apposta, fejn rilevanti, għall-fornituri tal-kura tas-saħħa, għall-organizzazzjonijiet rilevanti li jwettqu r-riċerka, għall-SMEs, start-ups, scale-ups, spin-offs u għall-innovaturi huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-bijoteknoloġija tipprovdi soluzzjonijiet li jirriflettu l-valuri tal-Unjoni u jikkontribwixxu għar-reżiljenza, is-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-Unjoni.

- (32c) L-agrikoltura hija settur strateġiku, fundamentali għas-sovranità tal-ikel u l-kompetittività tal-Unjoni u għar-reżiljenza ekonomika tagħha. Huwa komponent ewlieni tas-sistemi tal-ikel, li jinkludu l-katina kollha mill-produzzjoni sal-konsum, li jkopru l-agrikoltura, is-sajd, l-akkwakultura, il-produzzjoni tal-ikel u l-għalf, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, il-bejgħ bl-imnut, il-konsum u l-iskart, filwaqt li jinkludu l-industrija agroalimentari. Is-settur agrikolu qed jiffaċċa sfidi dejjem akbar minħabba t-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-ilma, l-għargħar u t-telf tal-bijodiversità, il-fenomeni li jridu jiġu indirizzati biex tiġi ssalvagwardata l-kompetittività tas-settur agrikolu u l-prosperità fit-tul tal-Unjoni. Huwa kruċjali li l-produtturi tal-agrikoltura u tal-ikel jingħataw il-kapaċità u s-soluzzjonijiet konkreti għat-tranżizzjoni lejn settur agrikolu sostenibbli, newtrali għall-klima, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u intelliġenti fl-użu tal-ilma. Dan jikkontribwixxi għall-kwalità u s-sigurtà tal-ilma fit-tul għall-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf, għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u għas-salvagwardja tal-bijodiversità. B'mod ġenerali, hemm bżonn li jitrawmu l-kompetittività, l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ġustizzja tas-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-forestrija, kif ukoll taż-żoni rurali u kostali, filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fit-tul tal-Unjoni u jiġu salvagwardati s-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti.
- (33) Il-bijoeconomija hija magna tat- tkabbir li tippermetti lill-Ewropa tagħmel suċċess mit-tranżizzjoni ekoloġika u ssaħħa il-kompetittività u l-awtonomija strateġika tagħha. Għalkemm il-bijoeconomija tal-Ewropa diġà qed issawwar mill-ġdid l-ekosistemi industrijali, issaħħa l-awtonomija strateġika, u tiftaħ il-valur fis-setturi strateġiċi kollha, huwa kruċjali li jissaħħu l-investimenti, l-inizjattivi u l-istrateġiji fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex tinġieb minn niċċa għan-norma fis-setturi u r-regġuni kollha tal-Unjoni, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tagħha, u b'mod partikolari għall-industriji ewlenin.

- (34) L-investimenti, l-inizjattivi u l-istrateġiji huma meħtieġa biex titneħħa d-diskrepanza fl-innovazzjoni u biex jiġu aċċellerati l-iskoperta, l-iżvilupp, it-tneħħija tar-riskji, id-dimostrazzjoni, l-l-iscale-up u l-manifattura ta' innovazzjonijiet tal-bijoekonomija, biex tiġi appoġġata l-adozzjoni tagħhom mis-suq, sabiex jiġi pprovdut finanzjament tul il-vjaġġ tal-innovazzjoni għall-istart-ups u biex jespandu l-kumpaniji bi tkabbir għoli, sabiex tiġi massimizzata l-effiċjenza fir-riżorsi u biex tiġi żgurata l-provvista tal-bijomassa miksuba b'mod sostenibbli. Il-bijoekonomija tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni, billi tipprovdi alternattivi sostenibbli għall-prodotti u l-proċessi bbażati fuq il-fossili, iżda anki għaċ-ċirkolarità, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, il-kultivazzjoni karbonika, il-biodiversità, is-servizzi ekosistemiċi u r-restawr tan-natura.
- (35) It-trawwim tar-reżiljenza tal-industrija Ewropea u s-setturi ekonomiċi strateġiċi tagħha huwa essenzjali biex l-Unjoni tibqa' kompetittiva anke fi żminijiet ta' kriżi u huwa essenzjali għas-sigurtà tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata dik ir-reżiljenza tagħha, il-FEK jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet immirati biex inaqqsu d-dipendenzi u jdiversifikaw il-provvista f'setturi strateġiċi bħas-settur tal-materja prima, u b'hekk isaħħu l-kapaċitajiet tal-Unjoni għal provvista sigura ta' materja prima kritika sostenibbli tul il-katina tal-valur kollha f'konformità mal-obiettivi tar-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>18</sup> ("l-Att dwar il-Materja Prima Kritika"), li jirfdu s-setturi kollha tal-industrija. L-insewiment ta' aġenda kummerċjali ambizzjuża u ta' benefiċċju reċiproku huwa essenzjali għall-kapaċità tal-Unjoni li tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista tagħha u tnaqqas id-dipendenzi b'mod effettiv. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Materja Prima Kritika jenħtieġ li jinforma lill-kumitat skont dan ir-Regolament li jiltaqa' bħala l-Kumitat Ġenerali tal-FEK jew il-Kumitat tar-Reżiljenza dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ għal ktajjen tal-valur reżiljenti tal-materja prima kritika.

---

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jstabilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj>

- (36) Barra minn hekk, il-kuntest ġeopolitiku, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, espona lill-Unjoni u lill-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li għandhom frontieri mar-Russja, il-Belarusja u l-Ukrajna, għal riskju għoli ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali, kif enfasizzat fil-komunikazzjoni tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, u b'hekk ħoloq sitwazzjonijiet ta' investment subottimali u għamilha prijorità li jsir aktar investment fid-difiża. L-industrija tad-difiża u l-ispazju huma ekosistemi ewlenin biex jiġu żgurati r-reżiljenza, il-preparatezza u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u tiżdied il-prontezza tad-difiża tal-Unjoni. Din tappoġġa wkoll l-enfasi tal-Unjoni fuq is-sostenibbiltà, il-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sigurtà u l-pożizzjoni tal-Unjoni fid-dinja. Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) hija prerekwiżit indispensabbli għall-prontezza industrijali tad-difiża u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet. Hija essenzjali wkoll għall-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni, biex tiżgura l-kapaċità tal-Unjoni li twieġeb għall-isfidi emerġenti għas-sigurtà, tappoġġa lill-Ukrajna u żżomm il-pożizzjoni tal-Unjoni bħala attur globali. L-EDTIB hija rikonoxxuta bħala assi strateġiku, li jikkontribwixxi għar-reżiljenza ekonomika u s-sigurtà, l-innovazzjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Madwar l-Unjoni u l-Istati Membri, is-settur tad-difiża qed jevolvi b'mod rapidu, b'teknoloġiji avvanzati u atturi ġodda li għandhom rwol dejjem aktar importanti. Iċ-ċikli ta' innovazzjoni qed jaċċelleraw ukoll, b'enfasi dejjem akbar fuq il-prototipar, l-ittestjar u l-validazzjoni rapidi, inkluż f'ambjenti operazzjonali reali. Sabiex jittejjeb it-trasport militari, jeħtieġ li jiġu żviluppati investimenti fil-kapaċitajiet tat-trasport u l-loġistika b'użu doppju kif ukoll fil-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura b'użu doppju u fil-ħżin tal-fjuwil u s-sistemi ta' akkumpanjament, filwaqt li titqies kwalunkwe valutazzjoni tar-rilevanza tagħhom magħmula mill-Istati Membri jew fil-kuntest tal-PESK.

Jenħtieġ li l-iżvilupp tal-ħżin tal-fjuwil u s-sistemi ta' akkumpanjament jeskludi l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni ta' infrastrutturi ġodda tal-pipelines tal-fjuwil u l-estensjoni ta' dawk eżistenti. Għalhekk, l-appoġġ koordinat u sostnut għall-EDTIB, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' proġetti tad-difiża ta' interess komuni madwar l-Unjoni kollha, huwa kruċjali biex jissaħħu l-prontezza industrijali tad-difiża u s-sigurtà kollettiva tal-Unjoni u tal-Istati Membri. [Fir-rigward ta' dan, jenħtieġ li jiġu ffinanzjati wkoll azzjonijiet li jappoġġaw it-tiżni tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, peress li l-industrija tagħha ser tkun essenzjali biex tappoġġa l-ħtiġijiet ta' difiża akbar Ewropej.] L-appoġġ għall-politika industrijali tad-difiża taħt il-FEK jiġi implimentat filwaqt li jitqiesu l-oġettivi tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża u jenħtieġ li jkun konsistenti mal-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża maqbuli b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni (PESK), b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP), u mal-opportunitajiet kollaborattivi identifikati fir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD). Barra minn hekk, jenħtieġ li l-FEK iqis kif xieraq u, fejn rilevanti, ifittex allinjament mal-kooperazzjoni tal-Istati Membri fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u l-inizjattivi u l-proġetti tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA). Jenħtieġ li l-FEK iqis ukoll kif xieraq l-attivitajiet rilevanti mwettqa mill-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO), inkluż il-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO. Il-FEK jenħtieġ jirrispetta bis-sħiħ il-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri.

(36a) (...)

(36b) Jenħtieġ li l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-Ukrajna, jew SEAP, ikunu jistgħu jistabilixxu, jimmaniġġaw u jżommu riżervi tal-prontezza industrijali tad-difiża magħmula minn prodotti tad-difiża li l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-Ukrajna jistgħu jixtru jew jużaw faċilment, bil-għan li tissaħħaħ il-kompetittività tal-EDTIB u r-rikostruzzjoni, l-irkupru u l-modernizzazzjoni tad-DTIB tal-Ukrajna. Tali riżervi, li jkunu jikkonsistu fi stokkijiet ta' prodotti tad-difiża akkwistati mill-EDTIB jew mid-DTIB tal-Ukrajna, jattiraw id-domanda u jżidu l-prevedibbiltà għas-settur tad-difiża. Jagħtu sinjali pożittivi lill-industrija tal-Unjoni u tal-Ukrajna, filwaqt li jinċentivawhom jipproduċu prodotti tad-difiża u jinvestu għall-fini tal-bini tal-kapaċitajiet industrijali f'dak is-settur.

- (37) It-teknoloġija, id-data u s-servizzi spazjali tal-Unjoni saru indispensabbli fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej u jaqdu rwol essenzjali fil-ħarsien tal-interessi strateġiċi. L-ispazju jikkontribwixxi għas-setturi kollha tal-ekonomija mill-agrikoltura sal-banek, it-telekomunikazzjoni, it-tnejjija u l-ġestjoni tad-diżastri. Huwa faċilitatur kritiku għas-sigurtà u d-difiża, il-funzjonament tajjeb tas-soċjetà u l-kompetittività tal-ekonomija, pereżempju billi jipprovdi servizzi ta' pożizzjoni preċiżi għal spettru wiesa' ta' setturi u utenti, inklużi l-forom kollha ta' trasport, u b'hekk għandu rwol ewlieni għall-indipendenza u s-sovranià tal-Ewropa. L-ispazju huwa kruċjali għall-kisba tal-prijoritajiet tal-Unjoni u l-għanijiet strateġiċi tagħha, inkluż għall-prosperità ekonomika, it-tkabbir sostenibbli u s-sigurtà ekonomika, id-dekarbonizzazzjoni, il-protezzjoni tal-ambjent, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. L-ispazju jikkontribwixxi għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dan jixpruna wkoll ir-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni teknoloġika, b'effetti konsegwenzjali f'firxa wiesgħa ta' setturi. Fl-aħħar nett, l-ispazju joffri pjattaforma għall-kooperazzjoni internazzjonali u d-diplomazija spazjali, li ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni bħala sieħeb affidabbli fix-xena globali.
- (38) Il-komponenti spazjali taħt il-FEK jenħtieġ li jipprovdu servizzi operazzjonali robusti u kompletament affidabbli u jiżguraw id-disponibbiltà ta' dawk is-servizzi fuq żoni ta' servizz definiti. Jenħtieġ li jiġu żgurati l-kontinwità, l-integrità u r-reżiljenza tas-servizzi operazzjonali u livell għoli ta' sigurtà, anke fl-aktar sitwazzjonijiet ta' kriżi serji, inkluż permezz ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni. L-interruzzjoni ta' dawk is-servizzi tista' potenzjalment jkollha konsegwenzi severi għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Sabiex dawn jiġu evitati, jenħtieġ li japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni u l-urġenza estrema għas-servizzi lill-utenti governattivi awtorizzati u għas-Servizz Pubbliku Regolat ta' Galileo. Barra minn hekk, bil-ħsieb li tiġi protetta s-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri, il-parteeipazzjoni fis-subkomponent tas-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju (SST) jenħtieġ li tkun miftuħa biss għan-Norveġja, minħabba l-lokalizzazzjoni strateġika tagħha u li l-parteeipazzjoni tagħha tista' tkun ta' benefiċċju għall-infrastrutturi tal-SST.

(38a) Fir-rigward tal-għotjiet mogħtija fis-settur spazjali, l-esperjenza wriet li l-adozzjoni mill-utenti u mis-suq taħdem aħjar b'mod deċentralizzat. Il-miżuri eżistenti bl-ogħla rata ta' suċċess fost il-partiċipanti ġodda u l-SMEs, bħall-vawċers, ġew imxekkla mil-limitu massimu fuq l-appoġġ finanzjarju, li għalhekk jenħtieġ jiżdied għas-settur spazjali. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati fis-settur spazjali jiffaċċjaw kostijiet indiretti speċifiċi, bħal fir-rigward tas-sigurtà jew l-użu ta' faċilitajiet speċifiċi tal-ittestjar. Għalhekk, ir-rata fissa applikabbli tal-kostijiet indiretti jenħtieġ tkun sa massimu ta' 25 % tal-ispejjeż eliġibbli diretti totali. Barra minn hekk, meta l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali stabbilita f'konformità mar-Regolament [EUSPA] (UE) xx/xx\* ("l-Aġenzija") tiġi fdata bl-isfruttament ta' komponent spazjali, jenħtieġ li tkun tista' tkompli tafda kompiti lil entitajiet oħra, filwaqt li tevita d-duplikazzjoni bla bżonn tax-xogħol, biex tiżgura implimentazzjoni effiċjenti.

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl 2026/0084(COD)

(38b) Fi [*daħħal id-data*], il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Kunsill approva l-*Ħtiġijiet tal-Utenti Militari Ċivili ta' Livell Għoli għas-Servizzi Governattivi għall-Osservazzjoni tad-Dinja (EOGS)*, li tħejjew mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u li magħhom ġew integrati r-rekwiżiti tal-utenti militari identifikati mill-EDA fl-Objettiv Komuni tal-Istat Maġġur tagħha adottat f'April 2026 u l-*Ħtiġijiet tal-utenti ċivili miġbura mill-Kummissjoni*. B'kont meħud ta' dawk il-*Ħtiġijiet tal-Utenti Militari Ċivili ta' Livell Għoli*, jeħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tas-Servizz tal-EOGS permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Minħabba l-impatt potenzjali fuq l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri u tal-interessi tal-PESK tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp u l-operazzjonijiet ta' missjonijiet u infrastruttura ġodda ta' osservazzjoni tad-Dinja fil-kuntest tal-EOGS jeħtieġu l-eżerċizzju ta' setgħat ta' implimentazzjoni, li jenħtieġ li jingħataw lill-Kunsill. Jenħtieġ li l-Kunsill jiddeċiedi dwar proposta mill-Kummissjoni, li ser tkun ibbażata fuq analiżi tad-diskrepanzi. Minħabba r-rwol strumentali tas-SatCen fl-appoġġ tat-teħid awtonomu tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri, jenħtieġ li s-SatCen jiġi fdat bil-kompiti relatati mal-operazzjonijiet tas-Servizzi tal-EOGS u d-Data tal-EOGS. F'konformità mal-Artikolu 40 TUE u l-Artikolu 4(2) TUE, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' politiki ta' aċċess, restrizzjonijiet u prijoritizzazzjoni għall-forniment ta' Servizzi tal-EOGS lil utenti awtorizzati tirrispetta l-interessi tal-PESK tal-Unjoni u l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-aċċess minn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali għas-Servizzi tal-EOGS u għad-Data tal-EOGS jkun soġġett għal ftehimiet internazzjonali.

- (39) Filwaqt li s-sigurtà nazzjonali tibqa' kompetenza tal-Istati Membri, il-protezzjoni tagħha tirrikjedi kooperazzjoni u koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Il-FEK jenħtieġ li jappoġġa l-għanijiet ta' politika ta' Ewropa aktar sikura u aktar sigura li tkun imħejjija aħjar kontra t-theddid għas-sigurtà, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea u l-awtonomija strateġika, inklużi s-sigurtà marittima u doganali, l-infrastruttura kritika tal-enerġija tat-trasport u l-preparatezza ċivili. Sabiex jiġi indirizzat it-theddid dejjem akbar għas-sigurtà bħat-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità serja u organizzata, il-kriminalità ffaċilitata miċ-ċibernetika u l-attakki fuq l-infrastruttura kritika, kif ukoll id-diżastri klimatiċi u t-theddid ibridu, jenħtieġ li l-FEK jappoġġa l-isforzi tal-Ewropa biex iżżid is-sensibilizzazzjoni tagħha dwar it-theddid, tibni r-reżiljenza tagħha, inkluż ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2022/2557<sup>19</sup> u ta' entitajiet oħra li jistgħu jitqiesu ta' importanza kritika f'każ ta' theddid għas-sigurtà, tagħti spinta lill-investimenti tagħha fis-sigurtà u tippromwovi l-preparatezza tagħha mit-tfassil fis-setturi rilevanti kollha.
- (40) Dejjem aktar, l-istess teknoloġiji qed jintużaw għal applikazzjonijiet ċivili u tad-difiża, li spiss ikunu xprunati minn start-ups u innovaturi. Għalhekk huwa imperattiv li jinstabu miżuri biex jiġu sfruttati aħjar is-sinerġiji potenzjali ċivili-ta' difiża u ta' teknoloġiji b'użu doppju, u b'hekk jikkontribwixxu wkoll għar-reżiljenza tas-sigurtà reġjonali. It-teknoloġiji, il-materjali, l-għarfien, jew il-prodotti b'użu doppju li jistgħu jintużaw kemm għal skopijiet ċivili kif ukoll militari jistgħu jiġu appoġġati fil-FEK kollu, biex tiġi żgurata rabta aħjar tal-industrija teknoloġika tal-Unjoni mal-bażi industrijali tad-difiża tagħha kif ukoll mal-kapital tal-innovazzjoni teknoloġika tal-Unjoni.

---

<sup>19</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj>).

- (41) [Sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-partijiet ikkonċernati u jiġi pprovdut livell suffiċjenti ta' ċertezza għall-ippjanar tal-investment, il-FEK jenħtieġ li jistipula distribuzzjoni baġitarja indikattiva fit-twieqi ta' politika għall-perjodu 2028 sal-2034 filwaqt li jżomm il-flessibbiltà għar-riallokazzjoni ta' partijiet tal-baġit f'konformità ma' sfidi ġodda u prijoritajiet emerġenti matul id-durata tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.] Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi żgurat li ċertu pakkett baġitarju minimu jkun disponibbli għall-ippjanar u l-impenji fuq terminu twil imqassma fuq diversi snin f'pagamenti annwali f'kull tieqa ta' politika, li jippermettu lill-Unjoni tikkonsolida d-domanda tagħha u tidħol f'relazzjonijiet strateġiċi fit-tul mar-riċevituri, tipprovdi prevedibbiltà fuq terminu twil lill-industrija u lill-ekosistema finanzjarja, u tippermetti l-istabbiliment ta' infrastrutturi importanti tal-Unjoni, bħal dik għall-ġestjoni tal-idroġenu u tal-karbonju industrijali, sistemi bis-satellita ta' klassi dinjija, infrastrutturi ta' osservazzjoni taħt l-ilma, iċ-ċibersigurtà, is-semikondutturi, il-computing kwantistiku, IA u ta' prestazzjoni għolja jew l-infrastruttura kritika, u proġetti tad-difiża jew tal-ispazju ta' interess komuni.
- (42) [Sabiex jintlaħqu l-oġettivi importanti u jiġi ġestit il-FEK, jenħtieġ li jiġi pprovdut livell suffiċjenti ta' riżorsi għall-implimentazzjoni tal-FEK. Għalhekk, il-pakkett baġitarju jenħtieġ li jipprovdi kontribuzzjoni suffiċjenti għall-ispiża tal-ġestjoni tal-FEK.]

- (43) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup> (ir-"Regolament Finanzjarju") japplika għal dan ir-Regolament. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>21</sup>, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95<sup>22</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>23</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939<sup>24</sup>, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, meta jkun xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi.

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

<sup>21</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj>).

<sup>22</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj>).

<sup>23</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 292.15.1996, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj>).

<sup>24</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutor Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>).

B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) għandu jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jstabilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa kompetenti biex jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>25</sup> F'konformità mar-Regolament, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-siħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, kif xieraq, lill-UPPE tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (44) Sabiex tiġi promossa l-kompetittività tal-Unjoni, il-FEK jenħtieġ li, minbarra l-baġit tiegħu, jattira u jiġġenera, kull fejn ikun possibbli, dħul estern assenjat addizzjonali. F'dan ir-rigward, il-FEK jenħtieġ ikun miftuħ u jiffaċilita sinerġiji u kooperazzjoni għal kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja jew mhux finanzjarja li tista' tappoġġa l-oġettivi tal-kompetittività, inkluż mill-Istati Membri, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

---

<sup>25</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj>).

- (45) Sabiex tiġi promossa r-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, il-FEK jenħtieġ li jippermetti l-preferenza tal-Unjoni ta' appoġġ għall-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji u setturi strateġiċi li jinsabu fl-Unjoni, b'mod partikolari għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi u l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni. Huwa essenzjali li l-finanzjament tal-Unjoni jikkontribwixxi għall-użu ta' teknoloġiji strateġiċi żviluppati fl-Unjoni u ffinanzjati permezz ta' finanzjament tal-Unjoni. Sabiex jappoġġa l-iżvilupp u l-manifattura fl-Unjoni ta' teknoloġiji strateġiċi ffinanzjati mill-Unjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEK jikkundizzjona l-appoġġ tiegħu permezz ta' restrizzjonijiet fuq il-kontroll, restrizzjonijiet fuq it-trasferimenti tal-assi u restrizzjonijiet fuq il-provvista għall-użu ta' prodotti u teknoloġiji speċifiċi.
- (46) L-attivitajiet tal-FEK jenħtieġ li jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, fejn dan ikun fl-interess tal-Unjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Unjoni li tippermetti assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali ta' pajjiżi terzi mal-attivitajiet iffinanzjati taħt il-FEK fejn ikunu fis-seħħ ftehimiet internazzjonali rilevanti ma' dak il-pajjiż u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fih. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jinkludu wkoll il-kategorija ta' mikrostat Ewropej (il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco, ir-Repubblika ta' San Marino u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan). Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni tkun soġġetta għal bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiżi terzi u tiżgura l-protezzjoni tal-interess finanzjarju u tas-sigurtà tal-Unjoni. Meta tittieħed deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ jiġu osservati l-prerogattivi rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 218 TFUE.

(47) Il-FEK jenħtieġ li jkun miftuħ u jiffaċilita sinerġiji ma' attivitajiet oħra tal-Unjoni li jappoġġaw oqsma ta' politika marbuta mill-qrib mal-kompetittività, inkluż il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-politiki u l-programmi esterni b'għestjoni kondiviżi mal-Istati Membri. Dan jenħtieġ li jippermetti l-kombinament u l-akkumulazzjoni ta' finanzjament għal azzjonijiet li jappoġġaw l-oġettivi ta' aktar minn qasam ta' politika wieħed tal-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi għall-appoġġ għall-politika tal-industrija tad-difiża, jenħtieġ li tkun possibbli l-applikazzjoni ta' sett uniku ta' regoli u l-iffirmar ta' impenn legali uniku għall-ammont kollu ta' finanzjament mogħti lil proġett jew azzjoni minn programmi separati. Fi kwalunkwe każ, il-programmi ta' ħidma jenħtieġ li jspesifikaw liema regoli japplikaw. Jenħtieġ li tiġi stabbilita kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komplementarjetajiet bejn il-FEK u r-Regolament (UE) [XXX] [il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali]. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat l-appoġġ ipprovdut skont ir-Regolament (UE) [XXX] [il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali] u taħt il-FEK għal proġetti li jkunu ngħataw is-Siġill tal-Kompetittività, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-valutazzjoni qabel l-attribuzzjoni tas-Siġill tal-Kompetittività u mingħajr preġudizzju għall-għajnuna mill-Istat. Il-kriterji għall-għoti tas-Siġill tal-Kompetittività jenħtieġ li jitfasslu b'mod li jippermetti l-użu tas-Siġill tal-Kompetittività bħala garanzija tal-kwalità li tipprovdni assigurazzjonijiet lill-investituri istituzzjonali li l-proġett ġie eżaminat kif xieraq. Is-Siġill tal-Kompetittività jenħtieġ li jingħata lil proġetti ta' kwalità għolja li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-FEK, inkluż għal proġetti strateġiċi skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u r-Regolament (UE) 2025/102 ("l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi") u proġetti strateġiċi oħra identifikati fl-atti legali tal-Unjoni, u l-lista ta' proġetti li ngħataw is-Siġill tal-Kompetittività jenħtieġ li tkun disponibbli soġġett għar-regoli applikabbli dwar il-pubblikazzjoni u l-kunfidenzjalità. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEK jiġi implimentat b'mod konġunt ma' programmi oħra tal-Unjoni jew ma' kodonaturi jew ma' koinvestituri oħra, u dawk il-kodonaturi u l-koinvestituri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw f'kumitati ta' evalwazzjoni għal proċeduri ta' aġġudikazzjoni ffinanzjati b'mod konġunt. L-implimentazzjoni ta' dawk l-attivitajiet kollha ta' sinerġija jenħtieġ li tkun sempliċi. Ir-rekwiżiti ta' rapportar u ta' żamma tar-rekords għar-riċevituri jenħtieġ li jitnaqqsu, fejn possibbli għal fluss kuntrattwali uniku ta' rapportar u ta' pagament b'sett uniku ta' regoli għall-appoġġ kollu pprovdut.

- (48) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jiffoka fuq il-kisba tal-oġġettivi ta' politika u l-valur miżjud Ewropew. Fil-każijiet kollha, il-finanzjament tal-FEK jenħtieġ jiġi pprovdut fil-forma li tista' tilħaq bl-aħjar mod l-oġġettivi tiegħu, filwaqt li jiġi limitat il-piż amministrattiv għar-riċevituri għall-minimu assolut. Meta jimplementa l-baġit, il-FEK jenħtieġ li jipprovdi s-sett sħiħ ta' għodod ta' appoġġ tal-Unjoni u jiżgura sinerġiji bejn il-politiki appoġġati tiegħu, b'mod partikolari billi jippermetti proċeduri ta' aġġudikazzjoni komuni simplifikati biex jiġu segwiti l-oġġettivi ta' aktar minn politika waħda. L-eliminazzjoni tar-rapportar finanzjarju li huwa ta' piż permezz tal-użu l-aktar wiesa' possibbli ta' finanzjament mhux marbut mal-kost jenħtieġ li tiġi segwita bħala miżura ewlenija ta' simplifikazzjoni.
- (49) [Il-FEK jenħtieġ li jappoġġa sett varjat ta' politiki li jikkontribwixxu għall-kompetittività, filwaqt li jipprovdi sett armonizzat ta' linja bażi ta' kriterji ta' eliġibbiltà biex jipprovdi direzzjoni politika u jiżgura livell suffiċjenti ta' protezzjoni tal-interessi ekonomiċi u ta' sigurtà billi jiffoka l-appoġġ tal-Unjoni fuq ir-riċevituri fl-Istati Membri, inklużi l-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej. Fejn meħtieġ, il-FEK jenħtieġ li jistabilixxi kundizzjonijiet speċifiċi ta' eliġibbiltà għal setturi u teknoloġiji strateġiċi, inklużi ktajjen tal-valur sottostanti, infrastrutturi kritiċi tal-Unjoni u kapaċitajiet speċifiċi.]

(50) Il-FEK jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma kif stipulat f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-programmi ta' ħidma jiġu adottati f'format annwali jew preferibbilment pluriennali, skont in-natura u l-oġettiv tal-attivitajiet. B'mod partikolari, il-format pluriennali jenħtieġ li jiġi kkunsidrat għall-finijiet tal-appoġġ tal-Unjoni pprovdut għal garanziji baġitarji u strumenti finanzjarji, bil-ħsieb li tiġi pprovduta prevedibbiltà lis-šhab ta' implimentazzjoni. Għall-kontribuzzjonijiet tat-twieqi ta' politika għall-Istrument InvestEU tal-FEK, is-sieħeb/šhab ta' implimentazzjoni rilevanti jistgħu jiġu kkonsultati minn qabel biex jiġu żgurati l-implimentabbiltà u l-fattibbiltà tagħhom. Il-mod ta' implimentazzjoni magħżul tal-FEK jirrifletti l-ħtiġijiet identifikati għad-direzzjonalità, il-flessibbiltà, il-prevedibbiltà u l-effiċjenza, li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament. F'konformità mar-Regolament (UE Euratom) 2024/2059, il-programmi ta' ħidma u d-dokumenti tas-sejħa għandhom jistipulaw aktar dettalji tekniċi ta' implimentazzjoni għall-baġit fis-sett kollu ta' politiki appoġġati mill-FEK, inklużi kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà u għall-aġġudikazzjoni skont l-istrument tal-implimentazzjoni tal-baġit, kemm jekk għotjiet, kif ukoll jekk akkwist, u l-oġettivi speċifiċi tal-politika segwiti. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal fornituri ta' riskju għoli. Meta l-programmi ta' ħidma jistabbilixxu kriterji għall-aġġudikazzjoni, daww jenħtieġ li, fejn applikabbli, iqisu l-kwalità u l-impatt tal-proposti fid-dawl tal-oġettivi tal-FEK kif ukoll il-kapaċità tal-proposti li jappoġġaw l-attivitajiet speċifiċi tat-twieqi ta' politika. Il-valutazzjoni tal-proposti jenħtieġ li titwettag f'konformità mal-prinċipji tat-trasparenza, tat-trattament ugwali, tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità. Il-programmi ta' ħidma huma wkoll il-post xieraq għall-allokazzjoni tal-baġit f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika li qed jevolvu, u jenħtieġ li jistipulaw il-kontribuzzjonijiet, il-kundizzjonijiet speċifiċi u r-riżultati mistennija. Il-programmi ta' ħidma jenħtieġ li jindirizzaw oqsma prijoritarji li jikkontribwixxu bl-aktar mod effettiv u effiċjenti biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan il-programm.

- (50a) L-SMEs huma parti integrali mill-ekonomija Ewropea u sors importanti ta' potenzjal ta' impjiegi u tkabbir, iżda qed jiffaċċjaw ukoll sfidi u ostakli li jistgħu jeħtieġu attenzjoni speċifika. Sabiex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tal-SMEs jitqiesu kif xieraq, il-programmi ta' ħidma jenħtieġ jiddeskrivu kif għandhom l-għan li jappoġġaw lill-SMEs f'parti dedikata speċifika.
- (51) Sabiex l-istrumenti finanzjarji u l-garanzija baġitarja jattiraw b'mod effettiv il-flus privati, is-sħab ta' implimentazzjoni jeħtieġ li jkunu assoċjati mill-qrib. Dan jiżgura d-direzzjoni u l-allinjament tal-politika, kif ukoll il-ġenerazzjoni ta' riżervi ta' proġetti. L-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba bl-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU jenfasizzaw l-importanza tal-linji gwida dwar l-investment fil-ħolqien ta' din il-proċedura ta' xiri sfurzati u fil-forniment tal-prevedibbiltà u l-viżibbiltà meħtieġa għas-sħab u l-investituri ta' implimentazzjoni, sabiex dawn jistabilixxu l-kapaċitajiet organizzazzjonali tagħhom u joriġinaw ir-riżerva tal-investimenti, filwaqt li jippermettu l-flessibbiltà meħtieġa biex tiġi żgurata direzzjoni ta' politika adegwata matul l-implimentazzjoni. Il-linji gwida dwar l-investment jenħtieġ li jinkludu deskrizzjoni dettaljata tal-oqsma ta' politika ta' intervent u fokus fuq l-investment bl-għan li tiġi żgurata l-addizzjonalità u tiġi inċentivata l-attrazzjoni speċjalment fil-kapital privat u l-investituri istituzzjonali kif ukoll il-finanzjament pubbliku, b'mod proporzjonat, b'appoġġ għall-oġġettivi ta' politika u l-proġetti strateġiċi tal-Unjoni. Il-linji gwida għall-investment jenħtieġ li jitħejjew f'konsultazzjoni mas-sħab ta' implimentazzjoni biex jibbenefikaw mill-għarfien tagħhom dwar is-suq. Dawn jenħtieġ jippermettu lis-sħab ta' implimentazzjoni jinvestu f'oqsma ta' prijorità tal-Unjoni u jinċentivawhom għal aktar teħid ta' riskju, appoġġati mir-rata oġhla ta' proviżjonament għall-Istrument InvestEU tal-FEK. [Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-iżviluppi li qed jevolvu, il-linji gwida dwar l-investment jistgħu jiġu rieżaminati fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP.]
- (52) Il-finanzjament ta' espansjoni tat-teknoloġija profonda mill-Fond Scaleup Europe imħabbar fl-Istrateġija għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up, eżistenti fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitwettaq skont it-termini miftiehma fil-QFP 2021-2027. Il-finanzjament kollu scale-up skont il-QFP 2028-2034 jenħtieġ li jitwettaq skont l-FEK.

(52a) Jenħtiegħ jġu żgurati komplementarjetajiet u sinerġiji bejn il-Fond tal-EIC u l-FEK fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni. L-istrument InvestEU tal-FEK jenħtiegħ li jġi implimentat b'mod partikolari permezz ta' garanziji baġitarji għall-kondiviżjoni tar-riskju u strumenti finanzjarji mis-sħab ta' implimentazzjoni responsabbli direttament jew permezz ta' intermedjarji finanzjarji għall-għażla tal-investimenti. Jenħtiegħ ikun possibbli għall-Istrument InvestEU tal-FEK li jappoġġa kwalunkwe riċevitur finali u investment ekonomikament vijabbli, fi kwalunkwe stadju tal-iżvilupp tagħhom, minn start-up (finanzjament inizjali u tkabbir bikri) sa scale-up, u t-teknoloġiji kollha inkluż dawk trasformattivi. Jenħtiegħ ikun possibbli għall-appoġġ tal-Unjoni ttrasferit lir-riċevituri finali li jieħu firxa wiesgħa ta' forum, pereżempju, self, garanziji, kważi ekwità u investimenti ta' ekwità. Il-Fond tal-EIC jenħtiegħ jipprovdi appoġġ fil-forma ta' investimenti ta' ekwità diretti lill-kumpaniji. Id-deċiżjonijiet ta' investment mill-Fond tal-EIC jenħtiegħ li jkun fihom valutazzjoni biex jġi żgurat li l-Fond tal-EIC jinvesti f'riċevituri finali (tipikament start-ups ta' teknoloġija profonda) li ma jistgħux jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament kollha tagħhom minn sorsi tas-suq jew mill-FEK, minħabba l-livell ta' riskju involut f'teknoloġiji ġodda jew swieq ġodda. Jenħtiegħ ikun possibbli għas-Servizzi ta' Aċċellerazzjoni tan-Negożju tal-EIC li jipprovdu appoġġ mhux finanzjarju lill-benefiċjarji u lir-riċevituri finali tal-EIC, u jimmiraw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom relatati ma' teknoloġija profonda u innovazzjoni rivoluzzjonarja, filwaqt jenħtiegħ li l-Konsulenza għall-Proġetti tal-FEK tkun tista' tipprovdi servizzi ta' konsulenza usa' b'appoġġ għal firxa usa' ta' benefiċjarji. Jenħtiegħ li jinħolqu sinerġiji sabiex ir-riċevituri finali tal-Aċċelleratur tal-EIC u tal-Fond tal-EIC ikunu jistgħu jġu ffinanzjati fil-fażi ta' espansjoni tagħhom mill-Istrument InvestEU tal-FEK, partikolarment il-Faċilità għall-iScale-ups, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet rilevanti. Jenħtiegħ li dawn il-komplementarjetajiet jġu żgurati, pereżempju bil-kooperazzjoni tal-Bord Konsultattiv skont l-Istrument InvestEU tal-FEK u tal-Bord tal-EIC.

- (53) [Sabiex jintlaħaq l-oġġettiv li r-riżultati tar-riċerka jissarfu fis-swieq u tissaħħaħ il-preżenza industrijali tal-Unjoni f'teknoloġiji u setturi strateġiċi, ir-Regolament (UE) [XXX] [il-programm qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni] ser kun marbut mill-qrib mal-FEK u ser jappoġġa l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kif stabbilit mit-twieqi ta' politika tal-FEK. Il-programmi ta' ħidma tal-FEK ser jinkludu azzjonijiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni, f'parti ddedikata speċifika. Dan jista' jinkludi wkoll kontribuzzjonijiet għas-Sħubijiet Ewropej stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-FEK. Il-programmi ta' ħidma tal-FEK jenħtieġ li jistipulaw ukoll prijoritajiet ta' politika li ser jiggwidaw l-isfidi tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni]
- (54) L-għodod ta' koordinazzjoni tal-politika industrijali (jiġifieri sejħiet għall-bini tal-ktajjen tal-valur tas-suq uniku, pijunieri tat-teknoloġija tal-UE, azzjonijiet ta' żieda fil-produzzjoni u żidiet għal proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs), u Azzjonijiet Aċċellerati u Mmirati għall-Kompetittività) jenħtieġ li jiġu implimentati permezz tal-programmi ta' ħidma. It-tiŝiħ tal-bażi industrijali tal-Unjoni huwa essenzjali għat-tiŝiħ tar-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, l-iżgurar tal-kontinwità tal-provvista matul il-kriżijiet u s-salvagwardja tal-kompetittività fit-tul speċjalment f'setturi strateġiċi. Sabiex jitrawmu ktajjen tal-valur reżiljenti tal-Unjoni mifruxa f'diversi Stati Membri, jenħtieġ li jkun possibbli għall-programmi ta' ħidma li jinkludu sejħiet speċjali għal scale-up tal-ktajjen tal-valur li jappoġġaw it-tnejjija tal-proġetti, u b'mod partikolari l-attrazzjoni tal-kapital privat u tal-investituri istituzzjonali kif ukoll il-finanzjament pubbliku b'mod proporzjonat biex jiġu integrati l-fornituri, il-manifatturi u l-innovaturi minn Stati Membri differenti u jiġu diversifikati s-sorsi tal-provvista, fosthom minn ktajjen tal-valur integrati tal-Unjoni. Is-sejħiet għall-katina tal-valur jistgħu jikkontribwixxu għat-tiŝiħ tal-operat tas-suq uniku, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur transfruntieri inkluż l-SMEs, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet.
- (55) Sabiex titrawwem il-kompetittività tal-industrija Ewropea permezz ta' innovazzjoni minn isfel għal fuq xprunata mill-industrija, jenħtieġ li jkun possibbli għall-programmi ta' ħidma li jinkludu proċeduri speċjali ta' aġġudikazzjoni minn isfel għal fuq f'żewġ stadji biex jiġu identifikati u appoġġati l-pijunieri tat-teknoloġija tal-UE permezz ta' konsorzji xprunati mill-industrija. Dawk il-konsorzji jenħtieġ li jinkludu SMEs biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u jtejbu l-valur miżjud tal-Unjoni, u jistgħu jinkludu sħab fir-riċerka u l-innovazzjoni.

- (56) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' għodod ta' finanzjament orizzontali u trażversali għas-servizz tat-twieqi ta' politika kollha, li joffri l-forom kollha ta' appoġġ permess skont ir-Regolament Finanzjarju, bħal strumenti finanzjarji, inkluż l-appoġġ ipprovdut fil-forma ta' ekwità. L-għażla tal-istrument ta' finanzjament speċifiku u b'mod partikolari jekk l-appoġġ għandux ikun ripagabbli jew le, jenħtieġ li jiddependi fuq in-natura tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati (pereżempju l-fallimenti sottostanti tas-suq, il-ħtieġa speċifika, in-natura tal-industrija, l-istadju tal-iżvilupp jew it-tip ta' benefiċjarju). L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jnaqqas ir-riskju għall-proġetti sal-punt meħtieġ biex jinvesti s-settur privat u biex il-proġetti jkunu jistgħu jitwettqu b'suċċess. [Ir-rati ta' kofinanzjament jenħtieġ li jkunu baxxi kemm jista' jkun u għoljin kemm ikun meħtieġ biex jitwettaq il-proġett appoġġat.] Jenħtieġ li jkun possibbli li tintuża taħlita ta' għodod ta' finanzjament, inkluż operazzjonijiet ta' taħlit u kombinament ta' finanzjament. Il-FEK jenħtieġ li jiġi implimentat b'mod li jiżgura li l-aktar għodda ta' finanzjament xierqa tintuża għall-azzjonijiet speċifiċi f'kull programm ta' ħidma, skont, fost l-oħrajn, l-istadju tal-iżvilupp, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-industrija u l-fallimenti sottostanti tas-suq.
- (56a) Il-Kumitat Ġenerali tal-FEK jenħtieġ li jipprovi pariri dwar azzjonijiet potenzjali li jappoġġaw lill-SMEs u lill-istart-ups biex il-ħtiġijiet tal-SMEs u tal-istart-ups minn madwar l-Unjoni kollha jkunu jistgħu jitqiesu fit-tfassil ta' azzjonijiet immirati lejn l-SMEs. Jenħtieġ li l-Kumitat Ġenerali tal-FEK iservi wkoll bħala forum biex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-Istati Membri dwar kwistjonijiet marbuta mal-FEK. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-pariri mogħtija mill-Kumitat Ġenerali tal-FEK fl-implimentazzjoni tal-FEK.

(56b) L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu kontribut strateġiku fi stadju bikri fl-implimentazzjoni tal-FEK dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali għall-FEK, filwaqt li jqisu x-xejriet tal-kompetittività fit-tul u l-oqsma ta' fallimenti tas-suq. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Kumitat Ġenerali tal-FEK ikun jista' jiltaqa' flivell xieraq, qabel il-bidu tal-perjodu tal-QFP u wara t+3 snin, sabiex jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali u l-prijoritajiet għall-FEK. Sabiex ikun jista' jindirizza kwistjonijiet ta' rilevanza komuni relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li dawn il-laqgħat jinkludu sessjoni konġunta mal-Kumitat skont l-Artikolu 17b tad-[Deċiżjoni tal-Kunsill – Orizzont Ewropa 2025/0544] fir-rwol konsultattiv tiegħu. Jenħtieġ li dawn il-laqgħat iqisu l-gwida politika usa' tal-Unjoni għall-perjodu kopert mill-QFP. Sabiex tiġi ffaċilitata d-diskussjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi dokument strateġiku pluriennali li jkopri l-kwistjonijiet rilevanti għall-FEK, filwaqt li tqis il-kontribut rilevanti, inkluż il-fehmiet tal-Istati Membri, l-analiżijiet rilevanti, l-istudji ta' prospettiva u l-kontribut ibbażat fuq l-evidenza mill-organizzazzjonijiet ekonomiċi, industrijali u tar-R&I, fejn xieraq. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja annwali, għall-proċedura ta' komitoloġija għall-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma, u għan-natura konsultattiva tal-Kumitat Ġenerali tal-FEK. Ir-rakkomandazzjonijiet espressi mill-Istati Membri f'dawk il-laqgħat jenħtieġ li jitqiesu, mingħajr ma jimpenjaw lill-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(57) Ir-rispons mill-komunitajiet tal-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jkun strutturat permezz ta' bordijiet konsultattivi u rifless fit-tfassil tal-programmi ta' ħidma. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK jipprovdi għarfien u jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar ix-xejriet tal-politika, il-ħtiġijiet ta' investiment u l-implimentazzjoni tal-FEK mill-perspettiva tal-partijiet ikkonċernati, inkluż il-promoturi tal-proġetti, ir-riċerka u l-industrija. Il-konsultazzjonijiet ma' diversi partijiet ikkonċernati, inkluż dawk tal-esperti settorjali, tar-riċerkaturi u tal-industrija, tas-sħab soċjali, kif ukoll tal-investituri, tal-utenti finali u tas-soċjetà ċivili, mill-SMEs, minn organizzazzjonijiet żgħar sa kbar, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-programmi ta' ħidma. B'dan l-għan f'moħħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li toħloq networks kollaborattivi pubbliċi fil-forma ta' mill-inqas pjattaforma tematika waħda għal kull tieqa. Jenħtieġ li dawk il-pjattaformi jippermettu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jipprovdu fuq bażi volontarja l-kontribut tagħhom dwar il-kwistjonijiet settorjali li, fl-opinjoni tagħhom, jeħtieġ li jiġu indirizzati mill-programmi ta' ħidma. Il-konsultazzjonijiet, flimkien mal-parir mill-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK, jenħtieġ li jinfurmaw il-ħidma tal-Kummissjoni dwar il-programmi ta' ħidma.

- (58) L-IPCEIs huma strument ta' għajnuna mill-Istat u għodda ta' politika industrijali vvalutata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b), TFUE<sup>26</sup>. Dawn jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tkabbir ekonomiku, għall-ħolqien tal-impjiegi, għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija u l-ekonomija tal-Unjoni. L-IPCEIs jagħmluha possibbli li jinġabru flimkien l-għarfien, l-għarfien espert, ir-riżorsi finanzjarji, u l-atturi ekonomiċi madwar l-Unjoni u li jinħolqu effetti konsegwenzjali pożittivi għall-Unjoni kollha. L-IPCEIs jippermettu wkoll li jiġu attirati l-investimenti privati fi proġetti b'riskju għoli li huma essenzjali biex l-innovazzjoni rivoluzzjonarja tinġieb eqreb lejn proġetti ta' użu industrijali u tal-infrastrutturi ta' importanza kbira għall-Unjoni b'aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju. [Minħabba l-aspetti komuni tal-oġġettivi segwiti, il-FEK ser irawwem sinerġiji bejn il-finanzjament tal-Unjoni u l-IPCEIs billi jappoġġa proġetti speċifiċi integrati fl-IPCEIs, abbażi tal-kontribut tagħhom għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, bħar-reżiljenza tal-Unjoni, u l-kapaċità tal-finanzjament tal-FEK li jwessa' l-parteċipazzjoni, b'mod partikolari tal-SMEs, jew li titwessa' l-kopertura tal-Istati Membri, kif ukoll li jiżdied il-valur miżjud tal-Unjoni.]
- (59) [Is-sitwazzjoni ġeopolitika li dejjem qed tevolvi tenfasizza l-ħtieġa li l-Ewropa tiżgura l-awtonomija strateġika tagħha stess u tevita d-dipendenzi strateġiċi. Il-FEK ser jinkludi l-possibbiltà li tiġi appoġġata ż-żieda fil-produzzjoni u li jitwettqu azzjonijiet ta' kompetittività aċċellerati għal proġetti li joffru appoġġ speċifiku għall-awtonomija strateġika Ewropea.] Dan huwa pereżempju l-każ għal proġetti li ntgħażlu bħala strateġiċi skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi.
- (60) Il-mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa (MIM, mutual insurance mechanism) stabbilit skont Orizzont Ewropa u ġestit mill-Kummissjoni wera li huwa mekkaniżmu ta' salvagwardja importanti li jimmitiga r-riskji assoċjati mal-ammonti dovuti u mhux rimborżati minn parteċipanti li mhumiex inadempjenti. Għalhekk, il-MIM jenħtieġ li jitkompla u, fejn rilevanti, ikun miftuħ għall-użu minn azzjonijiet taħt il-FEK.

---

<sup>26</sup> Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni C/2021/8481 (ĠU C 528, 30.12.2021, p. 10).

(61) Sabiex jiġu esplorati l-possibbiltajiet kollha biex tittejjeb il-kompetittività Ewropea, il-FEK jenħtieġ li jipprovdi qafas strutturat għal esperimentazzjoni mmirata fl-għoti u fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jiġu mmirati aħjar u aċċellerati l-proċeduri ta' aġġudikazzjoni tal-Unjoni u tiġi simplifikata u aċċellerata l-implimentazzjoni tagħhom għall-benefiċċju tar-riċevituri. Dan jenħtieġ li jippermetti, f'qafas definit b'mod konkret, li jiġu speċifikati każ b'każ ċerti azzjonijiet jew kategoriji ta' azzjonijiet li jibbenefikaw minn ċerti żidiet, derogi u eċċezzjonijiet minn atti legali oħra tal-Unjoni u li jiġi ttestjat l-impatt f'ambjent reali għall-perjodu limitat tad-durata tal-FEK filwaqt li jiġi żgurat li jkunu fis-seħħ salvagwardji xierqa, b'mod partikolari interess Ewropew komuni. Dawn il-mekkaniżmi huma ta' natura eċċezzjonali. Sabiex jiġi żgurat li dawn il-mekkaniżmi jkunu riżervati għal azzjonijiet ta' importanza strateġika għall-kompetittività tal-Unjoni, jenħtieġ li l-użu tagħhom ikun limitat għal azzjonijiet ta' impatt strateġiku fejn in-nuqqas jew id-dewmien tal-appoġġ tal-Unjoni jirriżulta f'riskju materjali għall-kompetittività tal-Unjoni. Ir-rikors għal dawn il-mekkaniżmi jenħtieġ li jkun iġġustifikat kif xieraq f'kull każ, filwaqt li jitqiesu n-natura, l-iskala u l-urġenza tal-azzjoni kkonċernata, u r-raġunijiet għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu kkomunikati b'mod trasparenti, inkluż permezz tal-pubblikazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività rilevanti. L-applikazzjoni ta' miżuri sperimentali tista' tipprovdi tagħlimiet għall-valutazzjoni ta' bidliet futuri fil-qafas legali orizzontali għall-għoti ta' appoġġ mill-Unjoni.

- (62) Fejn meħtieġ u ġġustifikat kif xieraq, l-FEK jenħtieġ li jipprovdi mekkaniżmu ta' intervent immirat biex jipprovdi appoġġ tal-Unjoni b'mod deliberat għal ċerti azzjonijiet ta' importanza strateġika u ekonomika. Meta ċerti proġetti importanti ma jkunux jistgħu jiġu implimentati b'suċċess fl-iskeda ta' żmien għat-tlestija ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni kompetittivi regolari, il-FEK jenħtieġ li jipprevedi l-possibbiltà li jiġu implimentati direttament proġetti eċċellenti li baqgħu mhux ifffinanzjati taħt l-ebda programm tal-Unjoni jew li jkompli jappoġġa finanzjarjament proġetti li jaħdmu tajjeb u mingħajr xkiel fil-passi li jmiss tagħhom matul il-perkors tal-investiment, mingħajr ma jiġi impost piż amministrattiv addizzjonali għar-riċevituri. Barra minn hekk, f'konformità mal-approċċ meħud mill-atti legali settorjali rilevanti, bħall-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika jew id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup> ("id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli") u msemmija fil-komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa (CID) u l-Istrateġija għas-Suq Uniku, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu identifikati f'atti legali separati eżistenti jew futuri tal-Unjoni każijiet li fihom proġetti speċifiċi, bħal proġetti strateġiċi, jitqiesu li huma ta' interess pubbliku jew preżunti li huma ta' interess pubbliku prevalenti.
- (63) [Meta jkun meħtieġ u debitament ġustifikat, il-FEK jenħtieġ li jkun jista' tipprovdi wkoll mekkaniżmu ta' "intervent aċċellerat" biex jaċċellera l-għoti ta' appoġġ tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti ta' finanzjament sabiex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni b'suċċess ta' ideat kummerċjali importanti fis-suq uniku fejn tali finanzjament ma jkunx disponibbli, f'livell suffiċjenti, fis-suq. Għal dan l-għan, minħabba l-urġenza, ċerti kontrolli jenħtieġ li jitwettqu biss wara l-għoti ta' finanzjament, l-iffaċilitar u l-limitazzjoni tal-piż amministrattiv għar-riċevituri u l-għoti ta' ċertezza finanzjarja bl-aktar mod rapidu possibbli filwaqt li jiġi aċċettat livell raġonevoli ta' riskju finanzjarju għall-Unjoni proporzjonat mal-objettivi segwiti.]

---

<sup>27</sup> Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (ĠU L, 2023/2413, 31.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2413/oj>).

- (64) Meta jkun meħtieġ u debitament ġustifikat, il-FEK jenħtieġ li jinċentiva lin-negozji ġodda u lill-innovaturi stabbiliti barra mill-Unjoni jirrilokaw jew jinvestu, u jibnu n-negozju tagħhom fis-suq uniku, billi jipprevedi mekkaniżmu ta' intervent inċentivanti li jattira start-ups u innovaturi ta' suċċess mid-dinja kollha, filwaqt li juża wkoll in-network tiegħu ta' Delegazzjoni tal-UE. Għal dan l-għan, ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, pereżempju fir-rigward tal-istabbiliment fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi assoċjati fil-bidu tal-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu rrinunzjati temporanjament biex ir-riċevituri jkunu jistgħu jiġu risistemati fi żmien stabbilit bl-assigurazzjoni ta' appoġġ sussegwenti tal-Unjoni. L-interess finanzjarju tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi protett kif xieraq, u jenħtieġ li l-pagamenti ma jiġux ipprovduti sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà.
- (65) Meta jkun meħtieġ u debitament ġustifikat, il-FEK jenħtieġ li jippermetti mod aktar flessibbli u aċċessibbli ta' identifikazzjoni, għażla u appoġġ għal proġetti u ideat innovattivi, inkluż billi jipprevedi proċeduri ta' aġġudikazzjoni newtrali għall-istrumenti li jippermettu lir-riċerkaturi, lill-imprendituri, lill-kumpaniji u lil ċittadini oħra jipproponu s-soluzzjoni ta' innovazzjoni tagħhom mingħajr it-tnaqqis jew il-limitazzjoni artifiċjali inizjali tal-appoġġ tal-Unjoni għal għotja, akkwist jew forma oħra ta' appoġġ tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-ideat jiġu vvalutati u magħżula abbażi tal-mertu tagħhom fl-indirizzar tal-isfida rispettiva jew tal-prijorità tal-politika tal-Unjoni, u l-aktar strument xieraq u effettiv tal-implimentazzjoni tal-baġit biex jiġu appoġġati dawn l-ideat, kemm jekk għotjiet, akkwist jew oħrajn, jenħtieġ li jintgħażel biss wara abbażi tar-rekwiżiti u l-merti tal-proġett individwali.
- (66) Meta jkun meħtieġ u debitament ġustifikat, il-FEK jenħtieġ li jissimplifika u jaċċellera l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal ċerti proġetti importanti.
- (67) L-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jipprovdi l-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji biex jimmobilizza investment addizzjonali madwar l-Unjoni biex jappoġġa l-kompetittività Ewropea f'teknoloġiji, servizzi u setturi strateġiċi.

- (68) L-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jiġi implimentat mis-sħab, inkluż il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali kif ukoll l-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni. Minħabba r-rwol tiegħu skont it-Trattati, il-kapaċità tiegħu li jopera fl-Istati Membri kollha u l-esperjenza eżistenti taħt il-Fond InvestEU attwali, il-Grupp tal-BEI jenħtieġ li jibqa' sieħeb ta' implimentazzjoni privileġġjati taħt il-kompartiment tal-Istrument InvestEU tal-FEK. Minbarra l-Grupp tal-BEI, il-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru prodotti finanzjarji komplementari, minħabba li l-esperjenza u l-kapaċitajiet tagħhom fil-livell nazzjonali u reġjonali jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-massimizzazzjoni tal-impatt tal-fondi pubbliċi fit-territorju kollu tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat bilanċ ġeografiku ġust tal-proġetti bbażati fuq arkitettura miftuħa li jenħtieġ li tibqa' aspekk ewlieni tal-Istrument InvestEU tal-FEK, li jibni fuq il-kollaborazzjoni u l-esperjenza wiesgħa taħt il-Programm InvestEU. Il-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI jenħtieġ li jaħdmu fi sħubija bl-oġettiv li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Istrument InvestEU tal-FEK u jrawmu l-konsistenza, l-inklużività, l-addizzjonalità, u l-implimentazzjoni effiċjenti.
- (69) Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn u jiġu żgurati implimentazzjoni rapida u appoġġ għas-suq b'kontinwità bejn il-perjodi ta' programmazzjoni, jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Istrument InvestEU tal-FEK tibni fuq il-komunità eżistenti ta' sħab ta' implimentazzjoni tal-Programm InvestEU li kellhom valutazzjoni pożittiva tal-pilastru, arranġamenti kuntrattwali u prodotti finanzjarji rilevanti. Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-validità tal-valutazzjonijiet tal-pilastru eżistenti, li jibqgħu validi skont it-termini stipulati fir-Regolament Finanzjarju. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba, implimentazzjoni aktar rapida u simplifikazzjoni għall-entitajiet fdati, l-implimentazzjoni tal-Istrument InvestEU jenħtieġ li tibni fuq ftehimiet eżistenti, mudelli għal arranġamenti legali u kuntrattwali, kif ukoll għodod stabbiliti ta' monitoraġġ u rapportar. Dan itejjeb l-impatt tal-appoġġ tal-Unjoni u jippermetti li ssir aktar enfasi fuq l-appoġġ effiċjenti għar-riċevituri finali. Jenħtieġ li jkun possibli għall-Kummissjoni li tiddependi fuq u terġa' tuża bis-sħiħ jew parzjalment il-ftehimiet mas-sħab ta' implimentazzjoni konklużi skont ir-Regolament (UE) 2021/523, u fuq valutazzjonijiet magħmula minnha stess jew minn entitajiet oħra fil-kuntest ta' ftehimiet konklużi taħt dak ir-Regolament.

- (70) Sabiex is-sħab ta' implimentazzjoni jingħataw aċċess usa' għall-Istrument InvestEU tal-FEK, jenħtiegħ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkonkludi ftehimiet b'għestjoni indiretta mal-kategoriji kollha ta' entitajiet elenkati skont l-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament Finanzjarju.
- (71) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, il-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jiġu kkombinati ma' appoġġ mhux ripagabbli fl-operazzjonijiet ta' taħlit, skont l-Istrument InvestEU tal-FEK, jenħtiegħ li jiġu implimentati f'konformità mat-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju.
- (72) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-implimentazzjoni tal-garanziji baġitarji, tal-istrumenti finanzjarji u tal-operazzjonijiet ta' taħlit taħt programmi differenti tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtiegħ li tiżviluppa gwida, inkluż arranġamenti tekniċi u termini u kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dawn il-forom ta' appoġġ taħt daww il-programmi.
- (72a) Il-valutazzjoni tal-pilastri fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jenħtiegħ li titwettaq f'konformità mar-regoli dwar il-għestjoni indiretta stipulati fir-Regolament Finanzjarju.
- (73) Sabiex jikkonforma mar-reqwiziti tar-Regolament Finanzjarju, dan ir-Regolament jenħtiegħ li jstipula ammont massimu tal-garanzija baġitarja skont l-Istrument InvestEU tal-FEK, rata ta' proviżjonament għal dik il-garanzija baġitarja f'konformità mal-Artikolu 214(1) tar-Regolament Finanzjarju u l-obbligu għall-Kummissjoni li tivvaluta dik ir-rata ta' proviżjonament kull sena wara l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(5) tar-Regolament Finanzjarju u f'konformità mal-qafas ta' għestjoni tar-riskju tal-Kummissjoni u l-possibbiltà li partijiet terzi u pajjiżi terzi jikkontribwixxu speċifikament għall-Istrument InvestEU tal-FEK.
- (74) [Huwa meħtiegħ li tiġi pprovduta l-possibbiltà li l-Istrument InvestEU tal-FEK, inkluż il-garanzija baġitarja, iservi bħala għodda orizzontali ta' twettiq għal politiki oħra tal-Unjoni, biex jipprovdni appoġġ taħt programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-objettivi stipulati f'daww il-programmi. Għal dak l-għan, il-proviżjonament korrispondenti tal-obbligazzjonijiet finanzjarji jenħtiegħ li jsir minn daww il-programmi l-oħra. Fejn programmi oħra tal-Unjoni jikkontribwixxu għall-objettivi tal-politiki interni tal-Unjoni, l-appoġġ fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strumenti finanzjarji, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli fl-operazzjoni ta' taħlit, jenħtiegħ li jiġi pprovdut esklużivament permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK.]

- (74a) L-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jipprevedi l-possibbiltà li jiġi stabbilit Kompartiment ta' Stat Membru. It-termini u l-kundizzjonijiet dettaljati li jirregolaw il-kontribuzzjoni tal-fondi lill-Kompartiment ta' Stat Membru, inkluż is-sorsi, l-ammonti, ir-rati ta' proviżjonament u l-modalitajiet tal-konsenja, jenħtieġ li jiġu stipulati fi ftehim ta' kontribuzzjoni konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru rilevanti għal dak il-kompartiment. Għall-finijiet tal-Kompartiment ta' Stat Membru, jenħtieġ li r-rappreżentanti mill-Istati Membri kontribwenti jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet skont il-kompartiment rilevanti, pereżempju billi jipparteċipaw f'partijiet iddedikati tad-Djalogi ta' Reviżjoni tal-Politika.
- (75) Jenħtieġ li l-Istrument InvestEU tal-FEK iservi ta' post ċentralizzat uniku għall-istabbiliment u l-ġestjoni ta' garanzija baġitarja u tal-istrumenti finanzjarji kollha li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-politiki interni tal-Unjoni. B'dan il-mod, dan jikkontribwixxi għal effiċjenza mtejba u jżid l-impatt tal-politika tal-finanzjament tal-Unjoni. Il-Kummissjoni u s-sħab ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiżguraw ukoll li prodotti finanzjarji ġodda li għandhom jiġu stabbiliti skont dan ir-Regolament ikunu konsistenti mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 212(2) tar-Regolament Finanzjarju biex jiġi żgurat il-varar rapidu tagħhom. Dan diġà sar għall-prodotti finanzjarji stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup>.
- (75a) Il-Kumitat tal-Investment tal-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jibni fuq il-mudell li jiffunzjona tajjeb tal-Kumitat tal-Investment taħt il-Programm InvestEU. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat tal-Investment jenħtieġ li tiżgura kopertura wiesgħa tat-twieqi ta' politika billi tikkombina għarfien espert sod finanzjarju u tas-suq ma' għarfien speċifiku għas-settur. Jenħtieġ li dan ikun possibbli permezz tal-preżenza ta' membri permanenti u esperti b'esperjenza fl-investment f'setturi koperti mit-twieqi ta' politika.

---

<sup>28</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj>).

- (76) L-istart-ups u l-iscale-ups innovattivi Ewropej huma muturi essenzjali tat-tkabbir u l-kompetittività. Peress li huwa rikonoxxut li dawn jiffaċċaw ostakli persistenti biex jaċċessaw il-finanzjament meħtieġ fl-Unjoni, l-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jipprovdi appoġġ finanzjarju mmirat lill-kumpaniji li qed jikbru u jespandu fl-Unjoni fl-istadji kollha — mill-konċepiment u l-bidu sal-espansjoni u l-manifattura industrijali. L-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jipprovdi finanzjament dirett u indirett għall-kumpaniji Ewropej bl-għan li jattira investituri privati, u b'hekk jisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-intraprenditorija u l-investment Ewropej. Dan jagħti s-setgħa lill-istart-ups u l-iscale-ups u jsaħħaħ it-tmexxija globali tal-Unjoni fit-teknoloġija u fl-industrija, filwaqt li jnaqqas id-diskrepanzi fl-innovazzjoni u fl-investment tal-Ewropa u jwettaq l-ambizzjoni tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. L-Istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jinkludi faċilità li jkollha l-għan li tiżgura li l-intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir li jiżviluppaw jew jużaw teknoloġiji innovattivi, inkluż f'oqsma importanti għall-interessi strateġiċi u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, ikunu jistgħu jaċċessaw kapital adegwat biex jespandu n-negozji tagħhom. Dan jimmobilizza l-investimenti mis-swieq kapitali tal-Ewropa, f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni.
- (77) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Konsulenza għall-Proġetti tal-FEK biex tappoġġa l-oġettivi tal-FEK, filwaqt li tibni fuq iċ-Ċentru ta' Konsulenza ta' InvestEU. Jenħtieġ li din tgħaqqad l-appoġġ konsultattiv mogħti lil entitajiet privati u pubbliċi madwar l-Ewropa, toffri servizzi mfassla apposta lil benefiċjarji potenzjali, u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sensiela ta' operazzjonijiet ta' investment potenzjali taħt il-FEK mal-Ewropa kollha. Fl-istess ħin, ir-rwol tas-servizzi ta' appoġġ għan-negozju, bħan-Network "UE għan-Negozji" jenħtieġ li jikkonsisti f'għajjnuna lin-negozji Ewropej aktar innovattivi u kompetittivi, jikbru u jespandu fis-suq uniku u li jżidu l-għarfien u jikkontribwixxu għall-bini tal-kapaċitajiet f'mezzi għall-aċċess ta' finanzjament ibbażat fuq is-suq kapitali. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn u jiġu żgurati implimentazzjoni rapida u appoġġ għas-suq fil-kontinwità, jenħtieġ li jkun possibbli għall-FEK li jserraħ fuq il-komunità eżistenti ta' sħab konsultattivi vvalutati mill-pilastru tal-Programm InvestEU.

- (77a) B'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-FEK u t-twieqi ta' politika tiegħu, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jiddeżinjaw u jappoġġaw il-punti ta' kuntatt nazzjonali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollabora man-network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali biex tistimula l-kooperazzjoni u tiffaċilita l-iskambju tal-esperjenza, tal-għarfien u tal-aħjar prattika sabiex tiżdied l-effettività tas-servizzi pprovduti mill-punti ta' kuntatt nazzjonali madwar l-Unjoni. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali jenħtieġ li jiġu ġestiti u ffinanzjati mill-Istati Membri. Jenħtieġ li jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jestendu aktar is-servizzi tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għal-livell nazzjonali u sottonazzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-punti ta' kuntatt nazzjonali jipprovdu, fost l-oħrajn, servizzi ta' appoġġ għan-negozju mfassla apposta u servizzi ta' skrinjar tal-proposti li jappoġġaw lil dawk li japplikaw għall-ewwel darba, kif ukoll servizzi ta' appoġġ immirati f'oqsma strateġiċi bl-għan li jitnaqqsu l-ostakli għad-dħul u tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni b'suċċess, f'kollaborazzjoni mal-Konsulenza għall-Proġetti tal-FEK, man-Network "UE għan-Negozji" u ma' strutturi oħra. Il-bini tal-kapaċitajiet ipprovdut lill-punti ta' kuntatt nazzjonali taħt il-FEK jista' jinkludi attivitajiet bħal taħriġ, taġġim, workshops u mentoraġġ biex jissaħħu l-kapaċitajiet taġġim bil-ħsieb li jittejjeb l-appoġġ għall-applikanti u l-partijiet ikkonċernati. Appoġġ imfassal apposta u speċifiku għas-settur għall-bini tal-kapaċitajiet lill-punti ta' kuntatt nazzjonali, pereżempju permezz ta' networks tematiċi tal-punti ta' kuntatt nazzjonali, jista' jiġi pprovdut fil-qafas tat-twieqi ta' politika tal-FEK meta jikkonforma mal-oġġettivi speċifiċi tat-tieqa ta' politika rilevanti.
- (78) L-SMEs jammontaw għal aktar minn 99 % tan-negozji kollha fl-Unjoni, jipprovdu żewġ terzi tal-impjiegi, u jikkontribwixxu sostanzjalment għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda ta' kwalità fis-setturi kollha. Intrapriżi li qed jespandu jeżistu fis-setturi kollha u fil-livelli kollha ta' kapaċità innovattiva. L-istimulazzjoni tat-tkabbir u l-innovazzjoni tal-Unjoni tista' sseħħ biss billi tingħata spinta lid-diversi ditti li qed jespandu li jeżistu fil-popolazzjoni kollha tal-SMEs tal-Unjoni. L-SMEs huma essenzjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija, inkluż il-kisba tan-newtralità klimatika.

- (79) Madankollu, l-aċċess għall-finanzjament huwa ostaklu importanti għall-SMEs, speċjalment għall-istart-ups u għall-iscale-ups, peress li spiss jiddependu fuq finanzjament estern biex jappoġġaw il-pjanijiet ta' tkabbir tagħhom. L-SMEs jiffaċċaw aktar ostakli għall-innovazzjoni u t-tkabbir li ma jaffettwawx intrapriżi akbar bl-istess mod, pereżempju n-nuqqas ta' ħiliet intraprenditorjali, in-nuqqas ta' infrastruttura għat-teknoloġija tal-aċċess, id-diffikultajiet fil-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali jew fl-aċċess għas-swieq tal-esportazzjoni u l-ktajjen tal-valur sabiex jiżviluppaw l-attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tagħhom.
- (80) L-evidenza turi li l-appoġġ finanzjarju dirett lill-SMEs mhuwiex biżżejjed biex jappoġġa l-espansjoni tagħhom u li jeħtieġu u jibbenefikaw minn parir dedikat fil-livell tal-Unjoni. L-għoti ta' pariri dwar ir-regoli tas-Suq Uniku, l-innovazzjoni u l-aċċess għall-finanzjament jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-appoġġ għan-negozju fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali huwa diversifikat u jenħtieġ li jgħaqqad ukoll lir-reġjuni inqas żviluppati u ultraperiferiċi. L-inizjattivi eżistenti tal-Unjoni bħan-Network Enterprise Europe, il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti u ċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali għenu biex titnaqqas din id-diskrepanza. Skont dan, jenħtieġ li jiġi stabbilit in-Network "UE għan-Negozji", li jibni fuq in-Network Enterprise Europe (EEN, Enterprise Europe Network), il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti (ECCP, European Cluster Collaboration Platform) u networks oħra, biex jiġu simplifikati u razzjonalizzati s-servizzi ta' konsulenza u ta' sħubija.

- (81) Jenħtiegħ li l-FEK jappoġġa l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament u jsaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs tal-Unjoni permezz ta' żewġ mezzi ewlenin, li għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi ta' ħidma. L-ewwel nett, biex jikkomplementa n-Network "UE għan-Negozji", il-FEK jenħtiegħ li jwettaq ukoll attivitajiet trażversali addizzjonali ffukati fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tal-SMEs. It-tieni nett, it-twieqi ta' politika tal-FEK jenħtiegħ li jinkludu azzjonijiet dedikati għall-SMEs immirati lejn l-SMEs f'setturi strateġiċi, bħal sistemi ta' bonus biex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-SMEs, bl-għan li jrawmu l-innovazzjoni, it- tkabbir u l-espansjoni tal-SMEs. Jenħtiegħ li jkun possibbli li jingħata appoġġ speċjali għall-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzi għall-SMEs u l-kumpaniji zġhar b'kapitalizzazzjoni medja fis-setturi kollha tal-ekonomija, inkluż il-mikrofinanzjament u l-appoġġ għall-intrapriżi soċjali. Barra minn hekk, sett ta' għodod finanzjarji flessibbli skont il-FEK jenħtiegħ li jiżgura li l-SMEs ikunu jistgħu jirċievu t-tip ta' appoġġ li jkun jaqdi l-ħtiġijiet tagħhom bl-aħjar mod matul il-perkors tal-investment tagħhom.
- (82) Sabiex jiġu appoġġati aktar il-prinċipji ta' simplifikazzjoni u aċċess faċli għall-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni għall-benefiċjarji, il-FEK jenħtiegħ li joffri portal uniku li jiċċentralizza l-informazzjoni dwar u l-aċċess għall-opportunitajiet kollha ta' finanzjament tal-Unjoni u jappoġġa attivitajiet oħra. Il-portal uniku jenħtiegħ li jiffaċilita u jaċċellera l-aċċess għall-fondi, il-finanzjament u l-investimenti tal-Unjoni u oħrajn, jirrazzjonalizza l-approċċ filwaqt li jibni fuq il-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti, il-Portal InvestEU, il-Portal ta' Aċċess għall-Finanzjament, il-Portal STEP u pjattaformi rilevanti oħra. Jenħtiegħ li jkun possibbli wkoll li ssir applikazzjoni diretta għall-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni ġestiti mill-Kummissjoni fuq il-portal uniku.

- (83) [Il-FEK għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]<sup>29</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit tal-Unjoni, inkluż regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), rispettivament, tar-Regolament Finanzjarju, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal ta' appoġġ tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.]
- (83a) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju u r-Regolament dwar il-Prestazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-FEK u l-prestazzjoni ġenerali tiegħu, inkluż ix-xejriet tal-parteciċipazzjoni u d-distribuzzjoni ġeografika tal-azzjonijiet iffinanzjati madwar l-Unjoni f'konformità mal-Anness II tar-Regolament dwar il-Prestazzjoni, u tinforma kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-livell ta' implimentazzjoni tal-programm skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Prestazzjoni. Jenħtieġ li jsiru l-aħjar sforzi biex jiġi żgurat li, fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni, tiġi evitata konċentrazzjoni ġeografika eċċessiva u persistenti, mhux ġustifikata mid-distribuzzjoni tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali rilevanti madwar l-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinforma lill-Kumitat Ġenerali tal-FEK dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni u dwar kwalunkwe miżura meħuda f'każ li tiġi identifikata konċentrazzjoni eċċessiva u persistenti.
- (84) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza reċenti wriet il-ħtieġa ta' QFP u programmi tal-Unjoni iktar flessibbli. [Għal dak l-għan, u f'konformità mal-oġġettivi tal-FEK, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.]

---

<sup>29</sup> ĠU L..., p

- (85) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-FEK, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida ta' investiment tal-Istrument InvestEU tal-FEK u l-aġġustamenti fl-ammont massimu tal-garanzija baġitarja u r-rata ta' proviżjonament, kif ukoll fir-rigward ta' ċerti miżuri b'appoġġ għall-politika spazjali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejġija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>30</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejġija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejġija ta' atti delegati.
- (86) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-FEK permezz ta' ċerti miżuri stipulati fil-programmi ta' ħidma kif ukoll ċerti miżuri b'appoġġ għall-politika industrijali tad-difiża u dik spazjali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>31</sup>.

---

<sup>30</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_interinstit/2016/512/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj).

<sup>31</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13-18.

- (87) Il-programmi ta' ħidma li jimplimentaw il-Kapitoli III sa VIII u atti oħra li jimplimentaw l-istess kapitoli jenħtieġ li jiġu adottati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Jenħtieġ li tintuża l-proċedura ta' eżami għall-adozzjoni ta' ċerti atti kif iddefiniti f'dan ir-Regolament, inkluż il-programmi ta' ħidma li jimplimentaw attivitajiet għal tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, is-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-agrikoltura u l-bijoekonomija, u t-tmexxija diġitali, ir-reżiljenza u s-sigurtà, l-industrija tad-difiża u l-ispazju, peress li daww l-atti jenħtieġ li jiġu appoġġati bis-sħiħ u joħolqu sinerġiji ma' attivitajiet nazzjonali u ta' ġestjoni kondiviża mwettqa mill-Istati Membri. Għal xi atti ta' implimentazzjoni ta' natura teknika fil-qasam tal-ispazju jenħtieġ li tintuża l-proċedura konsultattiva.
- (87a) Sabiex tiġi żgurata rappreżentanza xierqa tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex tikkomunika lill-Istati Membri, fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħat tal-konfigurazzjonijiet tal-kumitati, aġendi li jispeċifikaw il-punti għad-diskussjoni u, jekk applikabbli, il-punti li għandha ssir votazzjoni dwarhom waqt il-laqgħat. Meta jkun rilevanti, jenħtieġ li l-aġendi tal-konfigurazzjonijiet tal-kumitati rilevanti jinkludu punti ddedikati dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi.

- (88) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'każijiet debitament ġustifikati fejn programm ta' ħidma ma jkunx ġie adottat jew ikun jeħtieġ li jiġi adottat b'mod rapidu biex tirreaġixxi immedjatament għal kriżi jew fejn emerġenzi eċċezzjonali u debitament sostanzjati simili oħra, jew raġunijiet imperattivi ta' urġenza jirrikjedu dan.
- (89) Il-FEK jissostitwixxi l-programmi stabbiliti bir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694<sup>32</sup>, (UE) 2021/696<sup>33</sup>, (UE) 2021/697<sup>34</sup>, (UE) 2021/783<sup>35</sup>, (UE) 2023/588<sup>36</sup> u jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588 u (UE) 2025/2643. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li r-referenzi għall-kriterji ta' eliġibbiltà skont ir-Regolament (UE) 2025/2643 jinftiehm u bħala li jirreferu għall-ekwivalenti rispettiv tagħhom f'dan ir-Regolament.

---

<sup>32</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/694/oj>).

<sup>33</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj>).

<sup>34</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/697/oj>).

<sup>35</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/783/oj>).

<sup>36</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj>).

# Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet Ġenerali

### TAQSIMA 1

#### OBJETTIVI U STRUTTURA TAL-FOND

##### *Artikolu 1*

##### **[Suġġett]**

1. [Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (il-"FEK"), inkluż programm speċifiku dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fl-Artikolu 182(3) TFUE u jistabbilixxi l-oġġettivi tal-FEK, il-baġit tiegħu għall-perjodu 2028-2034, il-forom ta' appoġġ tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali appoġġ taħt attivitajiet trażversali u politiki speċifiċi appoġġati mill-FEK.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:
  - (a) Tieqa ta' "Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stipulati fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-oġġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);
  - (b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoeconomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stipulati fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-oġġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);
  - (c) Tieqa ta' "Tmexxija Diġitali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stipulati fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VI, u li tikkontribwixxi għall-oġġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (c);

- (d) Tieqa ta' "Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża, u Spazju" – implimentata permezz ta' attivitajiet stipulati fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VII, inkluż il-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fil-paragrafu 1, u li tikkontribwixxi għall-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).
3. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll qafas legali li għandu l-għan li jiżgura s-sigurtà tal-provvista, li jneħħi l-ostakli għall-investment u l-konġestjonijiet fil-produzzjoni u li jappoġġa l-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Unjoni.]

## *Artikolu 2*

### **Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (1) "ftehim dwar konsulenza" tfisser strument legali li bih il-Kummissjoni u s-sieħeb konsultattiv jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' servizzi ta' konsulenza għall-proġetti;
  - (2) "sieħeb konsultattiv" tfisser kontroparti eliġibbli bħal istituzzjoni finanzjarja jew entità oħra li magħha l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet ftehim dwar konsulenza bil-għan li timplimenta inizjattiva konsultattiva waħda jew aktar, minbarra l-inizjattivi konsultattivi implimentati permezz ta' fornituri tas-servizzi esterni kkuntrattati mill-Kummissjoni jew permezz ta' aġenziji eżekuttivi;
  - (3) "kompartiment" tfisser parti mill-Istrument InvestEU tal-FEK kif stipulat fl-Artikolu 24(1) iddefinit mill-oriġini tar-riżorsi li jappoġġaw l-appoġġ;

- (4) "kontroll" tfisser il-kapaċità li tkun eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità ġuridika b'mod dirett jew indirett permezz ta' entità ġuridika intermedja waħda jew aktar;
- (4a) "prodotti tad-difiża" tfisser kwalunkwe prodott relatat mad-difiża kif imsemmi fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup>, kif ukoll xogħlijiet, provvisti u servizzi relatati direttament ma' dawk il-prodotti għal kwalunkwe element u l-elementi kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (c), tad-Direttiva 2009/81/KE<sup>38</sup>;
- (5) "struttura maniġerjali eżekuttiva" tfisser il-korp ta' entità ġuridika maħtur f'konformità mad-dritt nazzjonali, u li, fejn applikabbli, jirrapporta lill-uffiċjal kap eżekuttiv jew lil kwalunkwe persuna oħra li jkollha setgħa deċiżjonali komparabbli, u li jkollu s-setgħa li jistabilixxi l-istrateġija, l-oġettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-entità ġuridika, u jissorvelja u jimmonitorja t-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali;
- (6) "Grupp tal-BEI" tfisser il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), is-sussidjarji tiegħu, u entitajiet oħra stipulati skont l-Artikolu 28(1) tal-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment (l-Istatut tal-BEI);
- (6a) "informazzjoni klassifikata tal-UE" jew "IKUE" tfisser kwalunkwe informazzjoni jew materjal magħżul minn klassifikazzjoni ta' sigurtà tal-UE, li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jikkawża gradi differenti ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni jew għal Stat Membru wieħed jew aktar;

---

<sup>37</sup> Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj>).

<sup>38</sup> Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj>).

- (6b) "informazzjoni ġenerali klassifikata" tfisser kwalunkwe data klassifikata, tanġibbli jew intanġibbli, li tinżamm qabel l-adeżjoni għal azzjoni partikolari u identifikata fi ftehim bil-miktub bħala meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik l-azzjoni. Tali informazzjoni għandu jkollha marka ta' klassifikazzjoni nazzjonali jew marka ta' klassifikazzjoni tal-UE;
- (6c) "informazzjoni ġġenerata klassifikata" tfisser kwalunkwe riżultat klassifikat, tanġibbli jew intanġibbli, li jiġi ġġenerat f'azzjoni partikolari skont dan ir-Regolament;
- (7) "ftehim ta' garanzija" jew "ftehim ta' kontribuzzjoni" tfisser ftehim konkluż bejn il-Kummissjoni u sieħeb ta' implimentazzjoni għall-implimentazzjoni tal-appoġġ taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK;
- (8) "interess pubbliku imperattiv" tfisser, għall-finijiet tal-Artikolu 20, raġuni prevalenti biex jiġi pprovdut appoġġ tal-Unjoni għal ċerta azzjoni, jew sett ta' azzjonijiet, minħabba kontribuzzjoni ċara u sinifikanti għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika skont l-Artikolu 3 tal-FEK, fejn l-azzjoni tkun ta' impatt strateġiku u fejn in-nuqqas jew id-dewmien tal-appoġġ tal-Unjoni jista' jirriżulta f'riskju materjali għall-kompetittività tal-Unjoni, li jiġġustifika l-applikazzjoni ta' regoli aċċellerati u semplifikati għall-aġġudikazzjoni;
- (9) "sieħeb ta' implimentazzjoni" tfisser entità li timplimenta, b'ġestjoni indiretta, appoġġ taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK;
- (10) "proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni" (IPCEIs) tfisser proġetti li jissodisfaw l-kriterji kollha stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-ġħajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni jew kwalunkwe reviżjoni sussegwenti ta' dik il-Komunikazzjoni;

- (11) "perkors tal-investment" tfisser il-proċess kontinwu ta' mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u ta' appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluż sensiela komprensiva ta' attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u l-għoti ta' appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan jinkludi, iżda mhux limitat għall-bidu mill-fażijiet ta' riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta' espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;
- (12) "operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment" jew "operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investment" tfisser operazzjonijiet li jipprovdu finanza b'mod dirett jew indirett lil riċevituri finali permezz ta' prodotti finanzjarji, mwettqa minn:
- (a) sieħeb ta' implimentazzjoni f'ismu stess, ipprovduti mis-sieħeb ta' implimentazzjoni f'konformità mar-regoli interni, il-politiki u l-proċeduri tiegħu u li jiġu kontabilizzati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-sieħeb ta' implimentazzjoni jew, fejn applikabbli, żvelati fin-noti ta' dawk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji;
  - (b) fil-kuntest tal-istrument finanzjarju InvestEU tal-FEK, sieħeb ta' implimentazzjoni f'ismu stess jew f'ismu stess iżda għan-nom tal-Kummissjoni, kif applikabbli;
- (13) "entitajiet ġuridiċi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt tal-Unjoni, id-dritt nazzjonali jew id-dritt internazzjonali, inkluż Strutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAP), stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>39</sup>, li jkollha l-personalità ġuridika u l-kapaċità li taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità li ma jkollhiex personalità ġuridika kif imsemmi fl-Artikolu 200(2), il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju;

---

<sup>39</sup> ĠU L, 2025/2643, 29.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2643/oj>

- (14) "tieqa ta' politika" tfisser qasam fil-mira ta' appoġġ mis-Sett ta' Għodod tal-FEK kif speċifikat fl-Artikolu 3(2);
- (15) "akkwist prekummerċjali" tfisser l-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp li jinvolvi l-qsim tar-riskji u l-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet tas-suq fejn ikun hemm separazzjoni ċara tas-servizzi ta' riċerka u żvilupp akkwistati mill-użu ta' volumi kummerċjali ta' prodotti finali;"
- (16) "konsulenza għall-proġetti" tfisser konsulenza li tappoġġa l-investment, inkluż il-bini tal-kapaċitajiet u l-attivitajiet ta' żvilupp tas-suq, u servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozju pprovduti minn sħab konsultattivi, minn fornituri esterni tas-servizzi kkuntrattati mill-Kummissjoni jew permezz ta' aġenziji eżekuttivi Ewropej;"
- (17) "Siġill tal-Kompetittività" tfisser tikketta tal-kwalità aġġudikata lil proposta sottomessa għal sejħa għal proposti li turi li dik il-proposta tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-kwalità stipulati fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni;
- (18) "kumpanija żgħira b'kapitalizzazzjoni medja" tfisser entità kif definita fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2025/1099<sup>40</sup>;
- (19) "intrapriża żgħira u ta' daqs medju" jew "SME" tfisser intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE<sup>41</sup>;
- (20) "partijiet ikkonċernati" tfisser individwi, gruppi, jew organizzazzjonijiet li huma affettwati minn u li jistgħu jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-programm;

---

<sup>40</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-21.5.2025 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

<sup>41</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

- (21) "infrastruttura" tfisser l-elementi fiżiċi u virtwali kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet ekonomiċi, inkluż networks, grilji u assi, kif ukoll assi mobbli marbuta mal-infrastruttura, bl-eċċezzjoni ta' assi mobbli għat-tiswija msemmija fil-punt (21aa) hawn taħt, it-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, ir-reżiljenza, l-effiċjenza, id-diġitalizzazzjoni, u l-interoperabbiltà;
- (21aa) "kapaċitajiet tat-trasport u l-loġistika b'użu doppju" tfisser kapaċitajiet li jistgħu jintużaw kemm għal skopijiet ta' trasport ċivili kif ukoll militari; filwaqt li "kapaċitajiet tat-trasport" tfisser kwalunkwe oġġett, mezz tat-trasport jew persunal, separatament jew flimkien, li jistgħu jiffaċilitaw, jippermettu u jwettqu operazzjonijiet ta' trasport militari, kif ukoll assi mobbli għat-tiswija ta' infrastruttura strateġika b'użu doppju, "kapaċitajiet tal-loġistika" tfisser il-persunal, it-tagħmir, u s-servizzi li jistgħu jiffaċilitaw, jippermettu u jipprovdu appoġġ loġistiku, inkluż il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-fjuwil, tal-provvisti, u ta' komoditajiet essenzjali oħra;
- (21a) "ġestjoni dinamika tad-disponibbiltà" tfisser il-provvista fil-ħin tal-prodotti tad-difiża, fil-post miftiehem u fil-livelli ta' disponibbiltà miftiehma, kif ukoll il-ġestjoni tar-riskji għad-disponibbiltà li jistgħu jimmaterializzaw fil-forma ta' nuqqasijiet ta' disponibbiltà tal-prodott tad-difiża kkonċernat; f'dan il-kuntest, "disponibbiltà" tfisser il-kapaċità tal-prodott tad-difiża li jiffunzjona bla ħsara f'kundizzjonijiet definiti u li jkun lest biex jintuża meta jkun meħtieġ;

(21b) "manutenzjoni tal-prodotti tad-difiża" tfisser l-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġu żgurati l-prontezza u l-kapaċità operazzjonali ta' prodott tad-difiża, b'mod partikolari biex it-tagħmir jinżamm f'kundizzjonijiet speċifikati, jew jiġi restawrat għalihom, sa tmiem l-użu tiegħu, inkluż il-prontezza għal missjonijiet, il-lonġevità u l-aġġornamenti, l-adattament u l-ispeċjalizzazzjoni, l-ispezzjoni, it-tiġdid maġġuri, l-ittestjar, il-manutenzjoni, il-modifiki, il-klassifikazzjoni fir-rigward tal-kapaċità għas-servizz, it-tiswija, l-irkupru, ir-rikostruzzjoni, ir-reklamazzjoni, is-salvataġġ u l-kannibalizzazzjoni.

(21ba) "ċiklu tal-ħajja ta' prodott tad-difiża" tfisser l-istadji suċċessivi kollha possibbli ta' prodott tad-difiża, mir-riċerka u l-iżvilupp sad-dekummissjonar u r-rimi;

(21c) "azzjoni ta' koordinazzjoni u appoġġ" tfisser azzjoni għall-finijiet tal-bini tal-kapaċitajiet, it-tixrid tal-informazzjoni u tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni.

### *Artikolu 3*

#### **Objettivi**

1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jsaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni, jikkontribwixxi għat-*tkabbir* tal-produttività u għall-awtonomija strateġika, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-Unjoni, billi jappoġġa investimenti li jipprovdu valur miżjud tal-Unjoni fis-suq intern tagħha b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi kif ukoll soluzzjonijiet innovattivi, tul il-perkors tal-investment billi:
  - (a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku, soċjali u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jżid il-produttività u jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-użu industrijali u fis-suq tagħhom;

- (b) inaqqsas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni u jsaħħaħ ir-reżiljenza, is-sovranità u s-sigurtà ekonomika u tal-enerġija tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-użu ċirkolari tar-riżorsi, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni tal-Unjoni ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u s-salvagwardja ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni, inkluż kontra kull tip ta' theddid, anke theddid ibridu u ċibernetiku, bħas-sabotaġġ jew id-diżinformazzjoni;
- (c) jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod partikolari billi jiġi attirat il-kapital privat u l-investituri istituzzjonali, kif ukoll il-finanzjament pubbliku b'mod proporzjonat, filwaqt li tiġi żgurata l-addizzjonalità, billi tiġi evitata d-duplikazzjoni u mingħajr ma jiġu esklużi investituri privati jew pubbliċi oħra, u billi jservi ta' pjattaforma integrata għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju mmirat lill-kumpaniji fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp, inkluż dawk li jkollhom fil-mira l-użu fil-manifattura, fl-industrija u fis-suq;
- (d) isaħħaħ l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni f'konformità mal-oġettiv li tinkiseb l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, inkluż għodod soluzzjonijiet biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, jiġu eliminati l-ostakli, jinħolqu inċentivi għal investimenti privati u jiġu ddiversifikati u msaħħa s-sorsi ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha, inkluż dawk bi swieq kapitali inqas żviluppati;
- (e) jallinja r-riċerka, l-innovazzjoni u l-appoġġ tal-politika industrijali biex l-eċċellenza fir-riċerka tal-Unjoni tissarraf f'saħħa industrijali tal-Unjoni fis-swieq globali u jiġi żgurat il-futur tal-manifattura fl-Ewropa, filwaqt li titrawwem ekonomija Ewropea innovattiva;

- (f) jiżviluppa u jsaħħaħ infrastruttura transfruntiera u kritika tal-Unjoni li hija essenzjali għall-kompetittività, l-indipendenza strateġika u r-reżiljenza tal-Unjoni, b'mod partikolari l-enerġija, it-trasport, inkluż it-trasport militari, l-infrastruttura diġitali, tas-sigurtà, tad-difiża, tal-ispazju, tal-ilma u soċjali u d-data u s-servizzi relatati;
- (g) isaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs u tal-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja stabbiliti fl-Unjoni u l-kapaċità tagħhom li jikbru u jespandu, b'mod partikolari billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzi, inkluż għall-investment privat, il-mikrofinanzjament u l-appoġġ għall-intrapriżi soċjali kif ukoll billi jiffaċilita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament tal-Unjoni, billi jipprevedi proċeduri aktar rapidi, simplifikati u armonizzati, u billi jnaqqas il-piż tar-rapportar tagħhom u jiġi żgurati li dan ikun proporzjonat;
- (h) jippromwovi impjiegi ta' kwalità u jindirizza n-nuqqasijiet ta' ħiliet kritiċi għat-tipi kollha ta' impjiegi f'setturi strateġiċi għall-kompetittività tal-Unjoni, permezz ta' investment fil-ħiliet orizzontali u primarjament speċifiċi, li jikkontribwixxi għad-disponibbiltà tal-ħiliet f'teknoloġiji emerġenti futuri, u billi jfittex li jakkumpanja l-investimenti b'investment fil-ħiliet;
- (i) jiżgura l-integrazzjoni tas-suq uniku u l-konnessjoni tal-potenzjal sħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni, inkluż billi jiġu appoġġati, f'kull stadju tal-perkors tal-investment, inizjattivi li x'aktarx jiġġeneraw kisbiet sinifikanti fl-innovazzjoni, fil-produttività u fis-sigurtà b'effetti konsegwenzjali pożittivi għas-suq uniku u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur interni tal-Unjoni;
- (k) jiżgura tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija sostenibbli, dekarbonizzata u diġitali li tkun ġusta u li tappoġġa lill-ħaddiema u lill-komunitajiet, filwaqt li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-bijodiversità u tas-saħħa tal-bniedem;
- (ka) jappoġġa azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, u l-monitoraġġ tal-politiki u l-atti legali u l-politiki rilevanti tal-Unjoni.

2. Skont l-objettivi ġenerali stipulati fil-paragrafu 1, il-FEK għandu jsegwi b'mod partikolari l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) Għall-appoġġ għat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u d-Dekarbonizzazzjoni Industrijali, l-objettivi speċifiċi ta':

- (i) l-appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea, inkluż l-appoġġ għall-SMEs u l-industriji intensivi fl-enerġija, il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u l-ktajjen tal-provvista tagħha u ż-żieda fil-produzzjoni kif ukoll l-investimenti fl-infrastruttura relatati, u l-kontribut għall-bidla lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, tal-ilma u tar-riżorsi, newtrali għall-klima, pożittiva għan-natura u reżiljenti inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-politika ambjentali u b'mod teknoloġikament newtrali;
- (ii) it-trawwim tas-swieq ewlenin għal prodotti, servizzi, proċessi u teknoloġiji nodfa;
- (iii) l-adozzjoni mill-industriji ta' teknoloġiji ta' dekarbonizzazzjoni u ċirkolari u soluzzjonijiet oħra għall-proċessi u l-attivitajiet industrijali tagħhom;
- (iv) id-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli u nadifa, l-iżvilupp tal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija, l-iżvilupp, ir-reżiljenza, l-integrazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-infrastrutturi u s-sistemi tal-enerġija u t-trasport, it-tiżiħ tal-mobbiltà intelliġenti, il-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-elettrifikazzjoni, kif ukoll it-tiżiħ tal-ekonomija blu sostenibbli;
- (v) l-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali innovattivi bbażati fuq in-natura u ċirkolari u soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda għal bini, trasport u industrija dekarbonizzati nodfa, li jsaħħu r-reżiljenza soċjetali għall-klima.

- (b) Għall-appoġġ għas-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agrikoltura u l-Bijoeconomija:
- (i) Għall-appoġġ għas-saħħa, l-oġġettivi speċifiċi tat-trawwim tal-innovazzjoni u l-kompetittività tas-settur tas-saħħa għall-benefiċċju tan-nies u tas-soċjetà madwar l-Unjoni filwaqt li jiġi żgurat li l-innovazzjoni tissarraf fi prattika, sigurtà tal-provvista u l-kapaċità u l-abbiltà industrijali meħtieġa biex jiġu ġestiti l-isfidi tas-saħħa pubblika u t-treddid transfruntier serju għas-saħħa fil-futur; it-titjib u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-popolazzjoni, billi tingħata prijorità lill-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, jiġu żviluppati dijanjożi u trattamenti aħjar tul il-ħajja permezz ta' politiki dwar is-saħħa f'kulħadd u Saħħa Waħda, u billi jissaħħu l-innovazzjoni, it-tnejjija, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u tal-awtoritajiet tas-saħħa pubblika;
  - (ii) Għall-appoġġ għall-bijoteknoloġija, l-oġġettivi speċifiċi li jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, l-iżvilupp u l-produzzjoni u l-adozzjoni skalabbli, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' soluzzjonijiet bijoteknoloġiċi, inkluż prodotti mediċinali, apparati mediċi, apparati mediċi dijanjostiċi in vitro u kontromiżuri mediċi;
  - (iii) Għall-appoġġ għall-politika tal-bijoeconomija, l-oġġettivi speċifiċi tat-trawwim ta' bijoeconomija innovattiva u kompetittiva fl-Unjoni, inkluż fl-oqsma tal-materjali u l-prodotti b'bażi bijoloġika, il-manifattura, il-prodotti tal-ikel innovattivi u kimiċi b'bażi bijoloġika; inkluż l-appoġġ għall-SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups, l-avvanz tal-iżvilupp, il-produzzjoni u l-adozzjoni skalabbli, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-innovazzjonijiet tal-bijoeconomija, inkluż dawk ibbażati fuq bijoteknoloġija mill-aktar avvanzata transsettorjali u soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika, sabiex jissaħħu l-ktajjen tal-provvista tagħhom u tiżdied ir-reżiljenza tagħhom;

- (iv) Għall-appoġġ għall-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel, l-oġettiv speċifiku li jitrawmu l-kompetittività, l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-agrikoltura, tas-sistemi tal-ikel (inkluż l-ipproċessar tal-ikel), tas-sajd, tal-akkwakultura, tal-forestrija, taż-żoni rurali u kostali u li jiġi appoġġat ir-rwol tagħhom fil-mitigazzjoni tal-kriżijiet klimatiċi, ambjentali u tal-bijodiversità kif ukoll fis-salvagwardja tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa tal-pjanti.
- (c) Għall-appoġġ għat-Tmexxija Diġitali, l-oġettivi speċifiċi tat-trawwim tal-innovazzjoni, il-kompetittività u s-sovranità tas-settur diġitali għal Unjoni kompetittiva u sigura, li jwassal il-benefiċċji tagħha liċ-ċittadini u lis-soċjetà, lill-amministrazzjonijiet pubbliċi u lin-negozji madwar l-Unjoni. Dan jinkludi, iżda mhux limitat għal, appoġġ għall-kamp ta' applikazzjoni kollu tas-settur diġitali u l-ktajjen tal-valur b'mod komprensiv u strateġiku, inkluż appoġġ għall-istart-ups, l-iscale-ups u l-SMEs, b'enfasi fuq oqsma diġitali ewlenin li jinkludu, iżda mhumiex limitati, għall-intelliġenza artifiċjali, il-computing ta' prestazzjoni għolja u t-teknoloġiji u l-infrastrutturi tad-data, it-teknoloġiji u l-infrastrutturi kwantistiċi, is-semikondutturi, il-materjali avvanzati, it-teknoloġiji u s-servizzi tas-software, ir-realtà awmentata u d-dinjiet virtwali, il-pjattaformi u t-teknoloġiji rilevanti għall-media, ir-robotika, it-teknoloġiji u l-proċessi tal-manifattura addittivi u diġitali, it-teknoloġiji u l-infrastrutturi tal-konnettività, l-infrastrutturi u s-servizzi diġitali bħall-identità diġitali u s-servizzi fiduċjarji u t-teknoloġiji diġitali interoperabbli, iċ-ċibersigurtà, u t-teknoloġiji diġitali ġodda u emerġenti kif ukoll it-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet diġitali transsettorjali, inkluż dawk b'potenzjal ta' użu doppju, b'mod partikolari permezz ta':

- (i) l-iżvilupp u t-tiswir ta' teknoloġiji diġitali ewlenin sostenibbli;
  - (ii) il-bini ta' ekosistemi diġitali attraenti, kompetittivi, siguri u reżiljenti u t-tiżni tas-sigurtà tal-provvista;
  - (iii) il-bini, l-iżvilupp, l-immodernizzar, it-tlestija u l-implimentazzjoni ta' applikazzjonijiet, infrastrutturi u servizzi diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u sostenibbli, inklużi networks diġitali trans-Ewropej;
  - (iv) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali u l-interoperabbiltà tas-setturi pubbliċi u privati;
  - (v) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħilet diġitali avvanzati inklużi l-ħilet ta' ċibersigurtà;
  - (vi) l-appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-atti legali u l-politiki rilevanti tal-Unjoni;
  - (vii) it-tiżni tal-livell għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni; u
  - (viii) l-appoġġ tal-potenzjal għall-innovazzjoni u l-kompetittività tal-industriji u s-setturi kulturali u kreattivi.
- (d) Għall-appoġġ għar-"Reżiljenza u s-Sigurtà, l-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju", l-oġettivi speċifiċi ta':
- (1) Għall-appoġġ għal ktajjen tal-valur reżiljenti tal-materja prima kritika, l-oġettivi speċifiċi ta' t-tiżni tal-awtonomija strateġika tal-Ewropa, is-sigurtà ekonomika u r-reżiljenza tal-industrija tal-Unjoni, billi:
    - (a) jissaħħu l-istadji differenti tal-katina tal-provvista tal-materja prima kritika, inkluż il-kapaċità tal-Unjoni tal-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar, l-irkupru, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-materja prima kritika;

- (b) jiġu ddiversifikati s-sorsi u s-swieq tal-provvista;
  - (c) tittejjeb id-disponibbiltà f'waqtha ta' tali prodotti, inkluż permezz tat-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-konsenja tagħhom, l-allokkazzjoni ta' slots tal-manifattura jew il-kumulazzjoni ta' riżerva ta' prodotti, prodotti intermedji jew materja prima kritika.
- (2) Għall-appoġġ għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), l-oġġettivi speċifiċi ta':
- (a) il-promozzjoni tat-tħejjija industrijali għad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz tat-tiżiħ tal-kompetittività, ir-rispons u r-reżiljenza fit-tul tal-EDTIB, inkluż l-għoti ta' appoġġ lill-istart-ups u lill-iscale-ups u lill-SMEs, u t-trawwim ta' ekosistema industrijali tad-difiża innovattiva tal-UE;
  - (b) ir-riċerka kollaborattiva u l-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża, inklużi teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża;
  - (c) il-kooperazzjoni matul iċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir tad-difiża, b'mod partikolari fl-akkwist fil-qasam tad-difiża u għall-iżvilupp ta' proġetti Ewropej għad-difiża ta' interess komuni;
  - (d) l-aġġustament tal-EDTIB għall-bidliet strutturali, inkluż il-kapaċità tagħha li tiżgura d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom tal-prodotti tad-difiża.
- (3) Għall-implimentazzjoni tas-sistemi spazjali u l-politika spazjali tal-UE, l-oġġettivi speċifiċi ta':
- (a) It-tfassil, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' sistemi spazjali, li jipprovdu data, informazzjoni u servizzi spazjali ta' kwalità għolja u aġġornati, jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utenti u r-rekwiżiti tas-sigurtà u jappoġġaw il-politiki tal-Unjoni u jiżguraw l-evoluzzjoni ta' dawk is-sistemi u s-servizzi;

- (b) Il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-attivitajiet ibbażati fl-ispazju, b'mod partikolari billi jitrawwem l-iżvilupp ta' ekonomija spazjali tal-Unjoni innovattiva u kompetittiva u l-adozzjoni ta' informazzjoni, data u servizzi spazjali, u billi jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' suq intern ġenwin għall-attivitajiet fl-ispazju, inkluż ir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi għall-prodotti u t-teknoloġiji spazjali u l-appoġġ għall-istart-ups u l-iscale-ups u l-SMEs, filwaqt li jingħata appoġġ lill-kumpaniji biex jikbru internazzjonalment;
  - (c) It-tiżiħ tas-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet kollha fl-ispazju ekstratmosferiku;
  - (d) Il-promozzjoni tar-rwol tal-Unjoni bħala attur globali fis-settur spazjali u d-diplomazija spazjali.
- (4) Għall-appoġġ għall-industrija tas-sigurtà ċivili, l-oġġetti speċifiċi tat-tiżiħ tal-kompetittività u r-rispons tal-industrija Ewropea tas-sigurtà ċivili, fl-oqsma ta':
- (a) Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika u b'użu doppju, l-entitajiet kritiċi, it-teknoloġiji inkluż l-infrastruttura kritika tal-enerġija;
  - (b) Soluzzjonijiet għall-kontroll ta' oġġetti u persuni fil-fruntieri;
  - (ba) Il-protezzjoni tal-fruntieri, is-sigurtà marittima u s-sigurtà doganali;
  - (c) Il-kapaċitajiet ta' preparatezza ċivili, prevenzjoni u rispons għat-theddid għas-sigurtà;
  - (d) Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, b'mod partikolari t-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità serja u organizzata u l-kriminalità bl-użu tal-internet;
  - (e) It-tiżiħ tal-kapaċitajiet tal-utenti finali rilevanti fis-settur tas-sigurtà ċivili, inkluż il-prattikanti tas-sigurtà.

## Artikolu 4

### [Baġit]

1. [Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-FEK għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 għandu jkun ta' EUR 234 300 000 000 fi prezzijiet kurrenti.
2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun kif ġej:
  - (a) EUR 11 000 000 000 għal attivitajiet li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 3, kif implimentati b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet trażversali bħall-appoġġ mhux tematiku tal-Istrument InvestEU tal-FEK, imsemmi fil-Kapitolu II, it-Taqsima 2; Il-konsulenza għall-proġetti tal-FEK, il-Kollaborazzjoni mal-SMEs, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-Aċċess għall-Finanzjament, imsemmija fil-Kapitolu III;
  - (b) EUR 26 210 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);
  - (c) EUR 20 393 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);
  - (d) EUR 51 493 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (c);
  - (e) EUR 125 204 000 000 għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).
3. L-impenji baġitarji għall-attivitajiet li jestendu għal iktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti annwali.
4. L-approprijazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2034 biex ikopru l-ispejjeż neċessarji biex jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3, biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux kompluti sa tmiem il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll l-ispejjeż li jkopru l-attivitajiet u s-servizzi operazzjonali kritiċi.

5. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u r-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 5 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-FEK, bħall-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, is-sistemi u l-pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-FEK.]

## **TAQSIMA 2**

### **ĠABRA UNIKA TA' REGOLI**

#### *Artikolu 5*

#### **Riżorsi addizzjonali**

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali disponibbli lill-FEK jew lil kwalunkwe waħda mill-oġettivi speċifiċi tiegħu stipulati fl-Artikolu 3(2), inkluż kontribuzzjonijiet speċifiċi lill-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji tal-Istrument InvestEU tal-FEK kif imsemmi fl-Artikolu 21. Kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a) , (d), jew (e), jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Ir-riżorsi allokatati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq talba taġġhom, f'konformità mal-Artikolu X tar-Regolament (UE) [XXX][ir-Regolament FSNR], jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-FEK. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a) jew (c) tar-Regolament Finanzjarju. Dawk ir-riżorsi għandhom ikunu addizzjonali għall-ammont imsemmi fl-Artikolu 4 u għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli għall-FEK f'konformità ma' dan il-paragrafu, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal kapitolu rispettiv wieħed jew aktar tal-Pjan jew is-suċċessuri taġġhom.
3. [Kwalunkwe dħul iġġenerat minn attivitajiet u komponenti skont il-Kapitolu VII, it-Taqsim 3 ta' dan ir-Regolament, għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju għall-FEK jew għas-suċċessur tiegħu.]
4. [[Mill-1 ta' Jannar 2028 / id-data tal-bidu tal-programm], b'deroga mill-ewwel, mit-tieni u mir-raba' subparagrafi tal-Artikolu 212(3) tar-Regolament Finanzjarju, id-dħul, ir-ripagamenti u l-irkupri minn strumenti finanzjarji ffinanzjati minn dan ir-Regolament, il-predeċessur tiegħu, u dawk imsemmija fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2021/523 għandhom jintużaw biex jipprovdu appoġġ tal-Unjoni taħt il-FEK. B'deroga mill-punt (f) tal-Artikolu 21(3) u f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju, dawn ir-riżorsi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern lill-FEK.]
5. [[Mill-1 ta' Jannar 2028 / id-data tal-bidu tal-programm], b'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 216(4) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe surplus ta' provvedimenti għall-garanziji baġitarji stabbiliti bir-Regolamenti (UE) 2015/1017[2] u (UE) 2021/523[3] jista' jintuża biex jipprovdi appoġġ tal-Unjoni taħt il-FEK. Dawn ir-riżorsi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju lill-FEK.]

**Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv**

1. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' wkoll tirċievi kontribuzzjoni oħra taħt il-FEK, dment li daww il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi għall-appoġġ għall-politika tal-industrija tad-difiża, ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti jew sett uniku ta' regoli ta' kwalunkwe wieħed mill-programmi kontribwenti tal-Unjoni jista' japplika għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali uniku. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat bi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.
2. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt il-FEK jistgħu jitwettqu b'mod konġunt taħt ġestjoni diretta jew indiretta mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet, mal-korpi, mal-uffiċċji u mal-aġenziji tagħhom, mal-pajjiżi terzi, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew ma' partijiet terzi oħra, dment li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif ukoll tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri. Proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt il-FEK għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-FEK f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament jew jistgħu jiġu inkarigati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament Finanzjarju. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament Finanzjarju.

**Koordinazzjoni rigward il-FEK u programmi tal-Unjoni oħrajn**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koerenza strateġika u implimentazzjoni konsistenti tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u tal-Fond għall-Innovazzjoni.
2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, b'mod proporzjonat għar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, jiffaċilitaw il-koordinazzjoni u l-koerenza bejn il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali dwar prijoritajiet ta' kompetittività komuni f'oqsma u proġetti ewlenin magħżula meqjusa ta' importanza strateġika u ta' interess Ewropew komuni.
3. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'sinerġija mal-Fond Ewropa Globali u u b'mod li jikkomplementa, biex jappoġġa l-kompetittività globali, jiżgura sorsi ta' provvista diversifikati, u jsaħħaħ il-potenzjal tal-esportazzjoni u l-opportunitajiet tal-kumpaniji Ewropej, u ma' programmi tal-Unjoni oħrajn, inkluż il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Programm tas-Suq Uniku u d-Dwana, Erasmus+ u AgoraEU.

**Siġill tal-Kompetittività**

1. Meta l-programm ta' ħidma jipprevedi l-possibbiltà l-aġġudikazzjoni ta' Siġill tal-Kompetittività, dan għandu jiġi aġġudikat lil proposti jew azzjonijiet ta' kwalità għolja li għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
  - (a) ikunu ġew ivvalutati fi proċedura ta' aġġudikazzjoni taħt il-FEK;
  - (b) ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità ta' dik il-proċedura ta' aġġudikazzjoni; u
  - (ba) jikkonformaw ma' kwalunkwe kundizzjoni addizzjonali li tista' tiġi stipulata fil-programm ta' ħidma jew fid-dokumenti relatati ma' dik il-proċedura ta' aġġudikazzjoni.
3. L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw proġetti li jkunu ġew aġġudikati Siġill tal-Kompetittività, jew jistgħu jipprovdu appoġġ permezz tal-FEK billi jagħmlu riżorsi addizzjonali disponibbli għall-FEK f'konformità mal-Artikolu 5(1) jew (2).
4. Minkejja l-paragrafu 1, il-proġetti strateġiċi identifikati fl-atti legali tal-Unjoni li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), għandhom jiġu aġġudikati s-Siġill tal-Kompetittività.

## *Artikolu 9*

### **Eliġibbiltà**

1. Għandhom jiġu stipulati kriterji ta' eliġibbiltà biex jappoġġaw il-kisba tal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u dawn għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' aġġudikazzjoni kollha taħt il-FEK.
2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew restrizzjoni stabbilita f'kull tiegħa jew komponent ta' politika u filwaqt li jkunu konsistenti mal-Artikolu 10, kategorija waħda jew aktar mill-kategoriji ta' entitajiet ġuridiċi li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ mill-Unjoni fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt il-FEK taħt ġestjoni diretta jew indiretta:
  - (a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru jew f'Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej;
  - (b) entitajiet stabbiliti f'pajjiż assoċjati;
  - (c) organizzazzjonijiet internazzjonali;
  - (d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati biss jekk il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3, b'mod partikolari f'każijiet speċifiċi tal-awtonomija strateġika u l-interess ta' sigurtà ekonomika tal-Unjoni.

3. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju, il-pajjiżi terzi assoċjati li jissemmew fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu, fejn rilevanti, jipparteċipaw ukoll fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stipulat fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 168 tar-Regolament Finanzjarju għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għall-pajjiżi terzi assoċjati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali parteċipanti.
4. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt il-FEK, l-attivitajiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ:
  - (a) l-attivitajiet li huma pprojbiti mid-dritt tal-Unjoni, mid-dritt internazzjonali applikabbli, jew mid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri kollha; jew
  - (b) l-attivitajiet li huma diġà ffinanzjati bis-sħiħ minn sorsi pubbliċi jew privati oħra.
- 4a. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, ir-restrizzjonijiet fuq l-eliġibbiltà għandhom japplikaw għall-fornituri ta' riskju għoli skont id-dritt tal-Unjoni, għal raġunijiet ta' sigurtà.
5. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jispeċifikaw aktar il-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati f'dan ir-Regolament.
6. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx ikunu preżenti f'deliberazzjonijiet dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà.

**Kriterji għall-aġġudikazzjoni**

1. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, il-kriterji għall-aġġudikazzjoni stipulati fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 15 jew f'sejħiet għal proposti għandhom jirriflettu, kif rilevanti, l-oġettivi ġenerali fl-Artikolu 3(1) u jkunu bbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:
  - (a) Il-kwalità tal-proposti ppreżentati fid-dawl tal-oġettivi u l-prijoritajiet stipulati fis-sejħa għal proposti. Il-kriterji ta' kwalità għandhom jinkludu elementi bħall-mertu tekniku, il-karatteristiċi innovattivi u funzjonali u l-kapaċità li jinkisbu r-riżultati mistennija;
  - (b) L-impatt tar-riżultati mistennija tal-proposti fuq il-kisba tal-oġettivi u l-prijoritajiet stipulati fis-sejħa għal proposti, b'enfasi speċjali fuq il-valur miżjud tal-Unjoni, il-kontribut għall-kompetittività, il-produttività u r-reżiljenza, u l-punt sa fejn il-proġett jista' jegħleb ostakli finanzjarji bħan-nuqqas ta' finanzjament tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali; u
  - (c) Il-kapaċità tal-proposti li jappoġġaw attivitajiet speċifiċi skont il-Kapitoli III, IV, V, VI u VII, it-Taqsimiet 1, 3 u 4, fejn rilevanti filwaqt li jitqiesu n-natura u l-oġettivi ta' dawk l-attivitajiet.
2. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx ikunu preżenti f'deliberazzjonijiet dwar il-kriterji għall-aġġudikazzjoni.
3. Dan l-Artikolu ma japplikax għall-programmi ta' ħidma adottati għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet skont il-Kapitolu VII, it-Taqsima 2.

**[Preferenza tal-UE]**

1. [L-appoġġ tal-FEK għandu jkollu fil-mira l-iżvilupp, il-manifattura u l-isfruttament fl-Unjoni ta' teknoloġiji u setturi strateġiċi, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-impenji internazzjonali. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni jistgħu japplikaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 sabiex jiġu protetti l-interessi strateġiċi u tas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, kif ukoll is-sigurtà u l-assi kritiċi u s-servizzi li jipprovdu.
  
2. Il-programm ta' ħidma, il-linji gwida għall-investment jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jistipulaw kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Unjoni, inkluż il-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi u l-awtonomija tal-Unjoni fejn meħtieġ u xieraq, inkluż permezz ta' kundizzjonijiet preferenzjali bħal restrizzjonijiet jew inċentivi għall-entitajiet tal-Unjoni, filwaqt li tiġi limitata d-distorsjoni tas-suq uniku. Dawk il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà jistgħu jieħdu l-forma ta':
  - (a) restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni u l-prestazzjoni li jeħtieġu li l-entitajiet parteċipanti jkunu stabbiliti, jużaw il-faċilitajiet, jew iwettqu attivitajiet fl-Istati Membri, u meta xieraq pajjiżi eliġibbli oħra. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jagħtu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni u l-prestazzjoni;
  
  - (b) restrizzjonijiet fuq it-trasferiment li jeħtieġu li r-riċevituri tal-finanzjament tal-FEK, matul jew fi żmien 5 snin kalendarji wara t-tmiem ta' azzjoni, ma jittrasferux direttament jew indirettament l-operazzjonijiet kollha jew ċerti operazzjonijiet, ir-risultati jew id-drittijiet relatati ta' aċċess u użu, inkluż l-għoti ta' liċenzji, minn Stat Membru eliġibbli jew pajjiż assoċjat lejn pajjiż terz mhux eliġibbli. Inkella, il-finanzjament tal-Unjoni jista' jitnaqqas u jista' jiġi rkuprat kompletament jew parzjalment. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jagħtu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq it-trasferiment;

- (c) restrizzjonijiet fuq il-provvista u l-kontenut li jeħtieġu lir-riċevituri tal-finanzjament tal-FEK jiżguraw ċertu użu jew akkwist minimu ta' tagħmir, provvisti u materjali, jew il-komponenti tagħhom, użati għall-azzjoni mill-entitajiet eliġibbli msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), sakemm daww il-provvisti u l-materjali ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod raġonevoli minn daww l-entitajiet eliġibbli. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jagħtu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-provvista u l-kontenut;
- (d) restrizzjonijiet fuq il-kontroll li jeħtieġu li r-riċevituri tal-finanzjament tal-FEK jakkwistaw u/jew iżommu l-kapaċità li jiddeċiedu, mingħajr restrizzjonijiet imposti minn entitajiet ineliġibbli, dwar il-ħolqien u l-użu tar-riżultati, inklużi l-awtorità legali u l-kapaċità Prattika li jimmodifikaw, jissostitwixxu jew ineħħu l-komponenti tar-riżultati li huma soġġetti għal restrizzjonijiet imposti minn entitajiet ineliġibbli jew minn pajjiżi terzi. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jagħtu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq l-awtorità tat-tfassil;
3. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jaffettwaw is-sigurtà, id-difiża jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju. Daww ir-restrizzjonijiet fuq l-eliġibbiltà jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu:
- (a) fir-rigward tal-entitajiet parteċipanti, restrizzjonijiet fuq l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi u restrizzjonijiet fuq is-sjieda u l-kontroll li jillimitaw il-parteċipazzjoni tal-entitajiet kollha jew ta' ċerti entitajiet għal daww l-entitajiet bi struttura ta' ġestjoni eżekuttiva, kif ukoll is-sjieda u l-kontroll minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, stabbiliti fl-Istati Membri, u fejn xieraq pajjiżi eliġibbli oħra;

- (b) fir-rigward tal-attivitajiet implimentati, il-post ta' prestazzjoni, l-użu ta' faċilitajiet, jew tat-tagħmir, restrizzjonijiet li jillimitaw l-użu għall-attivitajiet kollha jew għal ċerti attivitajiet għal dawk l-assi li jinsabu jew li joriġinaw fl-Istati Membri, u fejn xieraq pajjiżi eliġibbli oħra;
- (c) fir-rigward ta' restrizzjonijiet oħra tas-sigurtà, rieżamijiet tas-sigurtà u valutazzjonijiet tar-riskji, approvazzjonijiet tas-sigurtà, restrizzjonijiet fuq it-trasferiment u d-drittijiet tal-aċċess, inkluż l-għoti ta' liċenzji biex jiġu żgurati salvagwardji xierqa għar-riżultati kollha jew għal ċerti riżultati u informazzjoni oħra ġġenerata jew użata mill-azzjoni.]

### *Artikolu 11*

#### **Pajjiżi terzi assoċjati mal-FEK**

1. Il-FEK jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali mal-FEK, f'konformità mal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u applikabbli għal:
  - (a) membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fiż-ŻEE, kif ukoll mikrostatu Ewropej (Andorra, Monaco, San Marino u l-Belt tal-Vatikan), f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti;
  - (b) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi, fil-protokollu u fid-deċizzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew arranġamenti simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

- (c) pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi, fil-protokollu u fid-deċizzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew f'arranġamenti simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;
- (d) pajjiżi terzi oħra, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim internazzjonali speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi fi kwalunkwe programm tal-Unjoni.

2. Il-ftehimiet għall-fini tal-parteċipazzjoni fil-FEK imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

- (a) jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiżi terzi li jkun qed jipparteċipa fil-FEK;
- (b) jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, lill-FEK u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;
- (c) ma jagħtux lill-pajjiżi terzi xi setgħat ta' teħid ta' deċizzjonijiet fil-programm;
- (d) jiggwarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;
- (e) fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi strateġiċi, tas-sigurtà, tad-difiża u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti Finanzjarji u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jggarantixxi li d-deċiżjonijiet li jimponu obbligu pekunarju fuq persuni li mhumiex Stati skont it-tifsira tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.
4. Ftehimiet speċifiċi separati jistgħu jiġu konklużi f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE għal attivitajiet taħt il-FEK relatati mas-sigurtà u l-forniment ta' servizzi siguri u assi kritiċi lill-Unjoni.

### *Artikolu 12*

#### **Implimentazzjoni u forum tal-appoġġ tal-Unjoni**

1. Il-FEK għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta' ħidma għandhom ikunu annwali jew pluriennali. L-implimentazzjoni tal-FEK permezz ta' programmi ta' ħidma pluriennali għandha tkun ippreferuta skont in-natura u l-oġettiv tal-attivitajiet implimentati.
2. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.
3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli stipulati fl-Artikolu 53a, il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt il-FEK għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-FEK kif stipulati fil-Kapitoli I u II ta' dan ir-Regolament, li, f'każ ta' kunflitt, għandhom jipprevalu fuq kwalunkwe regola oħra li tappartjeni għall-attivitajiet jew għall-atti ta' implimentazzjoni sussegwenti.

4. Meta l-proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt il-FEK jikkonċernaw aktar minn objettiv speċifiku wieħed stipulat fl-Artikolu 3(2), il-programm ta' ħidma jista', abbażi ta' liema mir-regoli applikabbli jkunu l-aktar xierqa għan-natura u l-karatteristiċi speċifiċi tal-attività inkwistjoni u, jekk applikabbli, liema komponent huwa predominanti, jispeċifika li l-proċedura ta' aġġudikazzjoni għandha tiġi implimentata skont ir-regoli għal wieħed mill-objettivi speċifiċi kkonċernati stipulati fil-Kapitoli IV sa VII ta' dan ir-Regolament, flimkien mar-Regolament Finanzjarju u r-regoli ġenerali stipulati fil-Kapitoli I u II ta' dan ir-Regolament. Għall-attivitàjiet li jaqgħu taħt l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(d)(2), għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitoli VII.
5. F'konformità mal-Artikolu 192 tar-Regolament Finanzjarju, l-għotjiet għandhom jiġu aġġudikati fi proċeduri miftuħa u kompetittivi wara pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti, ħliet fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 198 ta' dak ir-Regolament, inkluż mal-punt (e).
6. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata f'kull forma prevista fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, garanziji baġitarji jew strumenti finanzjarji.
7. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strumenti finanzjarji, inkluż meta kkombinat ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli fl-operazzjonijiet ta' taħlit, dan għandu jiġi implimentat f'konformità mat-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju.

8. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' għotja, inkluż meta kkombinat f'operazzjonijiet ta' taħlit ma' forom oħra ta' appoġġ ripagabbli mhux appoġġat mill-baġit tal-Unjoni, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju u fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 125(1), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, jew, meta jkun meħtieġ u f' konformità ma' dak ir-Regolament, opzjonijiet ta' kostijiet issimplifikati. Il-finanzjament jista' jiġi pprovdut ukoll fil-forma ta' rimborż tal-kost reali eliġibbli meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor jew meta din il-formola tkun meħtieġa biex tippermetti sorsi oħra ta' finanzjament, inkluż finanzjament mill-Istati Membri.
9. F'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament Finanzjarju, għal azzjonijiet li jimplementaw attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jkun kompost parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti.
10. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa stipulat fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill [il-programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni] jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' somom dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont l-Artikolu 155 tar-Regolament Finanzjarju. L-ebda garanzija jew sigurtà addizzjonali ma għandha tiġi aċċettata minn benefiċjarji jew imposta fuqhom.
11. Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Ewropej, skont ir-regoli stabbiliti skont l-Artikolu 11 tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u identifikati u miftiehma f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

- 11a. Meta jkun meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz tal-qafas ta' Proġetti Multinazzjonali stabbiliti f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481, inkluż b'mod partikolari dawk implimentati permezz tal-Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea.
12. Minbarra r-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 132 tar-Regolament Finanzjarju, il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni u l-impenji legali li jirriżultaw għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġi tterminat impenn legali meta l-oġġettivi tal-azzjoni x'aktarx ma jkunux ser jinkisbu affattu jew fl-iskedi ta' żmien stabbiliti, jew l-azzjoni tkun tilfet ir-rilevanza politika tagħha.

### *Artikolu 13*

#### **Protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE**

1. Il-Kummissjoni għandha tiproteġi l-informazzjoni klassifikata tal-UE ("IKUE") f'konformità mar-regoli tas-sigurtà stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444<sup>42</sup>.
2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li joffri grad ta' protezzjoni tal-IKUE ekwivalenti għar-regoli tas-sigurtà tal-Kunsill stipulati fid-Deċiżjoni 2013/488/UE.<sup>43</sup>
- 2a. L-IKUE tista' tiġi skambjata biss mal-pajjiżi terzi jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali li kkonkludew ftehim mal-Unjoni dwar l-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata li jkun fis-seħħ u applikabbli.
- 2b. Soġġett għall-paragrafu 2a, persuna fiżika residenti f'pajjiż terz jew persuna ġuridika stabbilita fih tista' tingħata aċċess għal IKUE fejn jitqies meħtieġ skont il-każ, in-natura u l-kontenut ta' tali informazzjoni, il-ħtieġa ta' tagħrif tar-riċevitur u l-grad ta' vantaġġ għall-Unjoni.

---

<sup>42</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53–88.

<sup>43</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, ĠU [sr] L 274 , [sr] 15/10/2013, p. 1–50.

- 2c. Meta l-kuntratti jew il-ftehimiet ta' għotja jinvolvu, jeħtieġu jew jinkludu IKUE, l-awtoritajiet kontraenti jew tal-għoti rilevanti għandhom jispeċifikaw fis-sejħa għal proposti jew offerti, il-miżuri u r-rekwiżiti meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' tali informazzjoni fil-livell meħtieġ.
- 2d. Biex jiproteġu l-IKUE, l-awtoritajiet kontraenti jew tal-għoti għandhom jiżguraw li l-obbligi tal-kuntratturi jew tal-benefiċjarji rigward il-protezzjoni ta' IKUE użata jew maħluqa fl-eżekuzzjoni ta' kuntratti jew ftehimiet ta' għotja jkunu parti integrali minn dawk il-kuntratti jew ftehimiet ta' għotja. Rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi għall-kuntratt u għall-għotja għandhom jiġu deskritti fittra dwar aspetti ta' sigurtà ("SAL"). Meta rilevanti, ir-rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi għall-programm jew għall-proġett għandhom jiġu deskritti fi struzzjonijiet ta' sigurtà ta' programm jew ta' proġett ("SSP").
- 2e. Sabiex jiġi żgurat li l-IKUE tiġi kklassifikata b'mod konsistenti, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa Gwidi ta' Klassifikazzjoni ta' Sigurtà bl-assistenza ta' esperti tas-sigurtà maħtura mill-Istati Membri jew minn pajjiżi assoċjati li fit-territorju tagħhom huma stabbiliti l-benefiċjarji jew il-kuntratturi.
3. Sistemi ta' skambju li huma akkreditati għas-sigurtà minn awtorità kompetenti ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-protezzjoni tal-IKUE fil-livell meħtieġ ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà għandhom jintużaw biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' IKUE mal-Istati Membri u, meta xieraq, riċevituri oħra, inkluż il-kuntratturi u l-benefiċjarji rilevanti.
4. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni klassifikata meħtieġa għall-fini tat-twettiq tal-proċeduri ta' aġġudikazzjoni, l-implimentazzjoni ta' kuntratti jew ftehimiet ta' għotja, inkluż ir-rapportar u l-pagamenti, kif ukoll it-twettiq ta' kontrolli, rieżamijiet, awditi u investigazzjonijiet.
- 4a. Huma biss l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni li stabbilew regoli u proċeduri tas-sigurtà għat-trattament u l-ħżin ta' IKUE li jiżguraw livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak żgurat mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill, kif applikabbli, li jista' jkollhom aċċess għal IKUE. L-aċċess għal IKUE għandu jingħata biss fuq bażi ta' ħtieġa ta' taġġrif lil individwu li jkun awtorizzat jaċċessa IKUE fil-livell rilevanti, meta applikabbli.

*Artikolu 13a*

**Protezzjoni tal-proċeduri ta' aġġudikazzjoni**

1. Fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt il-FEK li jinvolvu informazzjoni klassifikata, l-informazzjoni amministrattiva li mhijiex klassifikata u li hija meħtieġa għall-evalwazzjoni, l-aġġudikazzjoni jew l-awditjar tal-appoġġ tal-Unjoni, limitata għal informazzjoni legali, finanzjarja u proċedurali, għandha tiġi ttrattata f'konformità mar-regoli li ġejjin:
  - (a) għandha titqies bħala koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali;
  - (b) għandha tkun aċċessibbli biss għar-riċevituri bi hteġa ta' taġħrif;
  - (c) it-trażmissjoni elettronika tagħha għandha tkun kriptata f'konformità mar-rekwiżiti tal-entità mittenti;
  - (d) l-utenti ta' Sistema ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni (SKI) li jittrattaw tali informazzjoni għandhom jiġu identifikati qabel ma jingħataw aċċess għal SKI u għandhom jiġu awtentikati f'livell ta' assigurazzjoni li jkun xieraq għal-livell ta' riskju vvalutat;
  - (e) għandha tinżamm taħt il-kontroll ta' detentur responsabbli.

**TAQSIMA 3**

**GOVERNANZA**

*Artikolu 13b*

**Rwol konsultattiv strateġiku tal-Kumitat Ġenerali tal-FEK**

1. Il-Kumitat Ġenerali tal-FEK imsemmi fl-Artikolu 83(1), il-punt (a), għandu, minbarra r-rwol tiegħu bħala kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 2011/182, jagħti pariri lill-Kummissjoni u jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar:
  - (a) id-direzzjoni strateġika ġenerali u l-prijoritajiet għall-FEK, b'kont meħud tal-oġġettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-dan ir-Regolament;

- (aa) xejriet tal-kompetittività fit-tul, oqsma ta' fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investment subottimali;
  - (b) appoġġ lill-SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups, inkluż dwar l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni ta' entitajiet b'inqas esperjenza fil-FEK;
  - (c) l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri billi jiġu sfruttati l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-objettivi u l-prijoritajiet tal-politiki industrijali nazzjonali tagħhom, inkluż dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni madwar l-Unjoni;
  - (ca) il-ħtieġa li l-prijoritajiet jiġu aġġustati għall-kundizzjonijiet ekonomiċi li qed jevolvu;
  - (cb) it-tisħiħ tal-konnessjoni bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-politika industrijali biex jitwassal approċċ integrat tul il-perkors tal-investment.
2. Il-Kumitat Ġenerali tal-FEK jista' jiskambja wkoll informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament.
- 2a. Fir-rwol konsultattiv tiegħu skont dan ir-Regolament, il-Kumitat Ġenerali tal-FEK għandu jikkunsidra fost l-oħrajn l-orjentazzjoni inkluża fl-atti adottati fil-qafas tas-Semestru Ewropew, ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività, ir-rakkomandazzjonijiet ipprovduti mill-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK u r-riżultati mill-konsultazzjonijiet taħt il-pjattaformi tematiċi.
3. Fl-ewwel laqgħa tiegħu fir-rwol konsultattiv tiegħu, il-Kumitat Ġenerali tal-FEK għandu, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu li għandhom jiġu segwiti meta l-Kumitat jaġixxi fir-rwol konsultattiv tiegħu.

4. Il-laqgħat tal-Kumitat Ġenerali tal-FEK fir-rwol konsultattiv strateġiku tiegħu għandhom isiru kif ġej:

- (i) Il-Kumitat Ġenerali tal-FEK għandu jkollu laqgħat ordinarji fir-rwol konsultattiv tiegħu mill-inqas darba fis-sena u addizzjonalment fuq talba minn maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ il-laqgħat u tħejji l-aġenda, wara li tikkonsulta lill-membri tal-Kumitat Ġenerali tal-FEK, f'konformità mar-rwol konsultattiv tal-Kumitat Ġenerali tal-FEK skont dan ir-Regolament u mar-regoli ta' proċedura tiegħu. Għandhom jiġu organizzati laqgħat konġunti bejn il-Kumitat Ġenerali tal-FEK taħt ir-rwol konsultattiv tiegħu u l-konfigurazzjoni strateġika tal-Kumitat skont l-Artikolu 17b tad-[Deċiżjoni tal-Kunsill — Orizzont Ewropa 2025/0544] fir-rwol konsultattiv tiegħu, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' rilevanza komuni relatati mal-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-komponent "kompetittività" tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa.
- (ii) Minbarra l-laqgħat ordinarji deskritti fil-punt (i), qabel it-tħejjija tal-ewwel programmi ta' ħidma u tliet snin wara l-bidu tal-Programm, il-Kumitat Ġenerali tal-FEK għandu jsejjaħ laqgħa strateġika flivell xieraq sabiex jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali u l-prijoritajiet għall-implimentazzjoni tal-FEK f'konformità mal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3. Għall-punti tal-aġenda li jindirizzaw kwistjonijiet ta' rilevanza komuni relatati mal-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-komponent "kompetittività" tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa, il-laqgħa għandha ssir sessjoni konġunta bil-konfigurazzjoni strateġika tal-Kumitat skont l-Artikolu 17b tad-[Deċiżjoni tal-Kunsill — Orizzont Ewropa 2025/0544] filwaqt li jaġixxi fir-rwol konsultattiv tiegħu.

- (iii) Għat-tnejn tal-laqgħat strateġiċi msemmija fil-punt (ii), l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu kontribut strateġiku fi stadju bikri dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali għall-FEK, filwaqt li jqisu l-elementi rilevanti kollha, inkluż ix-xejriet tal-kompetittività fit-tul u l-oqsma ta' fallimenti tas-suq. Il-Kummissjoni għandha tnejn dokument strateġiku pluriennali tal-FEK dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali u l-prijoritajiet għall-FEK, li jkopri wkoll l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-komponent "kompetittività" tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa, filwaqt li tqis il-kontribut tal-Istati Membri kif ukoll l-analizzjiet rilevanti u l-kontribut ibbażat fuq l-evidenza minn partijiet ikkonċernati oħra, kif xieraq. Dan id-dokument għandu jiġi diskuss fil-laqgħat strateġiċi msemmija fil-punt (ii).
- (iv) Ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mid-diskussjoni fil-laqgħat strateġiċi msemmija fil-punt (ii) għandhom jitqiesu, mingħajr ma jimpenjaw lill-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 14*

#### **Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK**

1. Huwa stabbilit Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK.
2. Il-membri tal-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara proċess trasparenti u sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa l-aktar xieraq. Meta taħtar il-membri tal-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ settorjali, b'attenzjoni partikolari għas-setturi strateġiċi, għat-tip ta' organizzazzjoni, inkluż investuri privati, rappreżentanti mill-industrija u esperti tar-riċerka u l-innovazzjoni, pereżempju mill-akkademja, u għad-daqs, inkluż rappreżentanti tal-SMEs, għarfien espert, ġeneru, età u distribuzzjoni ġeografika. Il-mandat tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord għandhom jaġixxu b'integrità u onestà.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK. Il-membri tal-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom ikunu marbuta b'dawk ir-regoli.
4. Il-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK, infurmat minn osservatorju dwar it-teknoloġiji emerġenti, għandu jagħti pariri dwar id-direzzjoni ġenerali għall-FEK billi jagħti pariri dwar:
  - (a) x-xejriet tal-kompetittività fit-tul u dwar oqsma ta' fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment li jistgħu jiġu indirizzati fl-implimentazzjoni tal-FEK;
  - (b) l-identifikazzjoni ta' portafolli strateġiċi ta' proġetti fi ħdan u bejn l-attivitajiet tal-FEK.

Għall-fini li jipprovdi pariri skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK jista' jkun magħmul minn konfigurazzjonijiet differenti orjentati lejn il-politika.

- 4a. Il-parir ipprovdut mill-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandu jiġi kondiviż mal-Kumitat Ġenerali tal-FEK imsemmi fl-Artikolu 13b.

#### *Artikolu 14a*

#### **Pjattaformi tematiċi**

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli pjattaformi tematiċi kollaborattivi biex tiżgura li l-partijiet ikkonċernati jiġu kkonsultati fl-iżvilupp tal-programmi ta' ħidma. Dan jista' jinkludi konsultazzjoni intertematika biex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-programmi ta' ħidma dwar kwistjonijiet ta' natura orizzontali, b'mod partikolari dwar l-SMEs.

**Kumitat tal-Investment taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK**

5. Għandu jiġi stabbilit Kumitat tal-Investment kompletament indipendenti taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK (il-"Kumitat tal-Investment").
6. Il-Kumitat tal-Investment għandu jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet differenti, li jikkorrispondu għat-twieqi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2. Il-kompożizzjoni ta' kull konfigurazzjoni għandha tiżgura r-rappreżentanza ta' għarfien espert wiesa' fis-setturi ekonomiċi u teknoloġiċi kkonċernati mit-tieqa ta' politika speċifika, kif ukoll fis-swieq ġeografiċi fl-Unjoni u fil-ktajjen tal-valur mondjali. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat tal-Investment għandu jkun ibbilanċjat bejn il-ġeneri.
- 6a. Il-Kumitat tal-Investment għandu jwettaq dmirijietu b'mod imparzjali u fl-interess uniku tal-FEK. Il-membri tal-l-Kumitat tal-Investment ma għandhomx ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet mis-sħab ta' implimentazzjoni, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mill-Istati Membri, jew minn xi korp pubbliku jew privat ieħor.
7. Il-Kumitat tal-Investment għandu jeżamina l-proposti għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment, li jistgħu jieħdu l-forma ta' operazzjonijiet qafas, ippreżentati mis-sħab ta' implimentazzjoni għall-kopertura taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK u jivverifika l-konformità tagħhom mar-regoli applikabbli taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK u mar-rekwiżiti stipulati fil-punti (a), filwaqt li jitqies l-esponiment għal livelli ogħla ta' riskju li l-atturi finanzjarji privati jistgħu jew huma lesti li jaċċettaw, il-punti (b), (d) u (h) tal-Artikolu 212(2) tar-Regolament Finanzjarju. Fl-eżami tiegħu, il-Kumitat tal-Investment għandu jqis l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3 l-linji gwida għall-investment. Wara l-eżami tiegħu, il-Kumitat tal-Investment għandu jiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment proposti għall-kopertura taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK.

- 7a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Kumitat tal-Investment.

*Artikolu 14c*

**Bord Konsultattiv skont l-Istrument InvestEU tal-FEK**

- 7aa. Għandu jiġi stabbilit Bord Konsultattiv taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK (il-"Bord Konsultattiv").
8. Il-Bord Konsultattiv għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull sieħeb ta' implimentazzjoni u rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru. Il-Bord Konsultattiv għandu jirrieżamina l-prestazzjoni u l-impatt tal-Istrument InvestEU tal-FEK, inkluż il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri kif previst fl-Artikolu 5(1) u programmi oħra tal-UE kif previst fl-Artikolu 23(2), filwaqt li jqis l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni fuq bażi annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument InvestEU tal-FEK, inkluż l-ingranaġġ, il-multiplikatur, il-mobilizzazzjoni tal-kapital privat u l-valutazzjoni tal-adegwatezza tar-rata ta' proviżjonament tal-garanzija baġitarja f'konformità mal-Artikolu 41(5) tar-Regolament Finanzjarju, u dwar il-konsulenza għall-proġett, fid-dawl tal-koerenza ġenerali tal-FEK. Il-Bord Konsultattiv għandu jipprovdi pariri dwar it-tfassil ta' prodotti finanzjarji, dwar l-ingranaġġ tal-finanzjament privat biex jappoġġa l-prijoritajiet u l-inizjattivi ta' politika tal-UE, fosthom il-Faċilità għall-Iscale-ups imsemmija fl-Artikolu 22, u dwar id-direzzjoni strateġika u operazzjonali fil-qasam ta' kompetenza tagħha, inkluż fir-rigward ta' linji gwida għall-investment, filwaqt li jiġi żgurat l-allinjament mal-prijoritajiet industrijali u tal-kompetittività tal-Unjoni. Dan għandu jipprovdi wkoll pariri dwar il-koordinazzjoni mal-EIC biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' finanzjament ieħor tal-Unjoni jew ma' investimenti privati. Il-Bord Konsultattiv għandu jkun presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Ir-rappreżentant tal-Grupp tal-BEI għandu jkun il-Viċi President.

9. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar il-kompożizzjoni, ir-regoli ta' proċedura, inkluż dwar il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità, għall-Bord Konsultattiv.
10. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Djalogi ta' Reviżjoni tal-Politika regolari ma' kull sieħeb ta' implimentazzjoni biex tiddiskuti l-progress fl-implimentazzjoni tal-prodotti finanzjarji u l-arranġamenti finanzjarji u tinvolvi ruħha fl-iżviluppi ta' politika rilevanti.

## **Kapitolu II**

### **SETT TA' GĦODOD TAL-FEK**

#### **TAQSIMA 1**

#### **GHOTJET, AKKWIST U GĦODOD TA' KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA INDUSTRIJALI**

##### *Artikolu 15*

##### **Programmi ta' ħidma**

1. Il-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 12 għandhom jistipulaw:
  - (a) l-azzjonijiet u l-baġit assoċjat mill-FEK kif ukoll l-azzjonijiet stipulati fil-parti speċifika ddedikata tal-programmi ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 2;
  - (b) l-istrumenti u l-forom ta' finanzjament;
  - (c) il-kriterji ta' eliġibbiltà u, meta applikabbli, għall-aġġudikazzjoni;
  - (d) ir-rata unika ta' kofinanzjament għal kull azzjoni għall-għotjiet tal-kost reali;
  - (e) l-azzjonijiet li għalihom japplika l-Mekkaniżmu tal-Assigurazzjoni Mutwa stabbilit skont ir-Regolament (UE) [XXX] [Orizzont Ewropa];
  - (f) ir-regoli applikabbli għall-azzjonijiet li jikkonċernaw aktar minn objettiv speċifiku wieħed;

- (g) l-azzjonijiet li għalihom japplikaw regoli speċifiċi, b'mod partikolari dwar is-sjeda, l-isfruttament u t-tixrid, it-trasferiment u l-liċenzjar kif ukoll id-drittijiet ta' aċċess għar-riżultati;
  - (h) l-azzjonijiet li jibbenefikaw mill-mekkaniżmi stipulati fl-Artikolu 20 u r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' dawk il-mekkaniżmi;
  - (ħa) meta applikabbli, il-possibbiltà li jiġi aġġudikat Siġill tal-Kompetittività kif imsemmi fl-Artikolu 8, u kundizzjonijiet addizzjonali għal tali aġġudikazzjoni, jekk ikun hemm;
  - (hb) meta applikabbli, l-użu ta' għodod ta' koordinazzjoni tal-politika industrijali kif imsemmi fl-Artikoli 16 sa 19 ta' dan ir-Regolament, inkluż regoli għall-użu ta' dawk l-għodod fis-sitwazzjonijiet speċifiċi;
  - (hc) meta applikabbli, il-każijiet speċifiċi eċċezzjonali u debitament ġustifikati skont l-Artikolu 20(2), il-punti (a), (b) u (c).
- 1a. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-programmi ta' ħidma li jimplementaw l-oġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), u l-attivitajiet orizzontali msemmija fil-Kapitolu III. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).
  2. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mal-paragrafu 1a għandhom jintegraw f'parti ddedikata speċifika l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(3) ta' [Orizzont Ewropa], u l-baġit iddedikat tagħhom.
  - 2a. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiddeskrivu f'parti ddedikata speċifika kif beħsiebhom jappoġġaw lill-SMEs, inkluż billi jqisu l-Artikolu 29 u l-miżuri mfassla apposta tiegħu biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni effettiva tal-SMEs.
  6. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati mal-ħtieġa għal reazzjoni immedjata għal kriżi jew għal emerġenzi eċċezzjonali u debitament sostanzjati simili oħra, il-Kummissjoni tista' tadotta programm ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 83(4).

## *Artikolu 16*

### **Bennej tal-ktajjen tal-valur tas-suq uniku**

1. Sabiex jitrawmu ktajjen tal-valur tal-Unjoni reżiljenti u jissaħħa is-suq uniku, il-programmi ta' ħidma jistgħu, għal setturi strateġiċi, jinkludu sejħiet kompetittivi bil-għan tal-espansjoni ta' ktajjen tal-valur iddedikati li jistgħu jikkontribwixxu għar-reżiljenza u sigurtà ekonomika tal-Unjoni billi jsaħħu u jissalvagwardaw il-ktajjen tal-valur kritiċi tal-Unjoni u jiddiversifikaw is-sorsi tal-provvista.
- 1a. Is-sejħiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jappoġġaw kemm it-tnejja tal-proġetti kif ukoll l-attrazzjoni ta' kapital pubbliku addizzjonali u, b'mod partikolari, kapital privat biex jiġu integrati l-fornituri, il-manifatturi u l-innovaturi minn Stati Membri differenti u jiġu diversifikati s-sorsi tal-provvista.
- 1b. Il-programm ta' ħidma jista' jipprevedi sejħiet iddedikati mmirati lejn l-SMEs jew jinkludi miżuri speċifiċi biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-konsorzji, bil-ħsieb li tissaħħa il-kooperazzjoni transfruntiera u titwessa' l-parteċipazzjoni fl-Unjoni kollha. Il-proposti ppreżentati taħt tali sejħiet għandhom jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 9a(1).

## *Artikolu 17*

### **Pijunieri tat-teknoloġija tal-UE**

1. Il-programmi ta' ħidma jistgħu jinkludu proċeduri ddedikati ta' aġġudikazzjoni minn isfel għal fuq f'żewġ stadji biex jiġu identifikati u appoġġati l-pijunieri tat-teknoloġija tal-UE permezz ta' konsorzji xprunati mill-industrija li jinfluwenzaw ir-rwol tagħhom bħala xprunaturi tal-innovazzjoni u tal-esportazzjoni, u biex isaħħu l-pożizzjoni kompetittiva globali tagħhom flimkien mas-sħab u l-fornituri Ewropej tal-SMEs tagħhom permezz ta' investimenti f'soluzzjonijiet ġodda u l-identifikazzjoni ta' sħab rilevanti. It-tnejja tal-proġett kif ukoll l-attrazzjoni ta' kapital pubbliku u privat addizzjonali jistgħu jiġu appoġġati.

2. Fl-ewwel stadju tal-proċeduri ta' aġġudikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, tista' tiġi ppubblikata sejħa miftuħa, kompetittiva u trasparenti għal espressjoni ta' interess għal prodotti, xogħlijiet jew servizzi li jistgħu jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-Unjoni b'mod ġenerali, jew f'settur speċifikat, mingħajr speċifikazzjoni tat-tip ta' attivitajiet jew tal-istrument ta' implimentazzjoni tal-baġit li għandu jintuża.
3. Fit-tieni stadju tal-proċeduri ta' aġġudikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, għandhom jiġu appoġġati l-analiżi u l-attrazzjoni ta' kapital pubbliku addizzjonali u, b'mod partikolari, kapital privat.
4. Il-proposti u l-offerti ppreżentati fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu evalwati u kklassifikati abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9a.
5. Il-kumitat ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament Finanzjarju għandu jiddetermina l-aktar strument xieraq tal-implimentazzjoni tal-baġit, kif ukoll jipproponi l-ammont massimu u l-forma tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

### *Artikolu 18*

#### **Azzjonijiet għaż-żieda fil-produzzjoni**

1. Skont l-Artikolu 196(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju, f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati, meta meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' manifattura essenzjali tar-reżiljenza tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(b) jew għal attivitajiet meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà, ir-reżiljenza jew il-kontinwità tas-servizz għall-appoġġ tal-obiettivi imsemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (d), il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu aġġudikati lil azzjonijiet li bdew sa 9 xhur qabel id-data tal-preżentazzjoni tal-proposta għal dawk l-azzjonijiet.
2. Il-programmi ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċeduri ta' aġġudikazzjoni għandhom jistipulaw kundizzjonijiet li jiżguraw li l-appoġġ ikun meħtieġ u proporzjonat, li jiżgura finanzjament addizzjonali filwaqt li ma jippermettix kumpens żejjed u finanzjament doppju, ikun temporanju, jonqos maż-żmien u jsegwi proċeduri ta' aġġudikazzjoni kompetittivi u orjentati lejn l-impatt.

*Artikolu 19*

**[Żieda għall-IPCEIs]**

1. [Il-FEK jista' jappoġġa:
  - (a) proġetti li jipparteċipaw direttament f'IPCEI approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b), TFUE;
  - (b) proġetti ta' segwitu bbażati fuq ir-riżultati mill-IPCEIs, kundizzjonali fuq investimenti privati sinifikanti.
2. Kwalunkwe appoġġ tal-FEK għall-IPCEI msemmi fil-paragrafu 1, għandu jkun kundizzjonali fuq il-kofinanzjament nazzjonali.]

*Artikolu 20*

**Azzjonijiet aċċellerati u mmirati għall-kompetittività**

1. [Sabiex tinħoloq jew tiġi ffaċilitata l-possibbiltà ta' appoġġ tal-Unjoni għal azzjonijiet ta' interess pubbliku imperattiv jew ta' sensittività kritika għaż-żmien, li inkella ma jkunux jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv skont ir-regoli normali applikabbli għall-baġit tal-Unjoni jew għall-politiki settorjali, il-programmi ta' ħidma jistgħu jidentifikaw ċerti proċeduri ta' aġġudikazzjoni, taħt ġestjoni diretta jew indiretta, li jistgħu jibbenefikaw minn ċerti żidiet, eċċezzjonijiet, u derogi mil-liġi applikabbli, matul il-proċedura ta' aġġudikazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati, skont il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
  - (a) l-azzjoni tkun meħtieġa u xierqa biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-azzjoni f'konformità mal-oġġettivi ġenerali jew speċifiċi tal-programm;
  - (b) l-azzjoni tkun iġġustifikata kif xieraq minn interess pubbliku imperattiv, u/jew tkun ta' natura sensittiva għaż-żmien, jew it-tnejn;
  - (c) l-azzjoni ma tkunx tista' tiġi implimentata b'mod effettiv mod ieħor skont ir-regoli normali applikabbli għall-proċeduri ta' aġġudikazzjoni.]

2. F'konformità mal-paragrafu 1, waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin jistgħu jiġu applikati għal proċedura ta' aġġudikazzjoni:
- (a) għall-ġhotjiet, mingħajr preġudizzju għall-użu ta' proċeduri kompetittivi kull meta jkun xieraq f'konformità mal-Artikolu 192(1) u flimkien mal-Artikolu 198 tar-Regolament Finanzjarju, il-programmi ta' ħidma jistgħu jispeċifikaw f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati li proċedura ta' aġġudikazzjoni tiegħu l-forma ta' intervent immirat biex:
- (1) jiġi stipulat ammont sa fejn jistgħu jiġu identifikati u mistiedna l-proposti li jkun nuqas ta' baġit. L-applikanti jistgħu jiġu mistiedna jissottomettu mill-ġdid il-proposta tagħhom mingħajr sejħa. Meta l-proposta tiġi sottomessa mill-ġdid mingħajr tibdil sostanzjali, l-awtorità tal-ġhoti tista' tiddeċiedi li tiddependi bis-siġħ fuq l-evalwazzjoni pożittiva minn qabel u fuq kwalunkwe kontroll imwettaq qabel u fuq id-dokumenti ta' sostenn sottomessi. Ir-raġunijiet għall-aġġudikazzjoni tal-azzjoni individwali għandhom jiġu ssostanzjati kif xieraq fid-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni u l-lista ta' azzjonijiet aġġudikati għandha tiġi ppubblikata fir-rapport annwali tal-attività msemmi fl-Artikolu 74(9) tar-Regolament Finanzjarju; jew
- (2) jiġu identifikati azzjoni u benefiċjarji jew qasam ta' politika u kategoriji ta' benefiċjarji u jiġi stipulat ammont sa fejn il-proposti jistgħu jiġu mistiedna għal estensjoni ta' azzjonijiet taħt il-FEK jew programmi oħra tal-Unjoni, sabiex jitkomplew jew jiżdiedu attivitajiet jew entitajiet addizzjonali, jew biex ikomplu jiġu żviluppanti r-riżultati. Meta l-azzjonijiet u l-benefiċjarji ma jkunux identifikati individwalment fil-programm ta' ħidma, ir-raġunijiet għall-aġġudikazzjoni tal-azzjoni individwali għandhom jiġu sostanzjati kif xieraq fid-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni u l-lista ta' azzjonijiet aġġudikati għandha tiġi ppubblikata fir-rapport annwali tal-attività msemmi fl-Artikolu 74(9) tar-Regolament Finanzjarju. L-aġġudikazzjoni tista' tiegħu l-forma ta' emenda tal-azzjoni oriġinali billi jiżdiedu attivitajiet ġodda u tiżdied il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni; jew

- (3) tiġi identifikata, f'każijiet eċċezzjonali fejn l-ebda waħda mill-azzjonijiet l-oħra previsti fil-punti (1) u (2) ma tkun tista' tikseb l-objettiv tal-azzjoni, azzjoni ta' interess pubbliku imperattiv ġustifikat għall-Unjoni u l-benefiċjarji jew il-kategoriji ta' benefiċjarji li jistgħu jiġu mistiedna jissottomettu proposta mingħajr sejħa. Ir-raġunijiet għall-aġġudikazzjoni tal-azzjoni individwali għandhom jiġu ssostanzjati kif xieraq fid-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni u l-lista ta' azzjonijiet aġġudikati għandha tiġi ppubblikata fir-rapport annwali tal-attività msemmi fl-Artikolu 74(9) tar-Regolament Finanzjarju.
- (b) b'deroga mill-Artikoli 199, 201 u 203 tar-Regolament Finanzjarju fir-rigward tal-ġhotjiet jew mill-Artikolu 170(1), il-punti (b) u (c), u (2) ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-akkwist, il-programmi ta' ħidma jistgħu jispeċifikaw f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati li proċedura ta' aġġudikazzjoni tiegħu l-forma ta' intervent aċċellerat biex:
- (1) jitnaqqsu r-rekwiżiti għad-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni u l-iffirmar tal-impenni legali għall-evalwazzjoni preliminari tal-kriterji ta' aġġudikazzjoni u ta' esklużjoni. F'każ bħal dan, id-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni għandha tittieħed biss abbażi ta' awtodikjarazzjoni tal-applikanti u tal-offerenti dwar il-kriterji tal-għażla u tal-eliġibbiltà, mingħajr ma jintalbu dokumenti ta' sostenn korrispondenti matul l-evalwazzjoni preliminari; l-evalwazzjoni finali, inkluż għall-kriterji tal-għażla u tal-eliġibbiltà, u t-talbiet għal kwalunkwe dokument ta' sostenn rilevanti għandhom jitlestew fi żmien tliet xhur mill-iffirmar tal-impenn legali; u
- (2) tkun meħtieġa n-notifika tar-riżultati tal-evalwazzjoni preliminari lill-applikanti jew lill-offerenti fi żmien 30 jum kalendarju mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti jew tal-offerti. Id-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni għandha tittieħed fi żmien 60 jum kalendarju mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti jew tal-offerti u għandha tiġi eżentata, fejn applikabbli, mill-proċeduri stipulati fl-Artikolu 83. L-ebda prefinanzjament ma għandu jitħallas sakemm titlesta l-evalwazzjoni finali.

- (c) b'deroga mill-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, il-programmi ta' ħidma jistgħu jispeċifikaw f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati li proċedura ta' aġġudikazzjoni tiegħu l-forma ta' intervent inċentivanti biex tkun tista' ssir rinunzja temporanja u kundizzjonali tal-konformità ma' parti speċifika tal-kriterji ta' eliġibbiltà matul il-proċedura tal-ġhoti u partijiet mill-implimentazzjoni tal-azzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-post tal-istabbiliment. Il-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà rrinunzjati temporanjament għandha tinkiseb u tiġi evalwata matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni f'perjodu ta' żmien speċifikat fl-impenn legali. Jekk il-kriterji ta' eliġibbiltà rrinunzjati temporanjament ma jiġux issodisfati fid-data speċifikata, l-azzjoni għandha titqies ineliġibbli fl-intier tagħha u kwalunkwe finanzjament tal-Unjoni għandu jiġi rkuprat kompletament. Għall-interventi inċentivanti ma għandu jitħallas l-ebda prefinanzjament;
- (d) il-programmi ta' ħidma jistgħu jistabbilixxu proċeduri speċjali ta' aġġudikazzjoni minn isfel għal fuq f'żewġ stadji f'konformità mar-regoli li ġejjin:
- (1) matul l-ewwel stadju, tista' titnieda sejħa għal espressjoni ta' interess mingħajr speċifikazzjoni tat-tip ta' attivitajiet jew l-istrument tal-implimentazzjoni tal-baġit li għandu jintuża, sabiex l-applikanti, l-offerenti u l-entitajiet ivvalutati skont il-pilastri jkunu jistgħu jissottomettu proposti ta' proġetti jew offerti għal prodotti, xogħlijiet jew servizzi li jistgħu jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-Unjoni b'mod ġenerali jew f'settur speċifikat;
  - (2) il-proposti u l-offerti għandhom jiġu evalwati u kklassifikati abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9a ta' dan ir-Regolament. Il-kumitat ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament Finanzjarju għandu jiddetermina l-aktar strument xieraq tal-implimentazzjoni tal-baġit taħt ġestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari għotjiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew appoġġ ieħor, kif ukoll jipproponi l-ammont massimu u l-forma tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni;

(3) matul it-tieni stadju, fil-baġit disponibbli, proġetti jew offerti evalwati b'suċċess għandhom jiġu mistiedna jaġġustaw u jlestu l-proposta jew l-offerta tagħhom f'konformità mal-konklużjonijiet tal-kumitat ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament Finanzjarju. Il-proċedura ta' aġġudikazzjoni għandha, inkella, tipproċedi skont ir-regoli stipulati fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, kif applikabbli għall-istrument rispettiv tal-implimentazzjoni tal-baġit.

2a. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni mwettqa skont dan l-Artikolu għandhom jibqgħu eċċezzjonali, għandhom jevitaw id-distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni u ma għandhomx jammontaw għas-sehem predominanti tal-baġit allokat taħt programm ta' ħidma partikolari. Tali proċeduri għandhom jiġu implimentati biss meta jkun iġġustifikat f'konformità mad-definizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt 8, u meta l-azzjoni ma tkunx tista' tiġi implimentata b'mod effettiv mod ieħor, kif indikat fil-paragrafu 1, wara falliment tas-suq identifikat b'mod ċar jew sitwazzjoni ta' investiment subottimali, jew sitwazzjoni kritika ta' sensittività għaż-żmien, u dment li jiġi żgurat aċċess ġust, miftuħ u mhux diskriminatorju għall-parteciċipanti tas-suq eliġibbli kollha.

3. F'konformità mal-paragrafu 1, għal azzjonijiet li jirrikjedu l-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' faċilitajiet iffinanzjati skont il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni, il-programmi ta' ħidma jistgħu jiddeterminaw li, skont in-natura tal-azzjoni, huwa ta' interess pubbliku u jista' jkun ta' raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1), il-punt (c), tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>44</sup> u l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>45</sup>, fl-interess tad-difiża skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>46</sup>, u fl-interessi tas-saħħa u s-sikurezza pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>47</sup>, f'konformità ma' u skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-atti legali applikabbli tal-Unjoni bħall-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, jew l-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża (COM (2022) 349) dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati f'dawk id-dispożizzjonijiet.

---

<sup>44</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

<sup>45</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj>).

<sup>46</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

<sup>47</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj>).

## TAQSIMA 2

### STRUMENT INVESTEU TAL-FEK

#### *Artikolu 21*

#### **Qafas ġenerali**

1. Bħala għodda ta' twettiq orizzontali għall-politiki interni tal-Unjoni, l-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jinkludi l-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 2, il-punti (9) u (30) rispettivament, tar-Regolament Finanzjarju, inkluż meta jkun ikkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, għall-fini li jikkontribwixxi għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3. L-Istrument InvestEU tal-FEK jista' jiġi implimentat f'sinerġija ma' attivitajiet oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, inkluż permezz ta' kompartimenti għall-Istati Membri.
2. L-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jindirizza l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment. L-Istrument InvestEU tal-FEK jista' b'mod partikolari, jipprovdi appoġġ permezz tas-sħab ta' implimentazzjoni b'self, garanziji, kontrogaranziji, strumenti tas-suq tal-kapital, kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament jew tisħiħ fil-kreditu, inkluż dejn subordinat, jew investimenti f'ekwità jew kważi-ekwità, ipprovduti direttament jew indirettament permezz ta' intermedjarji finanzjarji, fondi, pjattaformi tal-investment jew mezzi oħra li jkunu ser jiġu mgħoddija lir-riċevituri finali.
3. [L-ammont massimu tal-garanzija baġitarja taħt il-Kompartiment tal-UE tal-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun ta' EUR 70 000 000 000 fi prezzijiet kurrenti.] Din għandha tkun provduta bir-rata ta' 50 %.
- 3a.  % tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE tal-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jingħata lill-Grupp tal-BEI.

4. L-appoġġ permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun mezz preferut ta' implimentazzjoni taħt il-FEK. [L-ammont minimu tal-appoġġ tal-Unjoni mill-FEK mogħti permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun ta' EUR 17 000 000 000, li għandu jintuża b'appoġġ għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3.] L-ammont minimu tal-appoġġ tal-Unjoni mill-FEK mogħti permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jżied bi porzjon tal-kontribuzzjonijiet mill-ammonti indikattivi għall-erba' twieqi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu 4 permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 15 jew fi programmi oħra tal-Unjoni. Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu mill-inqas [Y]% tal-allokkazzjonijiet ikkombinati għat-twieqi ta' politika msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punti (b) sa (e), u għandhom jintużaw għall-oġġettivi speċifiċi rilevanti tat-twieqi ta' politika rispettivi stipulati fl-Artikolu 3(2). Il-kontribuzzjonijiet għandhom jintużaw għall-proviżjonament tal-garanzija baġitarja jew il-finanzjament tal-istrumenti finanzjarji, inkluż dawk tal-Faċilità għall-Iscale-ups imsemmija fl-Artikolu 22.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta linji gwida dwar l-investment bħala atti delegati f'konformità mal-Artikolu 84 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddefinixxi f'aktar dettall l-ambitu tal-intervent b'appoġġ għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3. Il-linji gwida dwar l-investment għandhom jitħejjew fi djalogu mill-qrib mal-Grupp tal-BEI u sħab potenzjali oħra ta' implimentazzjoni. Il-linji gwida dwar l-investment għandhom jinċentivaw lis-sħab ta' implimentazzjoni biex jieħdu riskju oġġla.
6. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-proviżjonament imsemmi fil-paragrafu 3:
  - (a) ir-rata ta' proviżjonament għandha tiġi vvalutata kull sena, filwaqt li jitqies ir-riskju tal-portafoll, u f'konformità mal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(5) tar-Regolament Finanzjarju, b'evalwazzjoni speċifika tal-adeqwatezza tar-rata ta' proviżjonament fir-rigward tar-riskju reali tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment koperti mill-Istrument InvestEU tal-FEK;

- (b) għall-fini ta' appoġġ taħt programmi oħra tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 23(2), il-proviżjonament għandu jsir minn dak il-programm l-ieħor tal-Unjoni;
  - (c) il-proviżjonament għandu jiġi impenjat sal-31 ta' Diċembru 2034 u għandu jqis il-progress fl-għoti tal-garanzija baġitarja skont l-Istrument InvestEU tal-FEK;
  - (d) f'konformità mal-Artikolu 214(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-proviżjonament għandu jiġi kkostitwit sal-31 ta' Diċembru 2037 u għandu jqis il-progress fl-approvazzjoni u l-iffirmar tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment.
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 84 sabiex temenda l-paragrafu 3 biex taġġusta r-rata ta' proviżjonament u biex taġġusta l-ammont massimu tal-garanzija baġitarja b'sa 20 % ta' dak l-ammont fid-dawl taċ-ċirkostanzi ekonomiċi u finanzjarji.

## *Artikolu 22*

### **Faċilità għall-Iscale-ups**

- 2. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa Faċilità għall-Iscale-ups f'kooperazzjoni mal-Grupp tal-BEI, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra u banek promozzjonali nazzjonali. Dan għandu jiġi implimentat mis-sħab ta' implimentazzjoni.
- 2a. Il-Faċilità għall-Iscale-ups għandha tiżgura li scale-ups Ewropej b'potenzjal għoli li jiżviluppaw jew jimplimentaw soluzzjonijiet innovattivi jkunu jistgħu jaċċessaw il-kapital u r-riżorsi biex jikbru fl-Unjoni, u b'hekk tissaħħaħ l-integrazzjoni tas-suq uniku u tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti.

- 2b. Il-Faċilità għall-Iscale-ups għandha tipprovdi b'mod koordinat u konsistenti, sett komprensiv ta' għodod ta' finanzjament imfassla għall-ħtiġijiet uniċi tal-iscale-ups, inkluż ekwità u kważi-ekwità indiretti u diretti, dejn ta' riskju, self, garanziji u operazzjonijiet ta' taħlit, bl-għan li tattira investituri privati biex jappoġġaw il-finanzjament għall-iscale-ups u li jiġu ffaċilitati l-opzjonijiet ta' ħruġ, u għandha tipprijoritizza l-investimenti li jippermettu scale-up industrijali u aċċess simplifikat għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.
3. Il-Faċilità għall-Iscale-ups għandha tintervjeni meta l-investituri tas-suq ma jkunux kapaċi jipprovdu finanzjament suffiċjenti għal scale-ups Ewropej, inkluż jekk ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà ekonomika tal-Unjoni.
4. Il-Faċilità għall-Iscale-ups għandha tingrana l-investment pubbliku biex tikkatalizza flussi ta' kapital privati u istituzzjonali sostanzjali, bħal minn fondi ta' ekwità privata, korporazzjonijiet, fondi providenti, kumpaniji tal-assigurazzjoni, u investituri oħra fuq terminu twil, u b'hekk japprofondixxu s-swieq kapitali tal-Ewropa u jrawmu t-tkabbir sostenibbli ta' scale-ups.

### *Artikolu 23*

#### **Klawżola ta' esklużività**

1. Matul il-perjodu tal-QFP 2028-2034, il-garanziji baġitarji, l-istrumenti finanzjarji, jew l-istrumenti finanzjarji implimentati direttament mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 219 tar-Regolament Finanzjarju biex jappoġġaw l-oġettivi tal-politika fit-territorju tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti biss skont din it-Taqsima.
2. [Il-garanzija baġitarja, fl-ammont massimu tagħha msemmi fl-Artikolu 21(3), u l-istrumenti finanzjarji, inkluż meta tkun ikkombinata ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, tista' tintuża biex tipprovdi appoġġ taħt programmi oħra tal-Unjoni, inkluż il-Fond għall-Innovazzjoni tal-EU ETS u programmi oħra tal-Unjoni ffinanzjati minn sorsi għajr il-baġit tal-Unjoni, f'konformità mal-oġettivi stipulati f'dawk il-programmi.]

## *Artikolu 24*

### **Kompartiment tal-UE u Kompartiment tal-Istati Membri**

1. L-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jikkonsisti f'kompartiment tal-UE u f'kompartiment tal-Istati Membri. Fejn xieraq, dawk il-kompartimenti jistgħu jintużaw b'mod komplementari, inkluż permezz ta' taħlita ta' riżorsi fi struttura b'saffi biex tinkiseb kopertura tar-riskju aħjar u biex jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Fl-istruttura b'saffi tal-Istrument InvestEU tal-FEK, ir-riżorsi mill-kompartiment tal-Istati Membri għandhom ikunu subordinati għar-riżorsi mill-kompartiment tal-UE.
2. Jistgħu jsiru kontribuzzjonijiet speċifiċi għall-Istrument InvestEU tal-FEK skont l-Artikolu 5(1) f'konformità mal-Artikoli 211(2) u 221(2) tar-Regolament Finanzjarju. Kontribuzzjonijiet speċifiċi għall-garanzija baġitarja skont l-Istrument InvestEU tal-FEK għandhom jirriżultaw f'ammont addizzjonali tal-garanzija baġitarja msemmija fl-Artikolu 21(3).
- 2a. Il-Kompartiment tal-Istati Membri għandu jindirizza fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali f'reġjun jew fi Stat Membru wieħed jew aktar.

## *Artikolu 24a*

### **Kombinamenti**

1. L-appoġġ mill-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament, l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut permezz tal-istrumenti finanzjarji stabbiliti mill-programmi fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti u l-appoġġ tal-Unjoni mill-garanzija tal-UE stabbilita mir-Regolament 2015/1017 u mir-Regolament 2021/523 jistgħu jiġu kkombinati biex jappoġġaw prodotti finanzjarji implimentati jew li jkunu ser jiġu implimentati mis-sħab ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament.
2. Il-garanzija tal-UE tista' tingħata biex tkopri operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli skont dan ir-Regolament għall-finijiet ta' kombinamenti u tista' tkopri telf fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti mill-appoġġ ikkombinat.

## *Artikolu 25*

### **Komunità ta' sħab ta' implimentazzjoni**

1. L-istrument InvestEU tal-FEK għandu jiġi implimentat mis-sħab ta' implimentazzjoni f'mudell ta' arkitettura miftuħ, inkluż l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol speċjali tal-Grupp tal-BEI. L-implimentazzjoni tal-Istrument InvestEU tal-FEK għandha tibni kemm fuq is-sħab ta' implimentazzjoni l-ġodda vvalutati fil-qafas tal-pilastru kif ukoll fuq il-komunità eżistenti tas-sħab ta' implimentazzjoni vvalutati fil-qafas tal-pilastru tal-programm InvestEU u għandha, sa fejn ikun possibbli, tibni fuq arranġamenti kuntrattwali eżistenti, prodotti finanzjarji rilevanti, ftehimiet ta' garanzija, mudelli għal arranġamenti legali u kuntrattwali, kif ukoll għodod stabbiliti ta' monitoraġġ u rapportar.
2. B'deroga mill-Artikolu 211(5) tar-Regolament Finanzjarju, u soġġett għall-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-implimentazzjoni ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, tista' tiġi fdata lil kwalunkwe entità msemmija fl-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju.

## **Kapitolu III**

### **Attivitajiet orizzontali**

## *Artikolu 26*

### **Konsulenza għall-Proġetti tal-FEK**

1. Il-Konsulenza għall-Proġetti tal-FEK għandha tkun disponibbli għal strumenti ripagabbli u mhux ripagabbli. L-azzjonijiet u l-attivitajiet appoġġati taħt dan il-Kapitolu għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettiv ġenerali stipulat fl-Artikolu 3(1) u għandhom jappoġġaw u jikkomplementaw, fejn rilevanti, l-attivitajiet taħt il-Kapitoli IV, V, VI u VII.

2. Għandu jiġi pprovdut aċċess ċentralizzat għal servizzi speċjalizzati ta' konsulenza u ta' aċċellerazzjoni tan-negozju. Dawk is-servizzi jistgħu jinkludu:
- (a) servizzi ta' konsulenza dwar l-investment, inkluż attivitajiet ta' żvilupp tas-suq f'setturi strateġiċi u appoġġ konsultattiv għall-identifikazzjoni, it-tnejjija, l-iżvilupp, l-istrutturar, l-akkwist u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' investment;
  - (aa) it-tisħiħ tal-kapaċità tal-promoturi tal-proġetti u tal-intermedjarji finanzjarji biex jimplementaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment u jtejbu l-fehim u l-użu tal-istrumenti finanzjarji biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom. Tali appoġġ jista' jkopri kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett jew ta' finanzjament ta' entità appoġġata;
  - (b) servizzi speċjalizzati ta' konsulenza u ta' aċċellerazzjoni tan-negozju mmirati lejn promoturi ta' proġetti u kumpaniji f'setturi strateġiċi, inkluż SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, start-ups u scale-ups, speċjalment dawk li jiżviluppaw jew jimplementaw soluzzjonijiet innovattivi, filwaqt li jappoġġaw u jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-fondi u l-finanzjament tal-FEK, irawmu sinerġiji ma' sorsi oħra ta' finanzjament, jiffaċilitaw it-tlaqqiġ ma' investituri privati u jippromwovu l-fehim tal-opportunitajiet offruti minn finanzjament kapitali bbażat fuq is-suq;
  - (ba) appoġġ għall-ġenerazzjoni ta' riżervi ta' proġetti u t-tnejjija ta' proġetti potenzjali ta' investment taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK u l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp sussegwenti tagħhom.
3. Il-Konsulenza għall-Proġetti tal-FEK għandha, fejn xieraq, tikkoopera ma' alleanzi industrijali u raggruppamenti Ewropej jew gruppi u networks Ewropej rilevanti oħra. Għandha tkun disponibbli taħt kull tieqa ta' politika, filwaqt li tkopri s-setturi rilevanti kollha, u tista' tipprovidi wkoll appoġġ għal azzjonijiet trażversali u objettivi ġenerali.

4. Il-Kummissjoni tista' tikkonkludi ftehimiet dwar il-konsulenza ma' sħab konsultattivi u fornituri ta' servizzi f'konformità mal-ħtiġijiet ta' kull tieqa ta' politika. Il-Kummissjoni u s-sħab konsultattivi, b'mod partikolari l-Grupp tal-BEI, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, għandhom jikkooperaw mill-qrib bl-għan li jiżguraw l-effiċjenza, is-sinerġiji u l-kopertura ġeografika effettiva fl-Unjoni kollha, filwaqt li jqisu l-istrutturi u x-xogħol eżistenti.
5. Irrispettivament mill-istrument ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-akkwiżizzjoni jew għall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza, il-fornituri u r-riċevituri tas-servizzi għandhom jintgħażlu f'konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u tat-trattament ugwali, l-evitar ta' kunflitt ta' interess, inklużi interessi professjonali kunfliġġenti.
6. Meta timplimenta l-Konsulenza għall-Proġetti tal-FEK, il-Kummissjoni, is-sħab konsultattivi u fornituri oħra ta' servizzi għandhom, fejn xieraq, jikkollaboraw ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ pubbliċi jew privati tal-Unjoni jew nazzjonali, inkluż in-Network "UE għan-Negozji".

#### *Artikolu 27*

#### **Network "UE għan-Negozji"**

1. Għandu jiġi stabbilit in-Network "UE għan-Negozji".
  - 1a. L-objettiv tan-Network "UE għan-Negozji" huwa li jgħin lin-negozji tal-Unjoni jsiru aktar kompetittivi u jinnovaw, jikbru u jespandu fis-suq uniku u lil hinn minnu, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs, l-istart-ups, l-iscale-ups u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

- 1b. In-Network "UE għan-Negożji" għandu jkollu kopertura mifruxa mal-Unjoni kollha u bbilanċjata ġeografikament, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàt tal-Istati Membri u t-tipi ta' reġjuni kollha fl-Unjoni, inkluż ir-reġjuni inqas żviluppatti u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.
- 1c. L-attivitajiet tan-Network "UE għan-Negożji" jistgħu jinkludu miżuri ta' appoġġ għan-negożju kif imsemmi fl-Artikolu 28.

### *Artikolu 28*

#### **Appoġġ għan-negożju**

1. Il-FEK għandu jwettaq attivitajiet trażversali ffukati fuq it-tiżi tal-kompetittività tal-SMEs u jikseb addizzjonalità fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jqis l-istrutturi eżistenti jew ġodda u l-ħidma fl-Istati Membri kollha, inkluż permezz tal-miżuri li ġejjin:
  - (a) il-forniment ta' pariri u appoġġ integrati dwar in-negożju lill-kumpaniji, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi;
  - (b) l-għoti ta' opportunitajiet ta' sħubija u l-bini tal-kapaċitajiet, inkluż il-bini tal-kapaċitajiet għall-punti ta' kuntatt nazzjonali u l-faċilitazzjoni tan-networking tagħhom biex tittejjeb il-parteċipazzjoni effettiva fil-FEK, inkluż għal entitajiet b'inqas esperjenza taħt il-FEK;
  - (c) l-appoġġ u l-assistenza għall-aċċess għal teknoloġiji, infrastruttura u faċilitajiet tat-teknoloġija, appoġġ għall-adozzjoni mis-suq tal-innovazzjoni u appoġġ għall-organizzazzjonijiet tan-negożju, l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, inkluż l-istart-ups u l-iscale-ups, biex jipparteċipaw fi pjattaformi u setturi kollaborattivi;

- (d) il-promozzjoni tal-fehim kummerċjali tal-politiki tal-Unjoni, kif ukoll il-kisba ta' feedback dwar l-effettività tagħhom;
- (e) iż-żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà ta' finanzjament, b'mod partikolari, bħala prijorità, għall-SMEs filwaqt li jiġu inklużi wkoll il-mikrofinanzjament u l-appoġġ lill-intrapriżi soċjali, kif ukoll għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja;
- (f) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għas-swieq inkluż permezz ta' appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u l-forniment ta' informazzjoni dwar is-suq, inkluż fir-reġjuni inqas żviluppati, ir-reġjuni ta' tranżizzjoni, iż-żoni insulari u r-reġjuni ultraperiferiċi;
- (g) it-titjib tal-ambjent tan-negozju għall-SMEs u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju għall-SMEs billi jiġu appoġġati, fost l-oħrajn, il-valorizzazzjoni tal-proprjetà intellettuali, l-iffissar tal-istandards u l-akkwist pubbliku;
- (h) il-promozzjoni tal-intraprenditorija, inkluż l-intraprenditorija tan-nisa u taż-żgħażaġh u l-akkwist ta' ħiliet intraprenditorjali u kummerċjali.

#### *Artikolu 29*

#### **Azzjonijiet iddedikati għall-SMEs biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-SMEs**

Kull tieqa ta' politika tal-FEK għandha tappoġġa azzjonijiet iddedikati għall-SMEs immirati lejn l-SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups biex tiġi żgurata parteċipazzjoni effettiva u sinifikanti tal-SMEs fil-programmi ta' ħidma, b'mod partikolari permezz ta':

- (a) miżuri mfassla apposta biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-SMEs fis-sejħiet kollha filwaqt li jiġi żgurat li l-kriterji u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà jkunu mfassla biex inaqqsu l-ostakli għad-dħul u jżidu l-parteċipazzjoni tal-SMEs;

- (b) azzjonijiet għall-SMEs biss f'setturi strateġiċi bil-ħsieb li jitravmu l-innovazzjoni, l-aċċellerazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-espansjoni tan-negozju;
- (c) azzjonijiet taħt l-għodod ta' koordinazzjoni tal-politika industrijali tal-FEK, b'miżuri addizzjonali ta' appoġġ għall-SMEs biex tiġi żgurata parteċipazzjoni effettiva u sinifikattiva tal-SMEs, jiġifieri skont l-Artikoli 16, 17 u 19;
- (d) kontribuzzjonijiet tat-tieqa ta' politika għall-garanzija baġitarja u/jew għall-istrumenti finanzjarji għall-SMEs taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK imsemmi fl-Artikolu 21(4), iddedikati għall-finanzjament tal-SMEs, f'konformità mal-oġġettivi speċifiċi tat-tieqa ta' politika kontribwenti.

### *Artikolu 30*

#### **Appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet**

Il-FEK għandu jiffinanzja attivitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet, b'mod partikolari fis-setturi strateġiċi, billi jibni rabtiet b'saħħithom bejn il-fornituri tal-edukazzjoni għolja, tal-edukazzjoni vokazzjonali u tat-taħriġ, tar-riċerka applikata u tan-negozji għal ekonomija aġli, innovattiva u kompetittiva. L-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet għandu jinkludi appoġġ għall-Garanzija Ewropea tal-ħiliet biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet tal-katina tal-valur favur setturi jew professjonijiet strateġiċi tat-tkabbir fis-suq tax-xogħol permezz tal-informazzjoni dwar il-ħiliet, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol u l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET) biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-VET u n-negozji, speċjalment l-SMEs u jiġu konnessi mal-ekosistemi industrijali reġjonali.

*Artikolu 31*

**Aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni**

1. [F'konformità mal-Artikolu 150 tar-Regolament Finanzjarju, il-FEK għandu jikkontribwixxi għaż-żamma u l-estensjoni tal-Ispazju Uniku għall-Iskambju Elettroniku ta' Data għall-parteċipanti biex jiżgura aċċess semplifikat għall-finanzjament tal-Unjoni. Dik il-kontribuzzjoni għandha tkun irrISPETTIVAMENT mill-mod jew mill-istrument tal-implimentazzjoni tal-baġit u tinkludi servizzi konsultattivi u ta' aċċellerazzjoni tan-negozju u appoġġ għal portal uniku għall-aċċess għall-appoġġ tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni].]
2. Il-FEK jista' jappoġġa kwalunkwe attività addizzjonali biex jiffaċilita u jaċċellera l-aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fondi, finanzjament u investimenti oħra, u biex jiżgura l-valorizzazzjoni u l-implimentazzjoni tar-riżultati permezz ta' għodod u strumenti bħall-prova tal-kunċett, għotjiet għall-implimentazzjoni, servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ għan-negozji u pjattaformi ddedikati.

**Kapitolu IV**

**Appoġġ għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali**

*Artikolu 32*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali**

1. L-azzjonijiet appoġġati taħt dan il-Kapitolu għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 3(1) u l-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (a).
2. L-appoġġ għall-azzjonijiet taħt dan il-Kapitolu għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stipulat fl-Artikolu 4(2), il-punt (b), u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 5.

**Attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw politiki ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali**

1. L-appoġġ għat-tieqa tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
  - (a) "Attivitajiet LIFE": jingħata appoġġ lil proġetti minn isfel għal fuq u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha għad-dimostrazzjoni, l-ittestjar u l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi u għall-iżvilupp tal-aħjar prattiki fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali, inkluż l-ekonomija ċirkolari, in-natura u l-bijodiversità, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar il-klima u l-ambjent għal-livelli ta' governanza u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;
  - (b) l-effiċjenza fl-enerġija, soluzzjonijiet ta' flessibilità inkluż il-ħżin tal-enerġija u r-rispons għad-domanda, il-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni domestiċi, id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli integrata, ir-rinnovazzjonijiet enerġetiċi, l-irkupru u l-użu mill-ġdid tas-sħana, u s-soluzzjonijiet, is-sistemi u s-servizzi tat-tiġin u t-tkessiġ;
  - (c) enerġija nadifa u rinnovabbli u soluzzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni fl-industrija, inkluż l-elettrifikazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija, il-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-qbid, il-ħżin u l-użu tal-karbonju (CCUS), bħall-qbid tal-emissjonijiet bijoġeniċi bil-ħżin tal-karbonju (BioCCS) u l-qbid u ħżin tal-karbonju dirett mill-arja (DACCS), f'setturi diffiċli sabiex jitrażżnu u l-infrastruttura relatata, u fil-bliet u ż-żoni rurali, inkluż għall-enerġija, it-trasport u l-bini;
  - (d) it-tiftix ta' sorsi ta' provvista, il-produzzjoni, il-ħżin, id-distribuzzjoni u l-adozzjoni ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-elettrifikazzjoni, l-iffaċilitar tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u l-mobbiltà;
  - (e) soluzzjonijiet ta' trasport u mobbiltà nodfa, multimodali, interoperabbli, diġitalizzati, sikuri u aċċessibbli, inkluż assi u infrastrutturi mobbli u infrastrutturi, sistemi u operazzjonijiet, u l-produzzjoni industrijali u l-integrazzjoni fil-katina tal-provvista tagħhom;

- (f) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-użu ta' mobbiltà intelliġenti, inkluż l-assi mobbli, l-infrastruttura, is-soluzzjoni ta' mobbiltà konnessa u awtomatizzata, is-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku intelliġenti u servizzi relatati;
- (g) il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u l-katina tal-provvista tagħha, bħall-espansjonital-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, u billi jiżdiedu l-linji tal-produzzjoni eżistenti, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju għal proġetti strateġiċi skont ir-Regolament (UE) 2024/1735;
- (h) it-tiżiħ tal-kapaċità tal-Unjoni fl-innovazzjoni u l-użu industrijali ta' manifattura avvanzata, materjali avvanzati u teknoloġiji li jissostitwixxu jew inaqqsu l-użu tal-materja prima;
- (i) l-ekonomija ċirkolari, inkluż il-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid, it-tiswija, il-manifattura mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru ta' materjali u prodotti u d-diversifikazzjoni tal-provvista;
- (ia) soluzzjonijiet sostenibbli għall-azzjoni klimatika fil-ktajjen tal-provvista agroalimentari u tal-forestrija;
- (j) ir-reżiljenza għall-klima u tal-ilma, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u s-saħħa tal-oċeani;
- (k) il-prevenzjoni, il-kontroll u r-rimedju tat-tniġġis, kif ukoll soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u soluzzjonijiet oħra għall-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, inkluż l-arja, l-ilma, il-baħar u l-ħamrija, u biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità u biex tiġi indirizzata d-degradazzjoni tal-ekosistemi;
- (l) l-investiment, l-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni f'setturi tal-ekonomija blu sostenibbli bħall-bini tal-bastimenti u t-tbaħħir, l-enerġija offshore, it-teknoloġiji tal-osservazzjoni tal-oċeani, it-teknoloġija blu u l-preservazzjoni tal-ekosistemi;
- (m) is-sostenibbiltà u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tal-SMEs;

- (n) l-adozzjoni mis-suq, il-bini tal-kapaċitajiet u l-iżvilupp tal-ħiliet għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, inkluż it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-attivitajiet fuq in-naħa tad-domanda għall-enerġija (pereżempju l-Akkademji tal-industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) u t-tranżizzjoni lejn trasport u mobbiltà sostenibbli u sikuri u turiżmu sostenibbli fil-bliet, fiż-żoni rurali u kostali, fil-komunitajiet u fil-bini;
  - (o) azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-atti legali u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, il-bini tal-kapaċitajiet, inkluż il-bini tal-kapaċitajiet tal-punti ta' kuntatt nazzjonali, it-twettiq ta' studji, u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod u infrastrutturi, inkluż l-infrastruttura u l-għodod tal-IT;
  - (oa) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' kejl, materjali ta' referenza u servizzi ta' kalibrizzjoni, inkluż attivitajiet li jrawmu t-traċċabbiltà, l-istandardizzazzjoni u l-użu industrijali, direttament relatati mal-attivitajiet deskritti fil-punti (a) sa (o) imsemmija hawn fuq.
2. L-appoġġ ipprovdut permezz tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jista' jingħata fi kwalunkwe forma, inkluż permezz ta' attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni stipulati fir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni] u identifikati f'parti speċifika ddedikata tal-programm ta' ħidma.

#### *Artikolu 34*

### **Regoli komplementari**

1. Għal attivitajiet li jappoġġaw azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija u tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa [100] % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament.

2. B'deroga mill-Artikolu 184(6) tar-Regolament Finanzjarju, għal attivitajiet li jappoġġaw azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-attivitajiet LIFE msemmija fl-Artikolu 33, il-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan ir-Regolament, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jawtorizza jew jimponi, fil-forma ta' rata fissa, finanzjament tal-kostijiet indiretti tal-benefiċjarju sa massimu ta' 25 % tal-kostijiet totali eliġibbli, esklużi l-kostijiet diretti jew indiretti ta' sottokuntrattar, li jinkludu kwalunkwe kost ta' appoġġ dirett jew indirett.
3. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiżguraw koerenza mat-tipi ta' azzjonijiet ippjanati li għandhom jiġu implimentati taħt il-Fond ta' Innovazzjoni msemmi fl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE<sup>48</sup> u koerenza u komplementarjetà mar-Regolament (UE)[XXX] [il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa]
4. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament taħt dan il-kapitolu għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata u jiżguraw koerenza mal-attivitajiet ta' Kompetittività u Soċjetà appoġġati skont ir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni]

---

<sup>48</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275 25.10.2003, p. 32 ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>).

**Proċeduri kompetittivi ta' offerti**

1. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' proċeduri kompetittivi ta' offerti. Kuntratti għad-differenza, kuntratti tal-karbonju għad-differenza, jew kuntratti bi primjum fiss biex jappoġġaw l-investiment fid-dekarbonizzazzjoni jistgħu jiġu aġġudikati fi proċeduri kompetittivi ta' offerti, dment li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti u l-iskopertura tal-baġit tal-Unjoni tibqa' limitata għal kontribuzzjoni massima.
- 1a. Il-proċeduri kompetittivi ta' offerti msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu implimentati permezz ta' kwalunkwe wieħed mill-istrumenti ta' implimentazzjoni tal-baġit stipulati fl-Artikolu 12 u f'konformità magħhom.

**KAPITOLU V**

**APPOĠĠ GĦAS-SAĦĦA, IL-BIJOTEKNOLOĠIJA, L-  
AGRIKOLTURA U L-BIJOEKONOMIJA**

**Dispożizzjonijiet speċifiċi li jappoġġaw politiki dwar is-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-agrikoltura u l-bioekonomija**

1. L-azzjonijiet appoġġati taħt dan il-Kapitolu għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 3(1) u l-oġġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (b).
2. L-appoġġ għall-azzjonijiet taħt dan il-Kapitolu għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stipulat fl-Artikolu 4(2), il-punt (c), u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali għandha tiġi assenjata f'konformità mal-Artikolu 5.

**Attivitajiet speċifiċi**

1. L-appoġġ għall-politika dwar is-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agrikoltura u l-Bijoeconomija għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
  - (a) it-titjib u l-protezzjoni tas-saħħa, inkluż is-saħħa transfruntiera, billi tingħata prijorità lill-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja, billi jitrawmu d-detezzjoni, id-dijanjożi u t-trattament bikrija, billi tissaħħaħ l-innovazzjoni, u permezz ta' politiki tas-saħħa fil-politiki kollha u "saħħa waħda", b'enfasi speċjali fuq il-mard komunikabbli u mhux komunikabbli, inkluż is-saħħa mentali, il-mard newrodeġenerattiv, il-mard kardjovaskulari, il-mard rari, il-kanċer u mard ieħor, inkluż dak relatat mat-tniġġis u t-tibdil fil-klima, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR), is-saħħa sesswali u riproduttiva u billi jissaħħu l-inizjattivi dinjija tas-saħħa u l-kooperazzjoni;
  - (b) it-tiħiħ tal-effiċjenza, l-aċċessibbiltà, is-sostenibbiltà, l-innovazzjoni u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa billi jissaħħaħ l-aċċess għad-data dwar is-saħħa u l-għodod, l-infrastrutturi u s-servizzi diġitali u jissaħħu l-kondiviżjoni, l-użu u l-użu mill-ġdid tagħhom, inkluż biex jiġi appoġġat l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa, l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali u soluzzjonijiet diġitali jew ibbażati fuq ir-robotika u approċċi innovattivi oħra fil-kura tas-saħħa; l-avvanzar tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa; it-tiħiħ tal-aċċess ekwu għas-servizzi tal-kura tas-saħħa ċċentrati fuq il-pazjent u bbażati fuq ir-riżultati u tal-kwalità tagħhom, b'enfasi partikolari fuq is-saħħa pubblika u l-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa; il-promozzjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, (inkluż billi tiġi appoġġata l-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa); l-appoġġ għall-provi kliniċi, fosthom il-provi kliniċi f'diversi pajjiżi; l-integrazzjoni tal-ħidma tan-Networks ta' Referenza Ewropej (ERNs); l-għoti ta' soluzzjonijiet diġitali għall-monitoraġġ u l-koordinazzjoni; l-inkoraġġiment tal-iskambju tal-aħjar prattiki, il-bini tal-kapaċitajiet, il-ħidma integrata fost is-sistemi tas-saħħa nazzjonali, inkluż, fejn adatt, azzjonijiet u networks bejn l-awtoritajiet tas-saħħa kompetenti, biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effiċjenza madwar l-Unjoni;

- (c) it-trawwim tal-iżvilupp, il-kapaċità tal-produzzjoni, il-manifattura u l-użu industrijali tat-teknoloġiji tas-saħħa, biex tiżdied il-kompetittività tas-settur tas-saħħa, inkluż fost l-oħrajn permezz tal-iżvilupp ta' terapiji avanzati bħall-ATMPs (Prodotti Mediċinali ta' Terapija Avanzata), u proġetti strateġiċi identifikati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-prodotti mediċinali, l-apparati mediċi, l-apparati mediċi dijanjostiċi in vitro, il-prodotti mediċinali kritiċi, is-soluzzjonijiet diġitali u l-kontromiżuri mediċi tal-Unjoni rilevanti għall-preparatezza u r-rispons għat-theddid transfruntier għas-saħħa, kif ukoll il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur tas-saħħa billi jiġi żgurat li tali prodotti jkunu innovattivi, sikuri, aċċessibbli, disponibbli u affordabbli, u b'hekk jiġi promoss l-aċċess ekwu madwar l-Unjoni;
- (e) il-protezzjoni tan-nies billi jiġu appoġġati l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tas-sigurtà tas-saħħa biex jiġi miġġieled it-theddid transfruntier serju għas-saħħa, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati tal-Istati Membri, kif ukoll il-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' prevenzjoni, preparatezza u rispons tal-Unjoni u dawk nazzjonali;
- (ea) l-appoġġ għall-iskoperta, l-iżvilupp, it-tneħħija tar-riskji, id-dimostrazzjoni, il-pilotaġġ u l-użu, u l-espansjoni tal-innovazzjonijiet tal-bijoteknoloġija, l-aċċellerazzjoni tal-introduzzjoni fis-suq u l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet tal-bijoteknoloġija, it-tiŝhiħ ta' ktajjen tal-valur emerġenti u l-għoti ta' aċċess għall-finanzi u appoġġ ieħor inkluż fost l-oħrajn għall-SMEs, l-istart-ups, l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, il-fornituri tal-kura tas-saħħa, l-iscale-ups, il-forza tax-xogħol kwalifikata u l-innovaturi;

- (f) it-trawwim ta' settur tal-bijoeconomija innovattiv, sostenibbli u kompetittiv fl-Unjoni, inkluż fl-oqsma tas-saħħa, tal-bijoteknoloġija, tal-materjali u tal-prodotti b'bażi bijoloġika, il-valorizzazzjoni tar-residwi tal-azjendi agrikoli u tal-foresti u tal-iskart tal-ikel, tal-prodotti negattivi għall-karbonju, tal-bijomanifattura u tas-sustanzi kimiċi b'bażi bijoloġika, b'mod partikolari billi jiġu appoġġati l-iskoperta, l-iżvilupp, it-tneħħija tar-riskji, id-dimostrazzjoni, il-pilotaġġ, il-manifattura u l-espansjoni ta' innovazzjonijiet tal-bijoeconomija; billi jiġu aċċellerati l-introduzzjoni fis-suq u l-adozzjoni mis-suq ta' materjali b'bażi bijoloġika mill-agrikoltura u l-forestrija, u r-riżorsi tal-baħar u billi jiġu aċċellerati s-soluzzjonijiet tal-bijoeconomija; billi jissaħħu l-ktajjen tal-valur emerġenti; billi tinbena forza tax-xogħol kwalifikata, billi jiġi pprovdut aċċess għall-finanzi u appoġġ ieħor għall-SMEs, l-istart-ups, l-iscale-ups u l-innovaturi;
- (g) it-trawwim tal-kompetittività, l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ġustizzja tas-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-forestrija, tas-sistemi tal-ikel inkluż l-ipproċessar tal-ikel, u taż-żoni rurali u kostali. Dan jinkludi r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, reżiljenti għall-klima, intelliġenti fl-użu tal-ilma, pożittiva għan-natura, fil-protezzjoni tal-biodiversità u tar-riżorsi naturali, fil-kontribut għall-kwalità u s-sigurtà tal-ilma fit-tul għall-produzzjoni tal-ikel, u għas-sigurtà tal-ikel fit-tul fl-Unjoni, kif ukoll fis-salvagwardja tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa tal-pjanti;
- (h) l-appoġġ ta' azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-atti legali u l-politiki rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, il-bini tal-kapaċitajiet, inkluż il-bini tal-kapaċitajiet tal-punti ta' kuntatt nazzjonali, l-istudji, l-iżvilupp u l-użu ta' għodod u infrastrutturi, inkluż l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.

2. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament taħt dan il-kapitolu għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata u jiżguraw koerenza mal-  
[attivitajiet tal-Kompetittività u s-Soċjeta' appoġġati skont ir-Regolament (UE) [XXX] [il-  
Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

## **KAPITOLU VI**

### **APPOĠĠ GĦAT-TMEXXIJA DIĠITALI**

#### *Artikolu 38*

#### **Dispożizzjonijiet speċifiċi li jappoġġaw il-politika ta' tmexxija diġitali**

1. L-azzjonijiet appoġġati taħt dan il-kapitolu għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-oġġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (c).
2. L-appoġġ għall-azzjonijiet taħt dan il-kapitolu għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stipulat fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali għandha tiġi assenjata f'konformità mal-Artikolu 5.

#### *Artikolu 39*

#### **Attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw il-politika ta' tmexxija diġitali**

2. L-appoġġ għat-Tmexxija Diġitali għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
  - (a) L-iżvilupp u t-tiswir ta' teknoloġiji, prodotti u servizzi diġitali ewlenin sostenibbli li jirriflettu l-valuri tal-Unjoni, inkluż permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, ir-riċerka applikata, it-trasferiment tat-teknoloġija, l-użu industrijali, u l-adozzjoni mis-suq.

- (b) Il-bini ta' ekosistemi diġitali attraenti, kompetittivi, siguri u reżiljenti inkluż għall-kumpaniji innovattivi rivoluzzjonarja, l-SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups, kif ukoll mexxejja emerġenti tal-industrija fis-settur diġitali biex jibqgħu, jikbru u jirnexxu fl-Unjoni, l-appoġġ tagħhom biex jiskalaw, jespandu s-swieq tagħhom, inkluż permezz tal-akkwist u l-istandardizzazzjoni, kif ukoll it-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista ta' teknoloġiji u servizzi diġitali avvanzati billi jiġu appoġġati l-kapaċitajiet meħtieġa, inkluż il-kapaċità tal-produzzjoni, u l-ħiliet diġitali avvanzati.
- (c) L-implimentazzjoni ta' applikazzjonijiet, infrastrutturi u servizzi diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, siguri u sostenibbli madwar l-Unjoni, bi prinċipji taċ-ċibersigurtà mid-disinn u taċ-ċibersigurtà b'mod awtomatiku inkorporati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inkluż permezz ta' azzjonijiet għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-manifattura, il-bini, l-immodernizzar, it-tlestija jew l-implimentazzjoni ta' infrastrutturi diġitali avvanzati, networks diġitali trans-Ewropej u infrastruttura pubblika diġitali sigura u interoperabbli fuq skala kbira u flivell transfruntier li jaġixxu bħala faċilitaturi ewlenin tat-trasformazzjoni diġitali li jappoġġaw ir-reżiljenza u l-preparatezza tas-soċjetà, filwaqt li jgħibu valur miżjud ċar għan-negozji, għas-servizzi pubbliċi u għaċ-ċittadini. Fejn rilevanti, dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu koordinati mal-investimenti nazzjonali u għandhom jisfruttaw il-potenzjal mhux sfruttat biex jinħoloq suq domestiku għat-teknoloġiji diġitali avvanzati f'konformità mal-Artikolu 10.
- (d) L-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni tas-setturi pubbliċi u privati, inkluż l-interoperabbiltà u l-integrazzjoni transfruntiera tas-servizzi u l-appoġġ għall-iżvilupp u ċ-ċirkolazzjoni ta' ħiliet diġitali avvanzati li jinkludu ħiliet fiċ-ċibersigurtà, l-għoti tal-appoġġ meħtieġ għall-aċċellerazzjoni u l-approfondiment tal-adozzjoni u l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali fis-settur privat kollu b'enfasi fuq teknoloġiji kumplessi, u għad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku inkluż l-iżgurar ta' servizzi pubbliċi diġitali interoperabbli u koeżivi madwar l-Unjoni kollha li jimmassimizzaw l-effiċjenza għan-negozji u ċ-ċittadini.

(e) Azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, il-bini tal-kapaċitajiet, inkluż il-bini tal-kapaċitajiet tal-punti ta' kuntatt nazzjonali, it-tweqqif ta' studji, l-iżvilupp u l-użu ta' għodod u infrastrutturi, inkluż l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.

3. L-attivitajiet taħt dan il-Kapitolu għandhom jappoġġaw l-iżvilupp, l-innovazzjoni, l-implimentazzjoni u l-akkwist ta' kapaċitajiet, infrastrutturi, prodotti, servizzi, teknoloġiji u kapaċitajiet avvanzati taċ-ċibersigurtà, bl-għan li tissaħħaħ l-ekosistema Ewropea taċ-ċibersigurtà u li jiġu żgurati r-reżiljenza u s-sigurtà tal-infrastrutturi kritiċi, tal-ktajjen tal-provvista diġitali, kif ukoll biex jissaħħu aktar il-preparatezza għaċ-ċibersigurtà tal-Unjoni u l-għarfien tas-sitwazzjoni tal-Unjoni tax-xenarju ta' theddid u biex jittejjbu l-kapaċitajiet ta' identifikazzjoni u l-kapaċitajiet ta' rispons għal inċidenti. Dawn l-attivitajiet għandhom jappoġġaw ukoll il-kompetittività tal-bażi industrijali taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà u jtejjbu l-maturità ċibernetika tal-bażi industrijali Ewropea, inkluż l-SMEs.
4. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament taħt dan il-kapitolu għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata u jiżguraw koerenza mal-attivitajiet tal-Kompetittività u s-Soċjetà skont ir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni].

# KAPITOLU VII

## APPOĠĠ GĦAR-REŻILJENZA U S-SIGURTÀ, L-INDUSTRIJA TAD-DIFIŻA U L-ISPAZJU

### *Artikolu 40*

#### **Attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw ir-reżiljenza, is-sigurtà, l-industrija tad-difiża u l-ispazju**

1. L-azzjonijiet appoġġati taħt dan il-Kapitolu għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 3(1) u l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).
2. L-appoġġ għal azzjonijiet taħt dan il-Kapitolu għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stipulat fl-Artikolu 4(2), il-punt (e), u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali magħmula disponibbli f'konformità mal-Artikolu 5.

### *Artikolu 41*

#### **Sinerġiji tal-ispazju u tad-difiża**

1. Jitwaqqaf Bord Konsultattiv tal-Ispazju u d-Difiża.
- 1a. Il-Bord Konsultattiv tal-Ispazju u d-Difiża jista' jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar il-koordinazzjoni, il-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-attivitajiet fl-ispazju u l-industrija tad-difiża kif stabbilit fl-Artikolu 3(2)(d), is-subpunti (2) u (3), dwar il-prijoritajiet u dwar il-forom relatati tal-appoġġ tal-Unjoni biex jiżdiedu l-effiċjenza tal-investimenti u l-effettività tar-riżultati.
- 1b. Il-membri tal-Bord Konsultattiv tal-Ispazju u d-Difiża għandhom jinħatru mill-Istati Membri u l-Bord għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess. Ir-rappreżentanti tas-SEAE u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, bħall-EDA, jistgħu jiġu mistiedna jattendu wkoll bħala osservaturi.

## TAQSIMA 1

### APPOĠĠ GĦALL-POLITIKI TA' REŻILJENZA TAL-KATINA TAL-VALUR TAL-MATERJA PRIMA

#### *Artikolu 42*

#### **Attivitajiet speċifiċi biex jiġu appoġġati l-politiki ta' reżiljenza tal-katina tal-valur tal-materja prima**

1. L-appoġġ għall-politiki ta' reżiljenza tal-katina tal-valur tal-materja prima għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
  - (a) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni fl-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar, l-irkupru, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-materja prima kritika;
  - (b) ix-xiri ta' materja prima kritika, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-sigurtà ekonomika u mal-objettivi ta' tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' interruzzjoni tal-provvista għall-kumpaniji fl-Unjoni, inkluż l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' ħażniet ta' materja prima kritika f'koordinazzjoni mal-Istati Membri u mal-industrija;
  - (c) l-għoti ta' appoġġ finanzjarju għal proġetti strateġiċi skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika;
  - (ca) l-appoġġ ta' azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-atti legali u l-politiki rilevanti tal-Unjoni, inkluż għall-bini tal-kapaċitajiet tal-punti ta' kuntatt nazzjonali.
2. L-appoġġ implimentat permezz tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jista' jingħata fi kwalunkwe forma, inkluż permezz ta' attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni stipulati fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [REF] u identifikati f'parti speċifika ddedikata tal-programm ta' ħidma.

3. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament taħt din it-Taqsima għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata u jiżguraw koerenza mal-attivitajiet tal-Kompetittività u s-Soċjetà skont ir-Regolament (UE) [XXX][il-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni].

## **TAQSIMA 2**

### **APPOĠĠ GĦALL-POLITIKA TAL-INDUSTRIJA TAD-DIFIŻA**

#### *Artikolu 44*

#### **Attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw il-politika tal-industrija tad-difiża**

1. L-appoġġ għall-politika tal-industrija tad-difiża għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
- (a) L-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni kif imsemmi fl-Artikolu 45;
  - (b) L-appoġġ għar-Riċerka u l-Iżvilupp, l-Innovazzjoni u s-Superjorità Teknoloġika fid-Difiża kif imsemmi fl-Artikolu 46;
  - (c) L-appoġġ għar-Rispons Industrijali tad-Difiża, l-Iscale-Up Industrijali, u r-Reżiljenza, kif imsemmi fl-Artikolu 47;
  - (ca) L-appoġġ għall-faċilitaturi relatati mas-suq tal-Unjoni kollha għat-tagħmir ta' difiża kif imsemmi fl-Artikolu 47a;
  - (d) L-appoġġ għall-kooperazzjoni Akkwist, Manutenzjoni u Disponibbiltà Komuni fil-Qasam tad-Difiża kif imsemmi fl-Artikolu 48;
  - (e) L-appoġġ għat-trasport militari kif imsemmi fl-Artikolu 49;
  - (ea) L-appoġġ għal attivitajiet innovattivi u skalabbli għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tad-difiża, kif imsemmi fl-Artikolu 49a.

3. L-appoġġ tal-Unjoni implimentat permezz tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, jista' jiġi pprovdut fi kwalunkwe forma prevista bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dan l-appoġġ jista' jkopri appoġġ għal attività kollaborattiva ta' riċerka u innovazzjoni mogħti lil entitajiet uniċi.
- 3a. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu segwiti b'enfasi fuq il-konsistenza mal-gwida strateġika tal-Kunsill Ewropew, mal-objettivi tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, mal-aġenda tal-prontezza tad-difiża, u mal-prijoritajiet tal-kapaċità identifikati fil-kuntest tal-PESK, inkluż il-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) u l-opportunitajiet kollaborattivi identifikati fil-kuntest tar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD). Il-FEK għandu jqis kif xieraq il-kooperazzjoni tal-Istati Membri fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), l-inizjattivi u l-proġetti tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), kif ukoll l-attivitajiet rilevanti mwettqa mill-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO), bħall-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO.

#### *Artikolu 45*

#### **Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni**

1. Il-Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCIs) għandhom jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-EDTIB madwar l-Unjoni filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri li huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, inkluż dawk il-kapaċitajiet li jiżguraw aċċess għall-oqsma operazzjonali kollha, jiġifieri l-art, il-baħar, l-ajru, l-ispazju u ċ-ċibersigurtà.
2. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta atti ta' implimentazzjoni li jaġġornaw jew jidentifikaw l-EDPCIs filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata. Il-Kunsill jista' jemenda l-proposta tal-Kummissjoni filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

- 2a. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw biex iħejju proposti ta' proġetti għal EDPCIs possibbli b'mod inklużiv, bl-appoġġ tal-EDA meta jkun meħtieġ.
- 2b. Qabel ma tipproponi l-atti ta' implimentazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tivverifika l-konformità tal-proposti ta' proġetti msemmija fil-paragrafu 2a mal-kriterji kollha elenkati fil-paragrafu 4 u:
- (a) tikkonsulta lill-Istati Membri b'mod inklużiv u tqis il-fehmiet u l-proposti għal proġetti tagħhom għal EDPCIs possibbli;
  - (b) tistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") u lill-EDA jipprovdu l-għarfien espert tagħhom bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza mal-prijoritajiet u mal-oġġettivi msemmija fil-paragrafu 4(b), b'mod partikolari l-prijoritajiet b'rabta mal-kapaċità ta' difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-PESK, b'mod partikolari kif espressi b'mod konġunt fil-kuntest tas-CDP, biex jikkomplementaw l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri rigward proposti għal proġetti; u
  - (c) tivverifika li l-Istati Membri kollha u l-pajjiżi assoċjati jkunu ġew infurmati dwar il-ħolqien ta' proġett u ngħataw l-oportunità li jipparteċipaw.
3. Fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kunsill għandu:
- (a) jistipula l-oġġettivi u l-karatteristiċi tal-EDPCI b'rabta mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 4;
  - (b) jipprovdi stima tad-daqs finanzjarju kumplessiv tal-EDPCI; u
  - (c) jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi li jipparteċipaw fl-EDPCI fid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni.

4. L-EDPCI għandu jissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

- (-a) il-proġett isaħħaħ b'mod sinifikanti l-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-EDTIB, b'mod partikolari billi jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' kooperazzjoni transfruntiera ġdida jew għat-twessigħ ta' kooperazzjoni eżistenti, fosthom mal-SMEs u l-mid-caps, billi jgħid effetti kollaterali pożittivi fis-suq intern, billi jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-integrazzjoni tas-suq u għat-tnaqqis tal-frammentazzjoni tas-suq, billi jtejjeb l-interoperabbiltà u l-interkambjabbiltà tal-prodotti tad-difiża, u billi jimmira li jnaqqas id-dipendenzi strateġiċi, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tal-provvista u l-espansjoni l-kapaċitajiet;
- (a) il-proġett jinvolvi mill-inqas erba' Stati Membri, u l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati kollha jingħataw opportunità ġenwina li jipparteċipaw fl-EDPCI;
- (b) il-proġett jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri li huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u jkun konsistenti mal-oġettivi tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, mal-prijoritajiet b'rabta mal-kapaċitajiet ta' difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-PESK, b'mod partikolari fil-kuntest tas-CDP, u mal-opportunitajiet kollaborattivi identifikati fil-kuntest tal-CARD; iqis il-kooperazzjoni tal-Istati Membri fil-qafas tal-PESCO u tal-inizjattivi u l-proġetti tal-EDA; iqis l-attivitajiet rilevanti mwettqa min-NATO, bħall-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO, meta attivitajiet bħal dawn ikunu jservu l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni;
- (c) il-benefiċċji tal-proġett jestendu għal parti usa' tal-Unjoni;
- (d) il-proġetti għandhom ikunu partikolarment sinifikanti fid-daqs jew fl-ambitu, jew ikollhom l-għan li jimmitigaw livell konsiderevoli ta' riskju teknoloġiku jew finanzjarju, jew it-tnejn li huma;
- (e) il-benefiċċji kumplessivi potenzjali tal-proġett huma akbar mill-kostijiet tiegħu, inkluż fuq medda ta' żmien itwal.

- 4a. L-implimentazzjoni ta' EDPCI li jkun eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni għandha tikkonsisti f'attività waħda jew aktar relatati ma':
- (a) l-akkwist komuni ta' prodotti tad-difiża;
  - (b) l-aċċellerazzjoni tal-aġġustament għal bidliet strutturali tal-kapaċità tal-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża kif ukoll attivitajiet ta' appoġġ relatati;
  - (c) ir-riċerka jew l-iżvilupp ta' prodotti ġodda tad-difiża jew it-titjib ta' dawk eżistenti;
  - (d) l-iżvilupp u l-akkwist ta' infrastruttura meħtieġa.
- 4b. L-Istati Membri li jipparteċipaw f'EDPCI għandhom jiżguraw li jiġu applikati kriterji ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Artikolu 51 fil-kuntratti relatati mal-attivitajiet tal-EDPCI appoġġati mill-finanzjament tal-Unjoni, skont it-tip ta' attivitajiet kif imsemmi fil-paragrafu 4a.
- 4c. L-Istati Membri li jipparteċipaw f'EDPCI għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tal-EDPCI, inkluż dawk mhux appoġġati minn finanzjament tal-Unjoni, jikkonformaw mal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt d, is-subpunt (2) u fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u li ma jaffettwawx il-konformità tal-EDPCI mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.
5. L-Istati Membri li jipparteċipaw f'EDPCI jistgħu jiddeċiedu li jinvolvu lill-Kummissjoni Ewropea, lir-Rappreżentant Għoli jew lill-EDA bħala osservaturi f'EDPCI fejn rilevanti.
6. EDPCI, kif ukoll l-attivitajiet speċifiċi tiegħu, jistgħu jiġu stabbiliti fil-qafas ta' Strutturi għall-Programmi Ewropej dwar l-Armamenti (SEAP) stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2025/2643.
- 6a. Huma biss l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, kif ukoll is-SEAPs li jikkonsistu minn Stati Membri jew minn Stati Membri u pajjiżi assoċjati, li għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament fl-ambitu tal-attivitajiet tal-EDPCI.

7. L-Istati Membri jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE, japplikaw skemi ta' appoġġ u jipprevedu appoġġ amministrattiv għall-EDPCIs.
8. L-ippjanar, il-konstruzzjoni u t-tħaddim ta' faċilitajiet ta' produzzjoni relatati ma' EDPCI jistgħu jitqiesu bħala raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1), il-punt (c), tad-Direttiva 92/43/KEE u l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fl-interessi tad-difiża skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u fl-interessi tas-saħħa u s-sikurezza pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dment li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet l-oħra stipulati f'dawk id-dispożizzjonijiet.
- 8a. L-Istati Membri li jipparteċipaw f'EDPCI għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, fuq bażi annwali, rapport konġunt dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EDPCI, inkluż dwar il-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 4c.
- 8b. Fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jemenda l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 2, inkluż billi jneħħi proġett bħala EDPCI jew billi jirrifletti l-bidliet lill-elementi stipulati fil-paragrafu 3.
- 8c. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati kollha għandu jkollhom l-opportunità li jidħlu f'EDPCI wara l-istabbiliment tiegħu, soġġett għall-approvazzjoni tal-Istati Membri kollha li jipparteċipaw fl-EDPCI.

**Riċerka u Żvilupp, Innovazzjoni u Superjorità Teknoloġika fid-Difiża**

L-attivitajiet li jappoġġaw ir-Riċerka u l-Iżvilupp, l-Innovazzjoni u s-Superjorità Teknoloġika fid-Difiża jistgħu jkopru, b'mod partikolari:

- (a) azzjonijiet ta' riċerka kollaborattiva għad-difiża, minn riċerka bażika għal dik applikata, f'konformità mal-Artikolu 44(3a), li għalihom ir-riżultati tal-gruppi tat-Teknoloġija tal-Kapaċitajiet tal-EDA (CapTechs) jistgħu jaġixxu bħala input;
- (b) azzjonijiet ta' żvilupp kollaborattiv għal prodotti u teknoloġiji tad-difiża ġodda jew imtejba, inkluż il-ħolqien ta' prototipi tas-sistema, l-ittestjar, il-kwalifika, jew iċ-ċertifikazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew assi li jżidu l-effiċjenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża;
- (c) azzjonijiet li jappoġġaw teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża;
- (d) azzjonijiet li jappoġġaw ċikli ta' innovazzjoni u integrazzjoni tat-teknoloġija għad-difiża aktar rapidi, inkluż riċerka u żvilupp kontinwi u sfidi teknoloġiċi;
- (e) azzjonijiet spin-in biex jiġu adattati teknoloġiji ċivili għad-difiża.

**Rispons, Scale-Up, u Reżiljenza tal-Industrija tad-Difiża**

1. L-attivitajiet li jappoġġaw it-tisħiħ tar-Rispons, l-Scale-Up u r-Reżiljenza tal-EDTIB relatati mal-aġġustament tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-prodotti tad-difiża, inkluż il-komponenti u l-materja prima korrispondenti tagħhom sa fejn dawn ikunu maħsuba jew jintużaw kollha kemm huma għall-produzzjoni tal-prodotti tad-difiża, jistgħu jkopru b'mod partikolari:
  - (a) l-ottimizzazzjoni, l-espansjoni, il-modernizzazzjoni, inkluż l-awtomatizzazzjoni, it-titjib jew l-adattament għal skop ġdid tal-kapaċità tal-produzzjoni eżistenti, jew l-istabbiliment ta' kapaċità tal-produzzjoni ġdida tal-prodotti, tal-komponenti u tal-materja prima tad-difiża, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni jew jitnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-produzzjoni u għall-konsenja tagħhom, inkluż abbażi tal-akkwist jew l-akkwiżizzjoni tal-makkinarju għodda meħtieġ u kwalunkwe input meħtieġ ieħor;
  - (b) l-istabbiliment ta' sħubijiet industrijali transfruntieri, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati jew forom oħra ta' kooperazzjoni industrijali, inkluż l-SMEs, fi sforz industrijali konġunt, bħal impriżi konġunti transfruntieri inkluż attivitajiet li għandhom l-għan li jikkoordinaw l-akkwist jew ir-riżerva u l-ħżin ta' prodotti, komponenti u materja prima korrispondenti tad-difiża, kif ukoll biex jikkoordinaw il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u l-pjanijiet tal-produzzjoni;
  - (c) il-bini u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-kapaċitajiet riżervati ta' manifattura f'daqqa ta' prodotti tad-difiża, il-komponenti u l-materja prima korrispondenti tagħhom, f'konformità mal-volumi tal-produzzjoni ordnati jew ippjanati;
  - (d) it-trawwim tal-industrijalizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tad-difiża żviluppanti fil-qafas ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni jew ta' attivitajiet kooperattivi oħra mwettqa bl-appoġġ ta' mill-inqas żewġ Stati Membri inkluż permezz tal-istabbiliment ta' sħubijiet industrijali transfruntieri, sħubijiet pubbliċi-privati jew forom oħra ta' kooperazzjoni industrijali u permezz taż-żieda fil-produzzjoni inizjali u fil-liċenzjar tal-produzzjoni, fejn xieraq;

- (e) l-ittestjar, inkluż l-infrastruttura meħtieġa, u, kif xieraq, iċ-ċertifikazzjoni tar-rikundizzjonar tal-prodotti rilevanti tad-difiża bil-ħsieb li tiġi indirizzata l-obsolexxenza tagħhom u biex ikunu jistgħu jintużaw mill-utenti finali;
  - (f) it-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi industrijali, inkluż bil-ħsieb tas-sostituzzjoni ta' komponenti soġġetti għal restrizzjonijiet minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat, jew l-iżvilupp tal-kapaċità li jiġu sostitwiti jew jitneħħew tali komponenti.
- 1a. Għal azzjonijiet appoġġati skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, fuq talba, tista' tipprovdi lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati bid-dokumentazzjoni tal-azzjoni rilevanti sabiex jiġi evitat finanzjament doppju tal-istess kostijiet.

#### *Artikolu 47a*

#### **Appoġġ għall-faċilitaturi relatati mas-suq tal-Unjoni kollha għat-tagħmir ta' difiża**

1. Attivitajiet li jappoġġaw lill-faċilitaturi relatati mas-suq tal-Unjoni kollha għat-tagħmir ta' difiża jistgħu jkopru b'mod partikolari:
- (a) l-appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Bejgħ Militari (MSM) Ewropew biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-prodotti tad-difiża fil-ħin u fil-volum u b'hekk titrawwem il-kompetittività tal-EDTIB [kif ukoll, fejn rilevanti, tad-DTIB tal-Ukrajna], b'mod partikolari:
    - (i) l-appoġġ għall-istabbiliment, il-ġestjoni u l-manutenzjoni ta' riżervi tal-prontezza industrijali tad-difiża, kif ukoll il-kontinwazzjoni ta' tali riżervi stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2025/2643;
    - (ii) l-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' katalogu uniku u ċentralizzat ("Katalogu Ewropew ta' Bejgħ Militari") ta' prodotti tad-difiża żviluppati mill-EDTIB; [u d-DTIB tal-Ukrajna].

- (b) l-appoġġ għall-istabbiliment u l-funzjonament tal-Istrutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti, stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) 2025/2643;
  - (c) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi relatati mal-akkwist pubbliku ta' prodotti tad-difiża u miżuri li jikkontribwixxu għall-faċilitazzjoni tal-proċeduri għall-akkwist komuni ta' prodotti tad-difiża.
3. L-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u s-SEAPs li jistabbilixxu riżerva tal-prontezza industrijali tad-difiża għandhom jagħtu lill-Istati Membri kollha, lill-pajjiżi assoċjati u lill-Ukrajna opzjoni immedjata u preferenzjali ta' xiri, użu jew lokazzjoni għall-prodotti tad-difiża li jagħmlu parti minn dik ir-riżerva. Għall-fini tal-Istati Membri, jew, meta jkun applikabbli, tal-pajjiżi assoċjati li jixtru mir-riżerva tal-prontezza industrijali tad-difiża stabbilita, ġestita u miżmuma minn SEAP, l-akkwist għandu jitqies bħala kuntratt mogħti minn gvern lil gvern ieħor kif imsemmi fl-Artikolu 13, il-punt (f), tad-Direttiva 2009/81/KE.
4. Il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-EDA, għandha żżomm aġġornat il-Katalogu Ewropew ta' Bejgħ Militari msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a)(ii), kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2025/2643. L-Istati Membri [, l-Ukrajna] u l-operaturi ekonomiċi għandhom jiġu mistiedna jippopolaw dak il-katalogu fuq bażi volontarja, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli.

**Akkwist, Manutenzjoni u Disponibbiltà Komuni fil-Qasam tad-Difiża**

1. L-attivitajiet li jappoġġaw akkwist, manutenzjoni u disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża jistgħu jkopru b'mod partikolari l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fl-oqsma li ġejjin:
  - (a) fiċ-ċertifikazzjoni konġunta tal-prodotti tad-difiża;
  - (b) fl-iżvilupp ta' rekwiżiti komuni għall-prodotti tad-difiża;
  - (c) fl-akkwist ta' prodotti tad-difiża;
  - (d) fil-manutenzjoni tal-prodotti tad-difiża;
  - (e) fil-ġestjoni dinamika tad-disponibbiltà tal-prodotti tad-difiża.

L-attivitajiet li jappoġġaw akkwist, manutenzjoni u disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-frammentazzjoni u jtejbu l-interoperabbiltà, biex b'hekk jiksbu ekonomiji ta' skala, jiżguraw aċċess aktar rapidu għat-tagħmir meħtieġ, u jsaħħu l-prontezza industrijali fil-qasam tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

- 1a. L-entitajiet ġuridiċi li ġejjin biss għandhom ikunu eliġibbli għal azzjonijiet relatati ma' akkwist, manutenzjoni u disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża:
  - (a) l-awtoritajiet kontraenti tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi assoċjati;
  - (b) l-organizzazzjonijiet internazzjonali;
  - (c) is-SEAPs;
  - (d) l-EDA.

2. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jwettqu azzjoni relatata ma' akkwist, manutenzjoni u disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandhom jaħtru, b'unanimità, entità ġuridika eliġibbli bħala aġent biex taġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dik l-azzjoni. L-aġent għandu, b'mod partikolari, iwettaq il-proċeduri ta' akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw mal-kuntratturi f'isem il-pajjiżi parteċipanti. L-aġent jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju. L-aġent jista' jimmaniġġa u jikkombina fondi mill-Fond u fondi mill-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi assoċjati.
3. L-aġent għandu japplika kriterji ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Artikolu 51 għall-proċeduri ta' akkwist u l-kuntratti tiegħu konklużi mal-kuntratturi, u jirrikjedi li dawk il-kriterji jiġu applikati għas-sottokuntratturi.
4. L-aġent għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-garanziji msemmija fl-Artikolu 51(3). Aktar informazzjoni dwar dawk il-garanziji u l-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 83(1), il-punt e, bi kwalunkwe notifika pprovduta f'konformità ma' dan il-paragrafu.
  - 4a. Meta l-Unjoni tappoġġa akkwist komuni fil-qasam tad-difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti għandhom jagħmlu disponibbli, fuq talba, sett rilevanti ta' informazzjoni relatata mal-akkwist, bħall-karatteristiċi ewlenin, il-prestazzjonijiet, il-kostijiet unitarji u l-ħinijiet tal-konsenja, għal Stati Membri u pajjiżi assoċjati oħra biex ikunu jistgħu jissieħbu fl-akkwist komuni fil-qasam tad-difiża fi stadju aktar tard b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli.
  - 4b. L-informazzjoni relatata mal-akkwist imsemmija fil-paragrafu 4a tista' tiġi żvelata mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi assoċjati rikjedenti lil entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati, li jaġixxu f'isimhom, biss għall-finijiet li jippermettu l-parteeċipazzjoni fl-akkwist komuni fil-qasam tad-difiża u dment li tali informazzjoni tkun protetta b'mod xieraq.

5. Kwalunkwe kuntratt li jirriżulta minn azzjoni relatata ma' akkwist, manutenzjoni u disponibbiltà komuni fil-qasam tad-difiża għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar ix-xiri ta' kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għal Stati Membri oħra, pajjiżi assoċjati jew l-Ukrajna.
6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "aġent" tfisser awtorità kontraenti kif iddefinita fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tad-Direttiva 2014/24/UE<sup>49</sup> u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE<sup>50</sup> stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat, l-EDA, SEAP stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) 2025/2643 jew organizzazzjoni internazzjonali u li hija ddeżinjata mill-Istati Membri, mill-pajjiżi assoċjati jew mill-Ukrajna biex tagħmel akkwist komuni fil-qasam tad-difiża fisimhom.

#### *Artikolu 49*

#### **Appoġġ għat-trasport militari<sup>51</sup>**

1. L-attivitajiet li jappoġġaw it-trasport militari fl-Unjoni jistgħu jkopru:
  - (a) l-appoġġ għall-akkwist, mill-Istati Membri, ta' kapaċitajiet tat-trasport u l-loġistika b'użu doppju;
  - (b) il-forniment, permezz ta' kuntratti ta' servizz ma' operatori kummerċjali, ta' kapaċitajiet tat-trasport u l-loġistika b'użu doppju;
  - (ba) l-appoġġ għall-istabbiliment u l-operat tar-Riżerva ta' Solidarjetà, inkluż il-pjattaformi diġitali tagħha;

---

<sup>49</sup> Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj>

<sup>50</sup> Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/25/oj>

<sup>51</sup> Dan l-Artikolu u d-dispożizzjonijiet relatati ser ikollhom jiġu allinjati mal-eżitu tan-negozjati dwar ir-Regolament dwar it-Trasport Militari.

- (c) l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi militari relatati mat-trasport, inkluż il-permessi tat-trasport militari u l-proċeduri u l-formalitajiet doganali;
- (d) it-tiżni, il-modernizzazzjoni, l-espansjoni u l-adattament mill-ġdid tal-kapaċitajiet industrijali għall-produzzjoni u l-manutenzjoni ta' kapaċitajiet tat-trasport u l-loġistika b'użu doppju li jikkontribwixxu direttament għat-trasport militari fl-Unjoni u jtejbuh;
- (e) it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal biex tittejjeb id-disponibbiltà ta' persunal bil-ħiliet għall-immaniġġar u t-trasport siguri ta' prodotti, komponenti u provvisti tad-difiża, b'mod partikolari għall-moviment sikur u effiċjenti ta' oġġetti ta' daqs eċċessiv, ta' piż żejjed u perikolużi;
- (f) it-titjib tal-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura b'użu doppju li hija strateġika għat-trasport militari, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħżin tal-fjuwil u s-sistemi ta' akkumpanjament;
- (g) azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-atti legali u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, l-istudji, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod u infrastrutturi, inkluż l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.

2. L-attivitajiet li jappoġġaw it-trasport militari fl-Unjoni għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar it-Trasport Militari] u f'komplementarjetà mar-Regolament (UE) [XXX] [FNE].

*Artikolu 49a*

**L-appoġġ għal attivitajiet innovattivi u skalabbli għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tad-difiża (Skema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża)**

1. L-appoġġ għal attivitajiet innovattivi u skalabbli għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tad-difiża, inkluż appoġġ għal teknoloġiji rivoluzzjonarji u għal entitajiet uniċi (pereżempju parteċipanti ġodda, start-ups innovattivi, SMEs u scale-ups), jista' jkopri, b'mod partikolari:
  - (a) eventi ta' tlaqqiġ, aċċellerazzjoni tan-negozju u kkwocjar għall-innovaturi;
  - (b) mekkaniżmi ta' finanzjament aġli;
  - (c) sfidi u hackathons;
  - (d) appoġġ għall-akkwist innovattiv u għall-aġġornament iterattiv tal-mudelli ta' akkwist għal sistemi li qed jevolvu malajr;
  - (e) kwalunkwe azzjoni oħra għal ċikli iqsar ta' innovazzjoni u l-integrazzjoni, il-validazzjoni, l-esperimentazzjoni u l-adozzjoni mis-suq ta' prodotti tad-difiża; u
  - (f) appoġġ għal azzjonijiet li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-attivitajiet skont dan il-paragrafu.
  
2. L-appoġġ għall-attivitajiet innovattivi u skalabbli għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tad-difiża jista' jingħata permezz tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 45 sa 49 jew flimkien magħhom.

*Artikolu 50*

**(Regoli komplementari dwar l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi)**

(...)

**Kriterji ta' eliġibbiltà komplementari**

1. Minbarra li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà previsti fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni taħt din it-Taqsima għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 sa 15a ta' dan l-Artikolu.
2. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni taħt din it-Taqsima għandhom ikunu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi manġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat.
- 2a. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni taħt din it-Taqsima ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat.
3. B'deroga mill-paragrafu 2a, entità ġuridika stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u kkontrollata minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għandha tkun eliġibbli li tkun riċevitur ta' finanzjament tal-Unjoni taħt din it-Taqsima jekk il-garanziji approvati f'konformità mal-proċeduri nazzjonali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita, bħal miżuri adegwati skont l-iskrinjar, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2019/452<sup>52</sup>, isiru disponibbli għall-Kummissjoni. Skont in-natura tal-attivitajiet, il-programm ta' ħidma jista' jipprevedi li dik id-deroga ma għandhiex tapplika għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 49a.

---

<sup>52</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/452/oj>).

Dawk il-garanziji għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involvement f'azzjoni ta' entità ġuridika ma jmurx kontra l-interessi ta' sigurtà u difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri kif stabbiliti fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V TUE.

Dawk il-garanziji għandhom b'mod partikolari jissostanzjaw li, għall-finijiet ta' azzjoni, hemm fis-seħħ miżuri biex jiġi żgurat li:

- (a) il-kontroll fuq l-entità ġuridika ma jiġix eżerċitat b'mod li jillimita jew jirrestrinġi l-abbiltà tagħha li twettaq l-azzjoni u tikseb riżultati, li jimponi restrizzjonijiet b'rabta mal-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi, ir-riżorsi, il-propjetà intellettuali jew l-għarfien espert tagħha meħtieġa għall-finijiet tal-azzjoni, jew li jimmina l-kapaċitajiet u l-istandards tagħha meħtieġa għat-twettiq tal-azzjoni;
- (b) l-aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għal kwalunkwe informazzjoni klassifikata jew informazzjoni mhux klassifikata protetta minn obbligu ta' segretezza professjonali u aċċessibbli fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif li tkun relatata mal-azzjoni jiġi evitat;
- (ba) l-impjegati jew persuni oħra involuti fl-azzjoni jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat Membru jew minn pajjiż assoċjat, fejn din tkun meħtieġa;
- (c) is-sjieda tal-propjetà intellettuali li tkun ġejja mill-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punti (b) u (ea), u r-riżultati tagħhom, jibqgħu għand ir-riċevitur matul l-azzjoni u wara li din ttlesta, ma jkunux soġġetti għal kontroll jew restrizzjoni minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat, u la jiġu esportati barra mill-Unjoni jew barra minn pajjiżi assoċjati u lanqas ma jkunu aċċessibbli minn barra l-Unjoni jew minn barra l-pajjiżi assoċjati mingħajr l-approvazzjoni tal-Istat Membru jew il-pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita l-entità ġuridika u f'konformità mal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3.

Jekk jitqies xieraq mill-Istat Membru jew mill-pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita l-entità ġuridika, jistgħu jiġu pprovduti garanziji addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 83(1), il-punt (e), bi kwalunkwe entità ġuridika li titqies eliġibbli biex tkun riċevitur ta' finanzjament tal-Unjoni f'konformità ma' dan il-paragrafu.

- 3a. Il-paragrafi 2a u 3 ma għandhomx japplikawx għal:
- (a) l-awtoritajiet kontraenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati;
  - (b) l-organizzazzjonijiet internazzjonali;
  - (c) is-SEAPs;
  - (d) l-EDA.
8. Minbarra f'ċerti ċirkostanzi eċċezzjonali debitament sostanzjati, meta r-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni ma jkollhomx alternattivi faċilment disponibbli, l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tar-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni involuti f'azzjoni li jintużaw għall-finijiet ta' dik l-azzjoni għandhom jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat għad-durata kollha tal-azzjoni.
9. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (b), (e) u (ea), il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 sa 8 għandhom japplikaw għas-sottokuntratturi involuti fl-azzjoni. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, "sottokuntratturi involuti f'azzjoni" tirreferi għal sottokuntratturi b'relazżjoni kuntrattwali diretta ma' riċevitur, sottokuntratturi oħra li għalihom huwa allokat mill-inqas 10 % tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-azzjoni, u sottokuntratturi li jistgħu jeħtieġu aċċess għal informazzjoni klassifikata sabiex iwettqu l-azzjoni. Is-sottokuntratturi involuti f'azzjoni mhumiex membri tal-konsorzju.

10. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (d), il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 sa 8 għandhom japplikaw għas-sottokuntratturi involuti fl-azzjoni jew fl-akkwist komuni. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, "sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni" tfisser entitajiet ġuridiċi li jipprovdu kontributi kritiċi li fihom attributi uniċi essenzjali għall-funzjonament ta' prodott, li jkunu allokati mill-inqas 15 % tal-valur tal-kuntratt, u li jeħtieġu aċċess għal informazzjoni klassifikata għat-twettiq tal-kuntratt.
11. Ir-riżultati tal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (b) u (ea), kif ukoll il-prodotti jew it-teknoloġiji li jirriżultaw minn dawn l-azzjonijiet, ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi kontroll jew restrizzjoni minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat, direttament, jew indirettament permezz ta' entità ġuridika intermedja waħda jew aktar, inkluż f'termini ta' trasferiment ta' teknoloġija.
12. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (c) u (d), il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni u mill-pajjiżi assoċjati ma għandux ikun ogħla minn 35 % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott finali jew tal-prodott li ż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tiegħu tkun appoġġata minn finanzjament tal-Unjoni. L-ebda komponent ma għandu jiġi akkwistat minn pajjiżi terzi li jmorru kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.
13. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (c) u (d), ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni jew, fejn rilevanti, il-kuntratturi għandu jkollhom il-kapaċità li jiddeċiedu, mingħajr restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati, dwar id-definizzjoni, l-adattament u l-evoluzzjoni tad-disinn tal-prodott tad-difiża kkonċernat, inkluż l-awtorità legali li jissostitwixxu jew ineħħu komponenti li huma soġġetti għal restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati.

14. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (c) u (d), il-programm ta' ħidma jista' jipprevedi li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stipulati fil-paragrafi 12 u 13 ta' dan l-Artikolu jiġu vvalutati sa mhux aktar tard minn tmiem l-azzjoni.
15. Ħlief għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punti (c) u (ea), l-Artikolu 46, il-paragrafu 1, il-punt (c), u l-Artikolu 47a, il-paragrafu 1, il-punt (a)(ii), l-appoġġ tal-Unjoni għandu jingħata biss għal azzjonijiet imwettqa minn entitajiet ġuridiċi li jikkooperaw f'konsorzju ta' mill-inqas tliet entitajiet ġuridiċi eliġibbli li jkunu stabbiliti f'mill-inqas tliet Stati Membri jew pajjiżi assoċjati differenti. Mill-inqas tlieta minn dawk l-entitajiet ġuridiċi eliġibbli stabbiliti f'mill-inqas żewġ Stati Membri differenti jew pajjiżi assoċjati ma għandhomx, matul il-perjodu kollu li matulu titwettagħ l-azzjoni, ikunu kkontrollati, direttament jew indirettament, mill-istess entità ġuridika u ma għandhomx jikkontrollaw lil xulxin.
- 15a. Ħlief għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (b) u (ea), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata wkoll għal azzjonijiet imwettqa minn SEAP stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) 2025/2643.
18. Minkejja l-Artikolu 201 tar-Regolament Finanzjarju, għandha tiġi vverifikata biss il-kapaċità finanzjarja ta' koordinatur.
19. F'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament Finanzjarju, il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jiġi assistit minn esperti esterni indipendenti li jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà personali valida, jekk ikun meħtieġ mill-programm ta' ħidma. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 242 tar-Regolament Finanzjarju, il-lista ta' esperti indipendenti ma għandhiex issir pubblika.

- 19a. L-azzjonijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament:
- (a) Azzjonijiet għall-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji li l-użu, l-iżvilupp jew il-produzzjoni tagħhom hu pprojbit mid-dritt internazzjonali applikabbli;
  - (b) Azzjonijiet relatati ma' sistemi awtonomi letali li joperaw barra minn katina responsabbli ta' kmand u kontroll mill-bniedem jew li ma jistgħux jintużaw f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali;
  - (c) Azzjonijiet relatati ma' munizzjonijiet dispersivi.

*Artikolu 52*

**Rati ta' finanzjament**

1. [Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (a), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.
2. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (b), li jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.
3. Għal azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (b), li jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet ta' difiża, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 50 % tal-kostijiet eliġibbli jew, għall-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp, sa 50 % tal-valur stmat tal-kuntratt.
4. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (c), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 50 % tal-kostijiet eliġibbli.
5. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (d), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 25 % tal-valur stmat tal-akkwist komuni.

6. Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (e), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri:
- (a) fejn l-azzjoni tappoġġa akkwist imwettaq mill-Istati Membri sa 25 % tal-valur stmat tal-akkwist;
  - (b) fejn l-azzjonijiet għandhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri jaċċessaw riżorsi tat-trasport u tal-loġistika, sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.
7. Sabiex titqies kif xieraq is-sitwazzjoni partikolari tas-Sieħeb Strateġiku kkonċernat, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (ea).]
8. B'deroga mill-Artikolu 184(6) tar-Regolament Finanzjarju, għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (b), l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jawtorizza jew jimponi, fil-forma ta' rati fissi, finanzjament tal-kostijiet indiretti tal-benefiċjarju sa massimu ta' 25 % tal-kostijiet diretti eliġibbli totali tal-azzjoni, esklużi l-kostijiet eliġibbli diretti għas-sottokuntrattar, l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi u kwalunkwe kost unitarju jew somma f'daqqa li tinkludi l-kostijiet indiretti.

### *Artikolu 53*

#### **Kriterji għall-aġġudikazzjoni**

1. Il-proposti għal azzjonijiet taħt din it-Taqsima għandhom jikkontribwixxu għall-prontezza tad-difiża fl-Unjoni kollha u għandhom jiġu vvalutati f'konformità mal-kriterji għall-aġġudikazzjoni li għandhom jiġu stipulati fil-programm ta' ħidma:
- (a) il-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-azzjoni.

- (b) l-objettivi, il-prijoritajiet u r-riżultati mistennija stabbiliti għall-azzjoni rilevanti, b'mod partikolari permezz tal-evalwazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin, skont ukoll in-natura tal-azzjoni u fuq bażi ta' sejħa b'sejħa: (i) il-kontribut għall-eċċellenza fis-settur tad-difiża, (ii) il-potenzjal tal-innovazzjoni, (iii) il-kooperazzjoni transfruntiera, (iiia) il-kooperazzjoni mal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li jgħibu valur miżjud sostanzjali għall-azzjoni, (iv) il-kompetittività, (v) iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni u d-disponibbiltà, (vi) it-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-produzzjoni u għall-konsenja, (vii) iż-żieda fl-interoperabbiltà, (viii) iż-żieda fl-interkambjabbiltà (ix) ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni kollha b'reazzjoni għar-riskji identifikati, inkluż b'mod partikolari l-esponiment għoli għar-riskju ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali, u (x) il-kosteffiċjenza u l-effettività.

#### *Artikolu 53a*

#### **Proċedura tal-għażla u ta' aġġudikazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tagħti l-finanzjament taħt din it-Taqsima permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Ħlief għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punti (a) u (d), dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 3.

#### *Artikolu 54*

#### **Drittijiet ta' aċċess u sjieda tar-riżultati**

1. Meta l-appoġġ tal-Unjoni skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b), jiġi pprovdut fil-forma ta' għotja, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll l-awtoritajiet tal-għoti għandhom igawdu, fuq talba, drittijiet ta' aċċess mingħajr royalties għar-riżultati għall-fini debitament sostanzjata tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki jew programmi eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza tagħha għal finijiet mhux kummerċjali.

- 1a. Meta l-appoġġ tal-Unjoni skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b), jiġi pprovdut fil-forma ta' akkwist prekummerċjali, l-awtorità kontraenti għandu jkollha d-dritt li tagħti, jew li tirrikjedi lir-riċevituri jagħtu, liċenzji mhux esklużivi lil partijiet terzi biex jisfruttaw ir-riżultati b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu stipulati fir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet interessati mingħajr ebda dritt ta' sottoliċenzjar sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-ftehim ta' għotja.
2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar il-kontroll tal-esportazzjoni taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati:
- (a) l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati għandhom igawdu mid-drittijiet ta' aċċess għar-rapporti speċjali ta' attivitajiet iffinanzjati skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b). Dawn id-drittijiet ta' aċċess għandhom jingħataw fuq bażi ta' mingħajr royalties u jiġu ttrasferiti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati, wara li l-Kummissjoni tkun żgurata li hemm obbligi xierqa ta' kunfidenzjalità fis-seħħ;
- (b) l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati għandhom jużaw ir-rapport speċjali imsemmi fil-punt (a) biss għal finijiet relatati mal-użu mill-forzi armati jew il-forzi tas-sigurtà jew tal-intelligence tagħhom, jew għalihom, inkluż fil-qafas tal-programmi koperattivi tagħhom. Tali użu għandu jinkludi l-istudju, l-evalwazzjoni, il-valutazzjoni, ir-riċerka, id-disinn, u l-aċċettazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, it-tħaddim, it-taħriġ u r-rimi, kif ukoll il-valutazzjoni u l-abbozzar ta' rekwiżiti tekniċi għall-akkwist;

- (c) meta żewġ Stati Membri jew pajjiżi assoċjati jew aktar, b'mod multilaterali jew fil-qafas tal-Unjoni, ikunu kkonkludew b'mod konġunt kuntratt wieħed jew aktar ma' riċevitur wieħed jew aktar biex ikomplu jiżviluppaw flimkien ir-riżultati tal-attivitajiet appoġġati skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b), huma għandhom igawdu drittijiet ta' aċċess għal dawk ir-riżultati sa fejn ikunu proprjetà ta' tali riċevituri u jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt jew kuntratti. Tali drittijiet ta' aċċess għandhom jingħataw fuq bażi ta' mingħajr royalties u taħt kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jiġi żgurat li dawk id-drittijiet jintużaw biss għall-fini tal-kuntratt jew il-kuntratti u li jiġu stabbiliti obbligi ta' kunfidenzjalità xierqa;
- (d) għal azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b), id-drittijiet ta' aċċess għar-riżultati tal-azzjonijiet ta' żvilupp għandhom jingħataw lill-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu miftiehma mar-riċevituri li jiġġeneraw dawk ir-riżultati. It-termini u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet ta' aċċess għandhom jiġu stipulati fir-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-riċevituri u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkofinanzjaw l-azzjoni.
3. Mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika tagħhom dwar l-esportazzjoni ta' prodotti tad-difiża, kwalunkwe trasferiment tas-sjieda tar-riżultati, jew l-għoti ta' liċenzji esklużivi lil pajjiż terz mhux assoċjat jew lil entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għar-riżultati li ġew iġġenerati b'appoġġ skont l-Artikolu 44, il-paragrafu 1, il-punt (b), li jseħħ fi żmien tliet snin wara l-aħħar pagament tal-azzjoni għandu jkun soġġett għal notifika minn qabel lill-Kummissjoni u approvazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru jew tal-pajjiż assoċjat, b'kundizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni. Fejn tali trasferiment ta' sjieda jmur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew kontra l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3, l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni pprovdut skont dan ir-Regolament għandu jiġi rimborżat.

**Regoli komplementari dwar informazzjoni klassifikata**

5. Il-qafas tas-sigurtà biex tiġi żgurata l-protezzjoni xierqa tal-informazzjoni ġġenerata klassifikata ġġenerata fit-twettiq ta' attivitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 44(1) għandu jiġi stabbilit f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444, f'kooperazzjoni mal-esperti tas-sigurtà maħtura mill-Istati Membri u mill-pajjiżi assoċjati li fit-territorju tagħhom ikunu stabbiliti l-benefiċjarji.

5a. L-Istati Membri li fit-territorju tagħhom huma stabbiliti l-benefiċjarji jistgħu jiddeċiedu dwar qafas ta' sigurtà speċifiku, inkluż l-eżerċizzju tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-oriġinatur, għall-protezzjoni u t-trattament ta' informazzjoni ġġenerata klassifikata relatata mal-attivitajiet kif imsemmija fl-Artikolu 44(1) li huma kofinanzjati mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri jew minn operatori ekonomiċi li jipparteċipaw fl-attività. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar tali deċiżjoni.

Il-qafas ta' sigurtà speċifiku għandu jiżgura livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak mogħti mill-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea.<sup>53</sup>

5b. L-informazzjoni ġenerali klassifikata li jkollha marka ta' klassifikazzjoni nazzjonali jew marka ta' klassifikazzjoni ta' organizzazzjoni internazzjonali pprovduta lill-benefiċjarji jew is-sottokuntratturi jew skambjata bejniethom b'rabta mal-azzjoni għandha tiġi ttrattata u protetta f'konformità, rispettivament, mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli jew mar-regoli u r-regolamenti applikabbli għall-organizzazzjoni internazzjonali li bl-awtorità tagħha tkun ġiet iġġenerata l-informazzjoni ġenerali klassifikata, f'konformità mal-ftehimiet dwar l-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata li jkunu fis-seħħ u applikabbli.

---

<sup>53</sup> ĠU C 202, 8.7.2011, p. 13.

Fejn l-informazzjoni ġenerali li jkollha marka ta' klassifikazzjoni nazzjonali li tkun parti minn azzjoni speċifika tista' tinfluwenza l-kontenut ta' informazzjoni ġġenerata klassifikata bħala IKUE, għandu jiġi kkonsultat l-oriġinatur ta' tali informazzjoni ġenerali klassifikata u għandu jinkiseb il-kunsens tiegħu bil-miktub minn qabel.

- 5c. Il-qafas speċifiku ta' sigurtà msemmi fil-paragrafu 5a għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri li fit-territorju tagħhom ikunu stabbiliti l-benefiċjarji sa mhux aktar tard minn qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja. Għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kummissjoni jkollha aċċess għall-informazzjoni ġġenerata klassifikata meħtieġa għat-twettiq tal-attività kkonċernata.

### **TAQSIMA 3**

## **SISTEMI SPAZJALI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA DWAR L- ISPAZJU**

#### *Artikolu 57*

#### **Dispożizzjonijiet speċifiċi**

1. L-attivitajiet appoġġati taħt din it-Taqsima għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettiv ġenerali stipulat fl-Artikolu 3(1) u l-oġġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (d), il-punt (3).
2. L-appoġġ għall-attivitajiet taħt din it-taqsima għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit stipulat fl-Artikolu 4(2), il-punt (e), u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali magħmula disponibbli f'konformità mal-Artikolu 5.

## Komponenti

1. Is-sistemi spazjali u l-politika dwar l-ispazju għandhom jiġu implimentati permezz tal-komponenti li ġejjin:
  - (a) Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT), li jikkonsisti minn Galileo u s-subkomponenti tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS);
  - (b) L-Osservazzjoni tad-Dinja (EO), li tikkonsisti mis-subkomponenti Copernicus u s-Servizz Governattiv għall-Osservazzjoni tad-Dinja (EOGS);
  - (c) Konnettività Sigura, li tikkonsisti mis-subkomponent tal-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM, ) u s-subkomponent tal-Infrastruttura għar-Reżiljenza, l-Interkonnettività u s-Sigurtà bis-Satellita (IRIS<sup>2</sup>);
  - (d) Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA), li tikkonsisti mis-subkomponenti tas-Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju (SST), Avvenimenti tat-Temp Spazjali (SWE), u Oġġetti Qrib id-Dinja (NEO);
  - (e) Aċċess għall-ispazju;
  - (f) Il-kummerċjalizzazzjoni tal-ispazju u l-ekonomija spazjali;
  - (g) Is-sovranità teknoloġika, ir-riċerka u l-innovazzjoni għal attivitajiet fl-ispazju.
- 1a. Il-programmi ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-komponenti jew tas-subkomponenti taħt din it-Taqsima għandhom jintegraw l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni u l-baġit iddedikat tagħhom f'parti ddedikata speċifika. Dik il-parti ddedikata speċifika għandha tiżgura koerenza mal-attivitajiet tal-Kompetittività u s-Soċjetà appoġġati skont ir-Regolament (UE) [XXX][il-Programm Qafas Orizzont Ewropa] u għandha tqis ir-regoli speċifiċi previsti f'din it-Taqsima.

**Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT)**

1. Il-komponent Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (il-"komponent PNT", bis-subkomponenti Galileo u EGNOS) għandu jipprovdi servizzi ta' pożizzjonament, ta' navigazzjoni u ta' sinkronizzazzjoni fit-tul, tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, affidabbli u siguri, mingħajr interruzzjoni, fuq iż-żoni ta' servizz definiti tagħhom, inkluż f'kundizzjonijiet avversi, u jkun jista' jappoġġa l-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni.
  - 1a. "Galileo" hija sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSSe) awtonoma u ċivili taħt il-kontroll ċivili, li tikkonsisti minn kostellazzjoni ta' satelliti, ċentri u network globali ta' stazzjonijiet tal-art, li jipprovdu servizzi ta' pożizzjonament, ta' navigazzjoni u ta' sinkronizzazzjoni u li jqisu l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tas-sigurtà. EGNOS hija sistema ta' navigazzjoni bis-satellita ċivili u reġjonali taħt kontroll ċivili, li tikkonsisti minn ċentri u stazzjonijiet tal-art u diversi transponders installati fuq satelliti ġeosinkroniċi, li żżid u tikkoreġi s-sinjali miftuħa emessi mill-GNSS.
2. L-attivitajiet tal-komponent PNT għandhom jinkludu:
  - (a) il-ġestjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu u l-protezzjoni tal-infrastruttura u tas-servizzi spazjali u tal-art ipprovduti;
  - (b) l-evoluzzjoni tas-servizzi ta' PNT u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ġenerazzjonijiet futuri tas-sistemi eżistenti kif ukoll attivitajiet addizzjonali, inkluż satelliti fl-Orbita Dinjija Baxxa (LEO-PNT), filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti;
  - (c) l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jappoġġaw il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura ("riċerka u żvilupp upstream") u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet, teknoloġija tal-utent, inkluż għall-użu governattiv, standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni ("riċerka u żvilupp downstream");

(d) il-kooperazzjoni ma' sistemi reġjonali jew globali oħra ta' navigazzjoni bis-satellita, sabiex, fost l-oħrajn, jiġu ffaċilitati l-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà, u b'hekk jingħata kontribut għar-rwol tal-Unjoni bħala attur globali fis-settur spazjali, titħeġġeġ il-kooperazzjoni internazzjonali, u tiġi appoġġata d-diplomazija spazjali Ewropea.

3. Is-servizzi pprovduti mill-komponent PNT għandhom ikopru b'mod partikolari:

- (a) servizz miftuħ (OS) għall-użu mingħajr ħlas minn kwalunkwe utent;
- (b) servizz b'akuratezza għolja (HAS) għall-utenti li jeħtieġu prestazzjoni aħjar mill-OS;
- (c) servizzi ta' awtentikazzjoni inkluż l-awtentikazzjoni tal-messaġġi tan-navigazzjoni b'servizz miftuħ (OSNMA) ta' Galileo, is-servizz ta' awtentikazzjoni tas-sinjali ta' Galileo (SAS), u kapaċitajiet oħra ta' awtentikazzjoni b'servizz miftuħ (OS-RA);
- (d) servizz pubbliku regolat (PRS) ristrett għal utenti awtorizzati mill-gvern;
- (e) servizz satellitari ta' twissija ta' emerġenza f'diversi perikli (EWSS);
- (f) servizz ta' sikronizzazzjoni (TS);
- (g) volum tas-servizz spazjali (SSV) għall-użu mill-operaturi tal-assi spazjali;
- (h) servizzi globali awtonomi ġodda ta' tiftix u salvataġġ (SAR) b'valur miżjud, inkluż potenzjalment għal utenti governattivi awtorizzati, u servizzi globali tas-SAR li jikkontribwixxu għas-sistema internazzjonali Cospas-Sarsat, biex jiġu identifikati sinjali ta' diffikultà u jiġu integrati l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni tar-ritorn biex jappoġġaw l-operazzjoni ta' salvataġġ;
- (i) servizzi ta' sikurezza tal-ħajja (SoL) għall-utenti li għalihom is-sikurezza hija essenzjali, inkluż l-avjazzjoni ċivili, it-trasport marittimu u applikazzjonijiet oħra tat-trasport;
- (j) servizzi ta' tixrid tad-data (DDS);

- (k) servizz ta' twissija ta' interferenza tal-frekwenza tar-radju, aċċessibbli għall-utenti governattivi awtorizzati u għall-komunitajiet ta' utenti koperti bil-politiki ta' aċċess imsemmija fil-paragrafu 5, li jkopri s-servizzi kollha pprovduti mill-komponenti kollha msemmija fl-Artikolu 58(1), inkluż informazzjoni magħmula disponibbli mill-Istati Membri fuq bażi volontarja;
  - (l) kontribut għas-servizzi komplementari tal-PNT, inkluż terrestri, b'enfasi inizjali fuq servizzi ta' sinkronizzazzjoni komplementari, u, fejn xieraq, fuq servizzi oħra, li għandhom iżidu r-reżiljenza f'każ ta' tfixkil għas-servizzi pprovduti mill-komponent tal-PNT.
4. Is-servizzi msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu mingħajr ħlas għall-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-SEAE u, fejn xieraq, l-aġenziji tal-Unjoni awtorizzati kif xieraq. Politika tal-ipprezzar tista' tiġi applikata għal utenti oħra, fejn previst fil-politiki tal-ipprezzar imsemmija fil-paragrafu 5.
- 4b. Is-servizzi tas-subkomponent EGNOS għandhom jiġu pprovduti b'ħala prijorità fuq it-territorji li jinsabu ġeografikament fl-Ewropa tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi kollha li jipparteċipaw fis-subkomponent EGNOS.
5. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali relatati mas-servizzi pprovduti mill-komponent PNT, kif ukoll politiki ta' aċċess għas-servizzi msemmija fil-paragrafu 3, inkluż politiki tal-ipprezzar fejn applikabbli. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).

**Osservazzjoni tad-Dinja (EO)**

1. Il-komponent tal-Osservazzjoni tad-Dinja ("il-komponent tal-EO") għandu jikkonsisti minn Copernicus u mis-subkomponenti tal-EOGS.
  - 1a. Copernicus hija sistema ta' osservazzjoni tad-Dinja ċivili operazzjonali, awtonoma, immexxija mill-utenti u taħt kontroll ċivili, li tibni fuq il-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej eżistenti, ibbażata fuq infrastruttura spazjali u servizzi operazzjonali ddedikati. Hija għandha toffri data u servizzi ta' ġeoinformazzjoni bbażati fuq politika tad-data mingħajr ħlas, sħiħa u miftuħa soġġetta għal restrizzjonijiet, b'mod partikolari biex jiġu protetti l-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, f'konformità mal-paragrafu 6. Din għandha tkun ibbażata fuq l-infrastruttura spazjali u tal-art, inkluż il-faċilitajiet tal-ipproċessar tad-data u tal-informazzjoni u l-infrastruttura tad-distribuzzjoni.
2. Copernicus għandha tappoġġa l-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri b'mod partikolari fl-oqsma tal-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-baħar, is-settur marittimu, l-atmosfera, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-preservazzjoni tal-wirt kulturali, il-protezzjoni ċivili, il-monitoraġġ tal-infrastruttura, is-sikurezza u s-sigurtà, kif ukoll l-ekonomija diġitali taħt it-Tieqa ta' Tmexxija Diġitali, li għandha tkun allinjata mal-oġġettivi ta' Copernicus.
3. Copernicus għandha tippromwovi l-koordinazzjoni internazzjonali tas-sistemi ta' osservazzjoni tad-Dinja u l-iskambji relatati ta' data sabiex issaħħaħ id-dimensjoni globali u l-komplementarjetà tagħha filwaqt li tqis il-ftehimiet internazzjonali u l-proċessi ta' koordinazzjoni.
4. "Utenti ewlenin ta' Copernicus" huma l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-korpi pubbliċi Ewropej, nazzjonali jew reġjonali fl-Unjoni jew fil-pajjiżi terzi assoċjati inkarigati b'missjoni ta' servizz pubbliku għad-definizzjoni, l-implimentazzjoni, l-infurzar jew il-monitoraġġ tal-politiki pubbliċi ċivili, bħall-politiki ambjentali, tal-protezzjoni ċivili, tas-sikurezza, inkluż is-sikurezza tal-infrastruttura, jew tas-sigurtà, li jibbenefikaw mid-data ta' Copernicus u mill-informazzjoni ta' Copernicus u li għandhom ir-rwol addizzjonali li jixprunaw l-evoluzzjoni ta' Copernicus.

- 4a. Qed jiġi stabbilit Forum tal-Utenti ta' Copernicus biex jagħti pariri lil subkonfigurazzjoni ddedikata msemmija fl-Artikolu 83(1), il-punt (g), dwar il-ħtiġijiet tal-utenti ta' Copernicus, l-evoluzzjoni tas-servizzi u l-adozzjoni mill-utenti.
5. Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-evoluzzjoni tagħha u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti li qed jevolvu, b'mod partikolari l-utenti ewlenin ta' Copernicus, Copernicus għandha tkun komposta b'mod partikolari minn:
- (a) L-Infrastruttura ta' Copernicus, inkluż l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, u l-operazzjonijiet tas-satelliti Sentinel ta' Copernicus, il-missjonijiet Sentinel tal-ġenerazzjoni li jmiss u tal-espansjoni, l-aċċess għal data ta' osservazzjoni tad-dinja mill-ispazju ta' partijiet terzi u aċċess sostnut għal data fil-post u data anċillari oħra, inkluż data ta' referenza ġeospazjali pan-Ewropea armonizzata u kontribuzzjonijiet possibbli għal u minn networks internazzjonali fil-post;
  - (b) Servizzi ta' Copernicus, inkluż:
    - (i) servizzi ta' monitoraġġ, rapportar, verifika u assigurazzjoni tal-konformità ambjentali, mil-livell globali sa dak lokali, li jkopru l-monitoraġġ tal-atmosfera, il-monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar, il-monitoraġġ tal-art u tal-agrikoltura u l-monitoraġġ tat-tibdil fil-klima;
    - (ii) servizz ta' ġestjoni ta' emerġenzi li jappoġġa l-protezzjoni ċivili u l-operazzjonijiet ta' rispons fl-emerġenzi, u l-prevenzjoni tad-diżastri u l-preparatezza għalihom;
    - (iii) servizz ta' sigurtà biex jappoġġa s-sorveljanza fl-Unjoni u fil-fruntieri esterni tagħha, is-sorveljanza marittima u l-azzjoni esterna tal-Unjoni inkluż il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni;

- (c) L-aċċess u d-distribuzzjoni tad-data ta' Copernicus, inkluż infrastruttura u servizzi adegwati biex jiġu żgurati l-iskoperta, il-wiri, l-aċċess għal, it-traċċabbiltà, id-distribuzzjoni u l-isfruttament u l-preservazzjoni fit-tul tad-data ta' Copernicus u tal-informazzjoni ta' Copernicus, filwaqt li jiġi żgurat li l-pjattaformi tal-aċċess għad-data jkunu adattati għall-ħtiġijiet tal-utenti ewlenin ta' Copernicus, kif ukoll tal-istituzzjonijiet ta' riċerka, u tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, b'interfaċċi faċli għall-utent, b'mod partikolari f'sinerġija ma' inizjattivi oħra relatati mad-data, bħall-Ispazju tad-Data tal-Patt Ekoloġiku Ewropew jew it-Tewmin Diġitali;
- (ca) L-adozzjoni mill-utenti ta' Copernicus għall-utenti ewlenin ta' Copernicus, inkluż il-ġbir u l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-utenti ta' Copernicus u l-bini tal-kapaċitajiet permezz tas-Servizzi ta' Copernicus, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet orizzontali li jappoġġaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet fi ħdan l-Istati Membri, inkluż attivitajiet transfruntieri u bejn is-servizzi; l-iżvilupp tas-suq, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tad-data u s-servizzi ta' Copernicus, u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet downstream biex jiġu massimizzati l-benefiċċji soċjoekonomiċi.
- 5a. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali relatati mas-servizzi msemmija fil-paragrafu 5, il-punt (b). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).
6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 84 biex tissupplimenta l-politika tad-data u tal-informazzjoni ta' Copernicus fir-rigward tal-limitazzjonijiet tas-sigurtà kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-aċċess għad-data ta' Copernicus u għall-informazzjoni ta' Copernicus u għall-użu tagħhom.

7. L-EOGS għandu jkun sistema ta' osservazzjoni tad-dinja operazzjonali, awtonoma, immexxija mill-utenti u b'użu doppju taħt kontroll ċivili u governattiv li għandha tipprovdi għarfien imtejjeb tas-sitwazzjoni b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża. L-EOGS għandu jiġi żviluppat b'approċċ gradwali u inkrementali bbażat fuq il-ħtiġijiet tal-utenti ċivili-militari ta' livell għoli kif definiti fil-Ħtiġijiet tal-Utenti Ċivili-Militari ta' Livell Għoli għall-EOGS. Għandu jibni fuq il-kapaċitajiet eżistenti pprovduti permezz taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen) u jsaħħaħhom u għandu jinkludi mekkaniżmu ta' akkomunament u kondiviżjoni tal-kapaċitajiet ta' osservazzjoni tad-Dinja mill-Istati Membri u minn entitajiet privati stabbiliti fl-Unjoni soġġetti għall-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni msemmija fl-Artikolu 69, ikkomplementati minn satelliti ddedikati, infrastruttura tal-art, faċilitajiet tal-ipproċessar tad-data u tal-informazzjoni, u infrastruttura tad-distribuzzjoni, soġġett għal analiżi tal-lakuni. Dan għandu jipprovdi data, prodotti u informazzjoni ta' osservazzjoni tad-dinja sigura, affidabbli, f'waqtha, persistenti u mmirata bbażata fl-ispazju, filwaqt li jirrafforza l-kapaċitajiet eżistenti u ppjanati. L-EOGS jista' jipprovdi wkoll data komplementari għas-servizzi ta' Copernicus, b'mod partikolari għall-protezzjoni ċivili u s-sigurtà.
8. L-EOGS għandu b'mod partikolari jkun kompost minn:
- (a) l-infrastruttura tal-EOGS, iddisinjata għal servizzi lil utenti governattivi awtorizzati, li tinkludi:
    - (i) mekkaniżmu ta' akkomunament u kondiviżjoni tal-kapaċitajiet governattivi u kummerċjali permezz ta' saff ta' federazzjoni;
    - (ii) soġġett għal analiżi tad-diskrepanzi fil-kapaċitajiet u att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill adottat abbażi ta' dik l-analiżi, l-iżvilupp u l-operazzjonijiet sussegwenti ta' missjonijiet ġodda ta' osservazzjoni tad-dinja, inkluż l-infrastruttura tal-art u tal-ispazju, li għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77(3); u
    - (iii) l-aċċess għad-data fil-post u għal data anċillari oħra.

- (b) servizzi tal-EOGS għal utenti governattivi awtorizzati:
    - (i) attivitajiet għall-ġenerazzjoni, l-akkwist, il-produzzjoni ta' informazzjoni dwar immaġnijiet ġeospazjali u prodotti għal applikazzjonijiet ta' għarfien tas-sitwazzjoni fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża; u
    - (ii) il-ġestjoni, l-anonimizzazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tat-talbiet għas-servizzi.
  - (c) Data tal-EOGS: l-aċċess, il-koordinazzjoni u d-distribuzzjoni tad-data, inkluż l-infrastruttura u s-servizzi biex jiġu żgurati l-aċċess b'mod sigur għad-data u l-informazzjoni tal-EOGS, inkluż informazzjoni klassifikata, u d-distribuzzjoni, l-isfruttament u l-preservazzjoni fit-tul tagħhom.
- 8a. Id-deċiżjoni dwar l-iżvilupp u l-operazzjonijiet ta' missjonijiet ġodda ta' osservazzjoni tad-Dinja u l-infrastruttura relatata msemmija fil-paragrafu 8 (a) (ii) ta' dan l-Artikolu għandha tittieħed mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.
9. Filwaqt li tqis il-ħtiġijiet tal-utenti ċivili-militari ta' livell għoli msemmija fil-paragrafu 7, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali relatati mal-Infrastruttura tal-EOGS imsemmija fil-paragrafu 8, il-punt (a), mingħajr preġudizzju għall-kompiti fdati lis-SatCen f'konformità mal-Artikolu 75(8a). Sa fejn dawn jista' jkollhom impatt fuq l-attivitajiet tas-SatCen, l-atti ta' implimentazzjoni għandhom iqisu l-kontribut tas-SatCen u tas-SEAE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).
- 9a. L-Istati Membri, il-Kunsill u s-SEAE għandhom ikunu parteċipanti tal-EOGS sa fejn dawn jawtorizzaw lill-utenti jew jipprovdu kapaċitajiet satellitari, siti tas-segment terrestri jew parti mill-faċilitajiet tas-segment terrestri, li għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77(3). Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fis-sigurtà u d-difiża nazzjonali, il-Kummissjoni tista' tkun ukoll parteċipant fl-EOGS.

- 9b. L-aġenziji tal-Unjoni ma jistgħux isiru parteċipanti tal-EOGS biss sa fejn ikun meħtieġ biex iwettqu l-kompiti tagħhom u f'konformità mar-regoli dettaljati stabbiliti f'arranġament amministrattiv konkluż bejn l-aġenzija kkonċernata u l-istituzzjoni tal-Unjoni li tissorveljaha.
- 9c. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 9b, l-aġenziji tal-Unjoni jista' jkollhom aċċess għal informazzjoni klassifikata dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(4a).
10. Il-parteċipanti msemmija fil-paragrafi 9a u 9b ta' dan l-Artikolu jistgħu jawtorizzaw lill-utenti tal-EOGS. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tingħata f'konformità mal-Artikolu 76. L-utenti awtorizzati għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77(3). L-EOGS għandu jiġi pprovdut lill-entitajiet li ġejjin mingħajr ħlas, dment li dawn ikunu ġew awtorizzati bħala utenti tal-EOGS:
- (a) awtorità jew korp pubbliku tal-Unjoni jew ta' Stat Membru fdati bl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża;
  - (b) persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi f'isem u taħt il-kontroll ta' awtorità jew korp pubbliku msemmi fil-punt (a).
- 10a. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jsiru parteċipanti tal-EOGS soġġett għal ftehim internazzjonali speċifiku konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE u skont l-Artikolu 11(4) ta' dan ir-Regolament.
13. L-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp għandhom jappoġġaw l-evoluzzjoni ta' Copernicus u EOGS, inkluż is-servizzi tagħhom, u riċerka u żvilupp downstream għall-applikazzjonijiet u t-teknoloġija tal-utenti għall-adozzjoni ta' servizzi ta' Osservazzjoni tad-Dinja.

**Konnettività Sigura**

1. Il-komponent tal-Konnettività Sigura għandu jikkonsisti minn:
  - (a) is-subkomponent GOVSATCOM, servizz ta' komunikazzjoni bis-satellita taħt kontroll ċivili u governattiv li jippermetti l-forniment ta' kapaċitajiet u servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita lill-utenti governattivi awtorizzati tal-Unjoni u tal-Istati Membri, permezz ta' mekkaniżmu ta' kondiviżjoni u akkomunament;
  - (b) is-subkomponent IRIS<sup>2</sup>, kostellazzjoni satellitari multiorbitali li tipprevedi konnettività sigura u reżiljenti madwar id-dinja għall-utenti governattivi awtorizzati, permezz taċ-Ċentru ta' GOVSATCOM.
- 1a. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, iċ-Ċentru ta' GOVSATCOM għandu jkun ċentru operazzjonali, bil-funzjoni ewlenija li jgħaqqad, b'mod sigur, lill-utenti governattivi awtorizzati mal-fornituri tal-kapaċità u s-servizzi, inkluż IRIS<sup>2</sup>, u b'hekk jottimizza l-provvista u d-domanda f'kull waqt partikolari.
- 1b. Il-komponent tal-Konnettività Sigura għandu jkollu l-għan li jipprovdi servizzi abbażi tal-ħtiġijiet tal-utenti, u għandu:
  - (-a) jiżgura d-disponibbiltà fuq terminu twil ta' servizzi ta' GOVSATCOM affidabbli, siguri u kosteffettivi għall-utenti governattivi awtorizzati;
  - (a) jiżgura l-forniment u d-disponibbiltà fit-tul ta' servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup> affidabbli, siguri u kosteffettivi, u l-aċċess mingħajr interruzzjoni għalihom, lill-utenti governattivi awtorizzati abbażi tal-infrastruttura governattiva;
  - (aa) jippermetti l-forniment tas-servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup> lil utenti governattivi awtorizzati abbażi tal-infrastruttura kummerċjali msemmija fil-paragrafu 3(a), il-punt (ii) permezz taċ-Ċentru ta' GOVSATCOM;

- (b) jippermetti l-forniment tas-servizzi kummerċjali ta' IRIS<sup>2</sup> taħt il-kuntratti msemija fil-paragrafu 17 abbażi tal-infrastruttura kummerċjali msemija fil-paragrafu 3(a), il-punt (ii);
- (c) permezz tas-subkomponent ta' IRIS<sup>2</sup>, jiżgura l-iżvilupp u l-forniment tas-servizzi ta' komunikazzjoni governattivi addizzjonali, inkluż dawk diretti għall-apparat, u jippermetti, fejn possibbli, servizzi kummerċjali oħra ta' komunikazzjoni jew mhux ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari billi jippromwovi attivitajiet u joħloq sinerġiji bejn il-komponenti msemija fl-Artikolu 58;
- (d) itejjeb il-konnettività sigura, inkluż fir-rigward ta' latenza baxxa, fuq żoni ġeografiċi ta' importanza strateġika bħall-Afrika u l-Artiku kif ukoll il-Baltiku, il-Baħar l-Iswed, ir-reġjuni tal-Mediterran u l-Atlantiku.

2. Is-subkomponenti GOVSATCOM u IRIS<sup>2</sup> għandhom jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

- (-a) l-akkwist ta' kapaċitajiet, servizzi, u tagħmir tal-utenti, governattivi u kummerċjali ta' komunikazzjoni bis-satellita meħtieġa għall-ġbir flimkien u l-kondiviżjoni u l-forniment tas-servizzi ta' GOVSATCOM, li għandhom jiġu forniti minn:
  - (i) il-parteciċipanti ta' GOVSATCOM kif imsemija fil-paragrafi 11, 12 u 13; jew
  - (ii) persuni ġuridiċi li jkunu għaddew minn proċess ta' akkreditazzjoni biex ifornu kapaċitajiet jew servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà msemija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) xx/xx\* [EUSPA], f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemija fl-Artikolu 77(3) ta' dan ir-Regolament.

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl 2026/0084(COD)

- (a) id-definizzjoni, id-disinn, l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati għall-infrastruttura spazjali u tal-art meħtieġa għall-forniment tas-servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup> u għall-infrastruttura tal-art meħtieġa għall-forniment tas-servizzi ta' GOVSATCAM;
- (b) attivitajiet ta' sfruttament li jipprovdu servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup>, li jinkludu t-tħaddim, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu u l-protezzjoni tal-infrastruttura spazjali u tal-art, inkluż il-ġestjoni tar-riforniment u tal-obsollexxa u l-monitoraġġ tas-sigurtà;
- (c) l-integrazzjoni, fis-sistema ta' IRIS<sup>2</sup>, tal-Infrastruttura Ewropea tal-Komunikazzjoni Kwantistika (EuroQCI), ladarba tkun operattiva u akkreditata f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) xx/xx\* [EUSPA] u b'koordinazzjoni mal-attivitajiet rilevanti skont il-Kapitolu VI ta' dan ir-Regolament li jippermettu tali integrazzjoni;
- (ea) attivitajiet ta' riċerka u żvilupp għall-ġenerazzjonijiet futuri tal-infrastruttura spazjali u tal-art, għall-evoluzzjoni tas-servizzi GOVSATCOM u tas-servizzi governattivi IRIS<sup>2</sup> li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-utenti, għall-iżvilupp teknoloġiku, sabiex tiġi żgurata s-sovranità teknoloġika tal-Unjoni u għall-adozzjoni tas-servizzi ta' konnettività sigura, inkluż attivitajiet marbuta mad-disinn, l-iżvilupp u l-manifattura ta' terminals tal-utenti;
- (eb) ix-xiri ta' servizzi lil utenti governattivi awtorizzati bbażati fuq l-infrastruttura kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet tas-suq, sabiex jiġi ggarantit il-forniment ta' dawk is-servizzi lil dawk l-utenti.

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl 2026/0084(COD)

3. L-infrastrutturi GOVSACOM u IRIS<sup>2</sup> għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:
- (-a) L-infrastruttura GOVSATCOM għandha tinkludi l-infrastruttura meħtieġa biex tippermetti l-forniment ta' servizzi GOVSATCOM, b'mod partikolari iċ-Ċentru ta' GOVSATCOM.
  - (a) L-infrastruttura ta' IRIS<sup>2</sup> għandha tkun modulari u tikkonsisti f'infrastruttura governattiva u f'infrastruttura kummerċjali, kif ġejj:
    - (i) l-infrastruttura governattiva ta' IRIS<sup>2</sup> għandha tinkludi s-segmenti tal-art rilevanti kollha, inkluż iċ-ċentri ta' kontroll u s-segmenti tal-ispazju rilevanti meħtieġa għall-forniment tas-servizzi governattivi. L-infrastruttura governattiva ta' IRIS<sup>2</sup> għandha tikkomplementa u tibni fuq is-subkomponent GOVSATCOM, speċjalment iċ-Ċentru ta' GOVSATCOM;
    - (ii) l-infrastruttura kummerċjali tal-IRIS<sup>2</sup> għandha tinkludi l-assi spazjali u tal-art kollha għajr dawk li huma parti mill-infrastruttura governattiva. L-infrastruttura kummerċjali ta' IRIS<sup>2</sup> ma għandhiex tfixkel il-prestazzjoni jew is-sigurtà tal-infrastruttura governattiva ta' IRIS<sup>2</sup>. Il-kuntratturi msemmija fil-paragrafu 15 għandhom jiffinanzjaw kompletament l-infrastruttura kummerċjali u għandhom iġorru kwalunkwe riskju relatat magħha;
  - (c) l-infrastruttura governattiva IRIS<sup>2</sup> tista' tospita subsistemi satellitari addizzjonali, b'mod partikolari l-payloads, li jistgħu jintużaw bħala parti mill-infrastruttura bbażata fl-ispazju tal-komponenti l-oħra msemmija fl-Artikolu 58, kif ukoll subsistemi satellitari użati għall-forniment ta' servizzi jew ta' kapaċitajiet mhux ta' komunikazzjoni lill-Istati Membri. L-infrastruttura governattiva ta' IRIS<sup>2</sup> tista' tinkludi interkonnessjonijiet ma' Stati Membri jew satelliti oħra ta' partijiet terzi, dment li dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77(3) u mar-rekwiżiti operazzjonali msemmija fil-paragrafu 7;

- (e) Is-segmenti terrestri u tal-ispazju msemija fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu u l-operazzjonijiet tagħhom għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemija fl-Artikolu 77(3).
4. Il-forniment ta' servizzi ta' Konnettività Sigura għandu jiġi żgurat f'konformità ma' portafoll tas-servizzi msemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu u mar-rekwiżiti operazzjonali msemija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu kif ukoll mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemija fl-Artikolu 77(3). Il-forniment tas-servizzi ta' GOVSATCOM u tas-servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup> għandu jsegwi wkoll ir-regoli dwar il-kondiviżjoni u l-prijoritizzazzjoni msemija fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu. Meta possibbli, għall-fini ta' kontinwità tas-servizz ta' IRIS<sup>2</sup>, il-mira tal-Istati Membri għandha tkun li jiżguraw il-koerenza u l-komplementarjetà tal-attivitajiet rilevanti tagħhom u l-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet tagħhom mal-attivitajiet taħt is-subkomponent ta' IRIS<sup>2</sup>.
5. L-aċċess għas-servizzi ta' GOVSATCOM u s-servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup> għandu jkun mingħajr ħlas għall-utenti istituzzjonali u governattivi awtorizzati sakemm il-Kummissjoni ma tiddefinix politika tal-ipprezzar f'konformità mal-paragrafu 9.
6. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-portafoll tas-servizzi għal:
- (a) is-servizzi GOVSATCOM fil-forma ta' lista ta' kategoriji ta' kapaċitajiet u ta' servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita u l-attributi tagħhom; u
- (b) is-servizzi governattivi IRIS<sup>2</sup> li jinkludu l-ispeċifikitajiet tekniċi għal kull kategorija ta' servizzi, inkluż servizzi lill-utenti governattivi awtorizzati bbażati fuq l-infrastruttura kummerċjali IRIS<sup>2</sup>. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 83(3).

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-reqwiziti operazzjonali tas-servizzi GOVSATCOM u s-servizzi governattivi IRIS<sup>2</sup>, b'mod partikolari sabiex tiffaċilita l-użu ta' dawk is-servizzi għall-immaniġġar ta' kriżijiet, għall-għarfien tas-sitwazzjoni u għall-ġestjoni ta' infrastruttura ewlenija, inkluż in-networks ta' komunikazzjoni diplomatika u ta' difiża. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).
8. Ir-regoli dwar il-kondiviżjoni u l-prijoritizzazzjoni tas-servizzi GOVSATCOM u tas-servizzi governattivi IRIS<sup>2</sup> għandhom jiprijoritizzaw lill-utenti skont ir-rilevanza u l-kruċjalità tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar:
- (a) il-kondiviżjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-kapaċitajiet, is-servizzi, u t-tagħmir tal-utenti ta' GOVSATCOM;
  - (b) il-forniment tas-servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup>.

Meta tfassal dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis id-domanda mistennija għall-każijiet ta' użu differenti, l-analiżi tar-riskji għas-sigurtà għal dawk il-każijiet ta' użu u, fejn xieraq, il-kosteffiċjenza u l-ħtiġijiet tal-ambjenti operattivi ta' utenti finali differenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).

9. Meta l-valutazzjoni tad-domanda mistennija mwettqa mill-parteċipanti ta' GOVSATCOM u ta' IRIS<sup>2</sup> u l-analiżi tar-riskji tas-suq imwettqa mill-Kummissjoni jikkonkludu li jkun hemm nuqqas ta' kapaċitajiet jew meta d-domanda taqbeż il-kapaċità ta' aċċess għas-servizzi ta' GOVSATCOM jew is-servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup>, li jista' jwassal għal distorsjoni tas-suq, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, politika tal-ipprezzar għal dawk is-servizzi. Meta tabbozza dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-forniment tas-servizzi ta' GOVSATCOM u tas-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup> ma jwassalx għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, li ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' dawk is-servizzi u li l-prezz identifikat ma jirriżultax f'kumpens żejjed għall-kuntratti msemmija fil-paragrafu 15. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).
11. L-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom ikunu parteċipanti ta' GOVSATCOM jew IRIS<sup>2</sup> inkwantu jawtorizzaw lill-utenti, f'konformità mal-Artikolu 76, jew jipprovdu kapaċitajiet ta' komunikazzjoni bis-satellita, siti tas-segment terrestri jew parti mill-faċilitajiet tas-segment terrestri.
12. L-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jsiru parteċipanti ta' GOVSATCOM jew IRIS<sup>2</sup> biss jekk ikun meħtieġ biex iwettqu l-kompiti tagħhom u f'konformità mar-regoli dettaljati stabbiliti f'arranġament amministrattiv konkluż bejn l-aġenzija kkonċernata u l-istituzzjoni tal-Unjoni li tissorveljaha.
- 12a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 12, l-aġenziji tal-Unjoni jista' jkollhom aċċess għall-IKUE dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(4a).
13. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jsiru parteċipanti ta' GOVSATCOM jew IRIS<sup>2</sup> soġġett għal ftehim internazzjonali speċifiku konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE u skont l-Artikolu 11(4) ta' dan ir-Regolament.

14. Il-parteċipanti msemmija fil-paragrafi 11, 12 u 13 ta' dan l-Artikolu għandhom jawtorizzaw lill-utenti tas-servizzi ta' GOVSATCOM u tas-servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup> f'konformità mal-Artikolu 76. L-utenti awtorizzati għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77(3). L-entitajiet li ġejjin jistgħu jiġu awtorizzati bħala utenti tas-servizzi ta' GOVSATCOM jew tas-servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup>:
- (a) awtorità pubblika jew korp tal-Unjoni jew ta' Stat Membru inkarigati bl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika;
  - (b) persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi f'isem u taħt il-kontroll ta' awtorità jew korp pubbliku msemmi fil-punt (a).
15. IRIS<sup>2</sup> hija implimentata, b'mod partikolari, permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni, li jipprevedi l-allokazzjoni tar-riskju bejn l-Unjoni u l-kuntratturi. Kuntratti oħra għall-implimentazzjoni ulterjuri ta' IRIS<sup>2</sup> jistgħu jieħdu l-forma ta' kuntratti ta' konċessjoni, forniment, servizz, jew kuntratti ta' xogħol. Jekk il-kuntratt ta' konċessjoni ta' IRIS<sup>2</sup> ifalli, il-Kummissjoni għandha tiżgura implimentazzjoni ottimali tal-oġettivi msemmija fil-paragrafu 1b, il-punti (a) u (d), billi takkwista, kif xieraq, kuntratt ta' forniment, servizz jew xogħlijiet jew kuntratt imħallat.
16. Jekk il-kuntratturi msemmija fil-paragrafu 15 ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-kontinwità tas-servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup>.

17. Il-kuntratti msemmija fil-paragrafu 15 għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-forniment ta' servizzi bbażati fuq l-infrastruttura kummerċjali ta' IRIS<sup>2</sup> jippreserva l-interessi essenzjali tal-Unjoni u l-oġettivi tas-subkomponent ta' IRIS<sup>2</sup>. Dawk il-kuntratti għandhom jipprevedu salvagwardji adegwati biex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed lill-kuntratturi msemmija fil-paragrafu 15, distorsjoni tal-kompetizzjoni, kunflitti ta' interess, diskriminazzjoni bla bżonn jew kwalunkwe vantaġġ indirett moħbi ieħor. Tali salvagwardji jistgħu jinkludu l-obbligu ta' separazzjoni tal-kontabbiltà bejn il-forniment ta' servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup> u l-forniment ta' servizzi kummerċjali ta' IRIS<sup>2</sup>, inkluż l-istabbiliment ta' entità strutturalment u legalment separata mill-operatur integrat vertikalment għall-forniment ta' servizzi governattivi, u l-forniment ta' aċċess miftuħ, ġust, raġonevoli u nondiskriminatorju għall-infrastruttura meħtieġa għall-forniment ta' servizzi kummerċjali. Dawk il-kuntratti għandhom jiżguraw ukoll li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà msemmija fl-Artikolu 69 ikunu sodisfatti għad-durata kollha tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tirrikjedi, permezz tal-kuntratti ta' konċessjoni msemmija fil-Artikolu 15, li start-ups, scale-ups, SMEs u kumpanija mid-cap żgħar minn madwar l-Unjoni jkunu jistgħu jipprovdu s-servizzi proprji tagħhom lill-utenti finali.
18. Meta s-servizzi governattivi u kummerċjali ta' IRIS<sup>2</sup> jiddependu minn subsistemi jew interfaċċi komuni biex jiżguraw sinerġiji, il-kuntratti msemmija fil-paragrafu 15 għandhom jiddeterminaw liema minn dawk is-subsistemi u l-interfaċċi komuni għandhom ikunu parti mill-infrastruttura governattiva sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri.
19. Il-kuntratturi msemmija fil-paragrafu 15 għandhom jiffinanzjaw l-infrastruttura kummerċjali kollha ta' IRIS<sup>2</sup> msemmija fil-paragrafu 3(a), il-punt (ii), sabiex jissodisfaw l-oġettiv imsemmi fil-paragrafu 1b, il-punt (b).

**Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju (SST)**

1. Is-Sorveljanza u l-Insegwiment fl-Ispazju (is-"subkomponent SST") tal-komponent SSA għandu jinkludu b'mod partikolari:
  - (a) l-istabbiliment, l-iżvilupp, l-użu u t-tħaddim ta' network ta' sensuri SST ibbażati fuq l-art u fl-ispazju tal-Istati Membri, bħal radars, lasers jew teleskopji, li għandhom jintgħażlu minn studji tal-arkitettura u valutazzjoni tal-prestazzjoni għas-sorveljanza u l-insegwiment, inkluż sensuri żviluppatti permezz tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), is-settur kummerċjali tal-Unjoni, u potenzjalment ta' sensuri tal-Unjoni bbażati fl-ispazju li għandhom l-għan li jispezzjonaw u jsegwu l-oġġetti spazjali u jipproduċu katalogu Ewropew awtonomu ta' oġġetti spazjali;
  - (b) l-ipproċessar u l-analiżi tad-data SST sabiex jiġu prodotti l-informazzjoni SST u s-servizzi SST imsemmija fil-paragrafi 5 u 6;
  - (c) il-forniment tas-servizzi SST imsemmija fil-paragrafu 5 lill-utenti tal-SST imsemmija fil-paragrafu 9, il-punti (a) u (b);
  - (d) it-tiftix, it-trawwim u l-appoġġ ta' sinerġiji ma' inizjattivi li jippromwovu l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji jew servizzi għar-rimi ta' vetturi spazjali fi tmiem il-ħajja operattiva u ta' sistemi jew servizzi teknoloġiċi għall-prevenzjoni ta' kolliżjonijiet ma' oġġetti spazjali u l-eliminazzjoni possibbli ta' residwi spazjali;
  - (da) il-forniment tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 6 lill-utenti governattivi tal-SST imsemmija fil-paragrafu 9, il-punt (c);

- (e) il-kooperazzjoni, inkluż permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, ma' inizjattivi internazzjonali fil-qasam tal-koordinazzjoni tat-traffiku fl-ispazju;
  - (f) l-attivitajiet meħtieġa għall-appoġġ tal-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju;
  - (fa) l-attivitajiet relatati mal-mitigazzjoni tar-residwi spazjali sabiex titnaqqas il-ġenerazzjoni tagħhom, ir-rimedju tar-residwi spazjali, il-monitoraġġ tal-illanċjar wara l-injezzjoni, is-servizzi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet, l-istabbiliment ta' suq għad-data, l-informazzjoni u s-servizzi SST, it-tnejjija tas-sistema SST għall-operazzjonijiet ċislunari, l-appoġġ għall-Operazzjonijiet u s-Servizzi fl-Ispazju (ISOS), u l-inizjattivi għal sema mudlam u kwiet;
  - (g) attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jappoġġaw l-evoluzzjoni tas-subkomponent SST, inkluż is-servizzi u l-ipproċessar tad-data tiegħu kif ukoll il-kapaċitajiet kummerċjali tiegħu.
3. Is-Sħubija SST mibdija bir-Regolament (UE) 2021/696 għandha tibqa' fis-seħħ skont dan ir-Regolament u għandha tappoġġa l-evoluzzjoni ta' attivitajiet ibbażati fuq il-ħtiġijiet tal-utenti, inkluż mekkaniżmi trasparenti għall-evalwazzjoni u l-integrazzjoni tal-kapaċitajiet kummerċjali tal-SST, u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (fa) u (g) tal-paragrafu 1, inkluż permezz tal-forniment ta' appoġġ tekniku u amministrattiv, għarfien espert, studji, jew attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni rilevanti. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'dik is-Sħubija, dwar il-qafas organizzazzjonali ta' dik il-parteċipazzjoni u dwar l-inklużjoni fi stadju aktar tard ta' Stat Membru addizzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).
4. Sabiex issaħħaħ il-kontribut għall-implimentazzjoni tal-SST, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 84 sabiex tissupplimenta l-paragrafu 3 bil-lista dettaljata tal-kompiti li għandhom jitwettqu mis-Sħubija SST imsemmija fil-paragrafu 3.

5. Is-servizzi SST imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c), għandhom ikunu mingħajr ħlas, disponibbli mingħajr interruzzjoni u adattati għall-ħtiġijiet tal-utenti SST imsemmija fil-paragrafu 9 u għandhom jinkludu:
- (a) il-valutazzjoni tar-riskji ta' kolliżjoni bejn inġenji spazjali jew bejn inġenji spazjali u residwi spazjali u, fejn meħtieġ, il-ġenerazzjoni ta' twissijiet biex jiġu evitati kolliżjonijiet u ta' rakkomandazzjonijiet ta' manuvra waqt il-fażi tal-illanċjar u tat-tqegħid inizjali fl-orbita tal-missjonijiet tal-inġenji spazjali, iż-żieda fl-elevazzjoni tal-orbita tagħhom, l-operazzjonijiet fl-orbita u l-fażijiet tad-disponiment tagħhom;
  - (b) id-detezzjoni u l-karatterizzazzjoni ta' tifrik, tkissir jew kolliżjonijiet fl-orbita;
  - (c) il-valutazzjoni tar-riskji tad-dħul mill-ġdid mhux ikkontrollat ta' oġġetti spazjali, inkluż residwi spazjali, fl-atmosfera tad-dinja u l-ġenerazzjoni ta' informazzjoni relatata, inkluż l-istima tal-perjodu ta' żmien għal impatt eventwali u fejn x'aktarx iseħħ.
6. Is-servizzi SST għall-utenti governattivi awtorizzati tal-SST imsemmija fil-paragrafu 9, il-punt (c) għandu jkun mingħajr ħlas, disponibbli mingħajr interruzzjoni u adattat għall-ħtiġijiet tagħhom u jista' jinkludi l-korrelazzjoni, il-filtraġġ u l-ħżin tad-data SST kollha ġejja min-network ta' sensuri msemija fil-paragrafu 1, il-punt (a), u d-disseminazzjoni tad-data SST lil utenti governattivi awtorizzati tal-SST, abbażi tal-katalgu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a).
9. L-utenti tal-SST għandhom jinkludu:
- (a) l-utenti ewlenin tal-SST, li għandu jkollhom aċċess għas-servizzi SST kollha msemija fil-paragrafu 5: l-Istati Membri, is-SEAE, il-Kummissjoni, l-Aġenzija kif ukoll is-sidien u l-operaturi pubbliċi u privati tal-inġenji spazjali stabbiliti fl-Unjoni;
  - (b) l-utenti mhux ewlenin tal-SST, li għandu jkollhom aċċess għas-servizzi msemija fil-paragrafu 5, il-punti (a) u (c): entitajiet pubbliċi u privati oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali;
  - (c) l-utenti governattivi awtorizzati tal-SST, li għandu jkollhom aċċess għas-servizzi msemija fil-paragrafu 6: l-Istati Membri u s-SEAE.

- 9a. Sabiex trawwem l-adozzjoni tas-servizzi SST imsemmija fil-paragrafu 5 jew biex ikun protett l-interess tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-lista ta' utenti mhux ewlenin jew tissupplimenta l-lista ta' servizzi li jista' jkollhom aċċess għalihom.
10. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, politiki ta' aċċess marbuta mas-servizzi SST imsemmija fil-paragrafu 5. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).
- 10a. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, politiki ta' aċċess u speċifikazzjonijiet għall-forniment tas-servizzi SST imsemmija fil-paragrafu 6, kif ukoll speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali għalihom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).
11. Is-subkomponent SST ma għandux ikun miftuħ għall-parteciġazzjoni ta' pajjiżi terzi. Madankollu, għandu jkun miftuħ għan-Norveġja soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim speċifiku separat skont l-Artikolu 218 TFUE u skont l-Artikolu 11(4).

### *Artikolu 63*

#### **Oġġetti Qrib id-Dinja (NEO)**

1. L-objettiv tas-subkomponent tal-Oġġetti Qrib id-Dinja (is-"subkomponent NEO") tal-komponent SSA huwa l-monitoraġġ tar-riskju ta' oġġetti naturali fis-sistema solari li joqorbu lejn id-Dinja.
2. Is-subkomponent NEO għandu jinkludi attivitajiet li jissodisfaw l-objettiv stabbilit fil-paragrafu 1. Dan għandu jinkludi attivitajiet ta' appoġġ marbuta maż-żamma tal-katalogu tal-Unjoni u mal-entrati ta' data fih dwar il-karatteristiċi fiżiċi ta' oġġetti qrib id-Dinja, u jista' jinkludi valutazzjoni tar-riskju ta' impatt.
3. Is-subkomponent NEO għandu jinkludi attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jappoġġaw l-evoluzzjoni tiegħu u r-riċerka u l-iżvilupp downstream għall-applikazzjonijiet u t-teknoloġiji għall-utenti.

**Eventi tat-Temp Spazjali (SWE)**

1. L-objettiv tas-subkomponent tal-Eventi tat-Temp Spazjali (is-"subkomponent SWE") tal-komponent SSA huwa li jimmonitorja u jivvaluta bidliet naturali minħabba attività solari varjabbli u marbuta ma' eventi tat-temp spazjali, bħar-riħ solari u beraq solari, u l-impatti tagħhom fuq sistemi kritiċi u fuq infrastrutturi koperti mir-reqwiżiti tekniċi tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 4.
2. Is-subkomponent SWE għandu jinkludi l-attivitajiet kollha meħtieġa biex jiġu pprovduti s-servizzi tat-temp spazjali, inkluż ix-xiri ta' data minn sorsi kummerċjali u attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jappoġġaw l-evoluzzjoni tas-subkomponent SWE, kif ukoll is-servizzi tiegħu u r-riċerka u l-iżvilupp downstream għal applikazzjonijiet u teknoloġiji għall-utenti għall-adozzjoni ta' servizzi SWE.
3. Is-servizzi SWE għandu jkollhom il-mira li jkunu disponibbli mingħajr interruzzjoni u li jkunu mingħajr ħlas. Is-servizzi SWE għandhom, b'mod partikolari, jinkludu d-dominju spazjali u jistgħu jespandu gradwalment għal dominji oħra skont il-ħtiġijiet tal-utenti.
4. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali marbuta mas-servizzi SWE, b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-utenti tal-kont. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).

**Aċċess għall-ispazju**

1. L-aċċess għall-ispazju huwa l-kapaċità tal-illanċjar u t-trasport tal-inġenji spazjali lejn l-ispazju, fl-ispazju u mill-ispazju, bl-użu ta' sistemi tal-illanċjar.
2. L-oġġettiv tal-komponent tal-Aċċess għall-ispazju għandu jkun li jitrawwem aċċess awtonomu, reżiljenti u sostenibbli għall-ispazju, permezz tal-appoġġ tal-affidabbiltà, il-kompetittività u l-kosteffiċjenza tas-servizzi Ewropej tal-illanċjar, flimkien ma' approċċ Ewropew koeżiv u kooperattiv, b'kont meħud tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri.
3. F'sinerġiji ma' programmi u skemi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni, u mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet tal-ESA, l-attivitajiet skont il-komponent tal-Aċċess għall-ispazju għandhom jinkludu:
  - (a) l-akkwist jew l-akkwist konġunt ta', l-aggregazzjoni ta', jew l-inċentivi għas-servizzi tal-illanċjar Ewropej għall-ħtiġijiet tal-Unjoni, u fuq talba tagħhom, għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż il-ħtiġijiet ta' attivitajiet ta' dimostrazzjoni fl-orbita u validazzjoni fl-orbita sabiex jiġu appoġġati l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 66(2), il-punt (e), u l-Artikolu 67(2);
  - (b) l-aċċess għar-riċerka u l-innovazzjoni spazjali, inkluż l-aġġornament u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u sistemi u servizzi ġodda;
  - (c) l-iżvilupp, l-adattament, il-konstruzzjoni, il-manutenzjoni u l-operazzjoni ta' infrastruttura kritika tal-art bbażata fl-Unjoni, inkluż il-faċilitajiet meħtieġa għall-ittestjar, l-illanċjar u l-irkuprar tat-teknoloġiji spazjali u l-kapaċitajiet tas-servizzi għall-aċċess għall-ispazju.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Forum ta' Koordinazzjoni dwar l-Aċċess għall-Ispazju li jinkludi l-Istati Membri, l-Aġenzija, l-organizzazzjonijiet rilevanti internazzjonali, b'mod partikolari l-ESA, u entitajiet pubbliċi Ewropej oħra, sabiex jikkoordina l-attivitajiet istituzzjonali Ewropej fl-aċċess għall-ispazju u approċċ Ewropew kif imsemmi fil-paragrafu 2.
5. (...)

### *Artikolu 66*

#### **Kummerċjalizzazzjoni tal-ispazju u ekonomija spazjali**

1. Il-komponent tal-kummerċjalizzazzjoni spazjali u tal-ekonomija spazjali għandu jinkludi attivitajiet ta' CASSINI u ta' adozzjoni mill-utenti. CASSINI għandha tikkostitwixxi l-inizjattiva tal-Unjoni dwar l-intraprenditorija spazjali. CASSINI għandha tiegħu azzjonijiet biex tappoġġa l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti u s-servizzi tal-industrija spazjali tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tiffoka fuq l-intraprenditorija, u biex tingrana l-investment privat, waqt li tappoġġa lill-imprendituri jikbru u jespandu fis-suq intern u internazzjonalment. L-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni spazjali jistgħu jitwettqu f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet rilevanti, fosthom l-ESA.
2. Dan il-komponent għandu jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:
  - (a) il-ħolqien ta' faċilitajiet ta' investment tal-Unjoni għal investment privat inizjali, fi tkabbir bikri u fl-istadju tat-tkabbir, u l-iffaċilitar tal-ħruġ għall-fundaturi u l-investituri;
  - (b) il-ħolqien ta' faċilità ta' espansjoni industrijali tal-Unjoni li tippermetti aktar investment privat f'faċilitajiet ġodda u eżistenti tal-manifattura u ssaħħaħ il-ktajjen tal-provvista bbażati fl-Unjoni;
  - (c) l-appoġġ għall-iżvilupp tal-Unjoni tal-ħiliet immirati lejn is-settur spazjali, inkluż informazzjoni dwar il-ħiliet, l-iżvilupp tal-kurrikuli spazjali, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid, il-mobbiltà u l-programmi ta' skambju;

- (d) it-tisħiħ tal-ekosistemi spazjali lokali, f'koordinazzjoni mal-inizjattivi nazzjonali u reġjonali, li jlaqqgħu flimkien atturi differenti biex jipromwovu l-innovazzjoni spazjali u jipprovdu appoġġ, faċilitajiet u servizzi liċ-ċittadini u lill-kumpaniji biex irawmu l-intraprenditorija, b'mod partikolari permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija, is-servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozju, it-tlaqqiġ u n-networking tal-investituri u billi jippermettu aċċess imtejjeb għas-suq u għan-networks tan-negozju internazzjonali;
- (e) skemi li jaċċelleraw it-tnejjija tas-suq u t-tkabbir kummerċjali permezz tal-użu ta' kuntratti u skemi tal-klijenti ankrati għall-akkwist tal-klijenti kemm fis-swieq tas-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, li jinvolvu komponenti u infrastrutturi spazjali kif ukoll prodotti li jużaw data u servizzi spazjali;
- (f) l-azzjonijiet meħtieġa biex jappoġġaw l-ekonomija spazjali tal-Unjoni, inkluż l-adozzjoni mill-utenti u l-iżvilupp tas-suq downstream, u s-suq intern għall-attivitajiet spazjali.

#### *Artikolu 67*

### **Sovranità teknoloġika, riċerka u innovazzjoni**

1. Il-komponent tas-sovranità teknoloġika u tar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jippermetti lill-Unjoni tibni ekosistema industrijali spazjali kompetittiva, awtonoma u innovattiva, bl-għan li ssaħħaħ is-sovranità teknoloġika, in-nondipendenza u l-awtosuffiċjenza tal-Unjoni fis-settur spazjali. Dan għandu jrawwem l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji spazjali mill-aktar avvanzati. Huwa għandu jiprijoritizezza t-tnaqqis tad-dipendenzi kritiċi minn teknoloġiji mhux tal-Unjoni, jibni sinerġiji ma' setturi oħra, jipromwovi li teknoloġiji kritiċi jimmaturow mir-riċerka għall-industrijalizzazzjoni u jrawwem it-teknoloġiji b'użu doppju li minnhom jibbenefikaw kemm l-applikazzjonijiet ċivili kif ukoll ta' difiża.

2. Il-komponent tas-sovranità teknoloġika u tar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:
- (a) attivitajiet relatati mas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni, bħall-innovazzjoni, l-iżvilupp, l-industrijalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji spazjali kritiċi, inkluż dawk marbuta direttament mal-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi tal-UE (OCT) u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet direzzjonali tal-OCT li jnaqqsu d-dipendenzi tal-Unjoni tul il-ktajjen tal-provvista u li jsaħħu l-kompetittività tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni;
  - (b) attivitajiet bil-ħsieb li jtejbu d-disponibbiltà f'waqtha tal-materja prima u avvanzata kritika, tal-komponenti u tat-teknoloġiji għas-settur spazjali, inkluż permezz tat-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-konsenja tagħhom, ir-riżerva tas-slots tal-manifattura jew il-kumulazzjoni ta' riżerva ta' prodotti, prodotti intermedji jew materja prima kritika;
  - (ba) ir-riċerka, l-iżvilupp, il-maturazzjoni u l-validazzjoni ta' kapaċitajiet spazjali emerġenti u ġodda tal-Unjoni, inkluż teknoloġiji rivoluzzjonarja, bħar-rilevament kwantistiku u teknoloġiji relatati oħra;
  - (c) l-iżvilupp ta' kapaċitajiet spazjali ġodda tal-Unjoni li jrawmu ekonomija fl-ispazju ġdida, speċifikament permezz tal-maturazzjoni, id-dimostrazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-ISOS;
  - (d) it-tiżiħ tal-kompetittività industrijali tal-Unjoni fis-swieq kummerċjali globali, inkluż permezz ta' missjonijiet ta' dimostrazzjoni li javvanzaw il-grad ta' diġitalizzazzjoni tas-sistemi spazjali minn tarf sa tarf;
  - (e) l-esplorazzjoni u l-ingranaġġ ta' sinerġiji ma' oqsma komplementari bħas-sigurtà u d-difiża u setturi rilevanti oħra għal oqsma ewlenin bħar-robotika, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà;

- (f) l-appoġġ għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni, rilevanti għas-settur spazjali tal-Unjoni, inkluż approċċ armonizzat fil-livell tal-Unjoni għall-komponenti tal-Prodotti Kummerċjalment Disponibbli (COTS);
- (g) l-iffaċilitar tad-disponibbiltà u l-aċċess għall-faċilitajiet tal-ittestjar u tal-ipproċessar tad-data għat-teknoloġiji spazjali.

#### *Artikolu 68*

#### **Aċċess għal servizzi minn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali**

1. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jista' jkollhom aċċess għal servizzi ta' GOVSATCOM, is-servizzi governattivi ta' IRIS<sup>2</sup>, is-servizzi ta' frammentazzjoni imsemmija fl-Artikolu 62(5), il-punt (b), u EOGS soġġett għal ftehim konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE u skont l-Artikolu 11(4), li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess għal dawk is-servizzi, dment li jikkonformaw mal-Artikolu 13.
3. L-aċċess ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għall-PRS imsemmi fl-Artikolu 59(1), il-punt (d), għandu jkun irregolat mill-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>54</sup>.
4. L-ebda ftehim konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE ma għandu jkun meħtieġ għall-aċċess għas-servizzi SST relatati mal-evitar ta' kollizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 62(5), il-punt (a) u d-dħul mill-ġdid imsemmi fl-Artikolu 62(5), il-punt (c).
- 4a. Is-servizzi SST imsemmija fl-Artikolu 62(6) ma għandhomx ikunu aċċessibbli għal pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, għajr bil-kundizzjonijiet previsti fil-ftehim imsemmi fl-Artikolu 62(11).

---

<sup>54</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku regolat ipprovdut mis-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo (ĠU L 287, 4.11.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/1104/oj>).

**Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni għall-preservazzjoni tas-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi spazjali operazzjonali tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tapplika l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 3 għall-proċeduri ta' aġġudikazzjoni skont din it-Taqsima jekk tqis li dan ikun meħtieġ u xieraq biex jiġu ppreservati s-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi spazjali operazzjonali tal-Unjoni, b'kont meħud tal-objettiv li tiġi promossa l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, b'mod partikolari f'termini ta' teknoloġija fit-teknoloġiji u l-ktajjen tal-valur ewlenin filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa.
2. Qabel ma tapplika l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u tal-parteeipazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat fil-konfigurazzjoni rilevanti tiegħu msemmi fl-Artikolu 83(1), il-punt (ħa) u għandha tqis bis-sħiħ il-fehmiet tal-Istati Membri dwar il-kamp ta' applikazzjoni, u l-ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni, ta' dawk il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u ta' parteċipazzjoni.
3. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kif ġej:
  - (a) l-entità ġuridika eliġibbli tkun stabbilita fi Stat Membru u l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħha jkunu stabbiliti f'dak l-Istat Membru;
  - (b) l-entità ġuridika eliġibbli timpenja ruħha li twettaq l-attivitajiet rilevanti kollha fi Stat Membru wieħed jew aktar; u
  - (c) l-entità ġuridika eliġibbli ma għandhiex tkun soġġetta għal kontroll minn pajjiż terz jew minn entità ta' pajjiż terz.

4. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kriterji li jiddeterminaw influwenza deċiżiva fuq entità ġuridika, direttament, jew indirettament permezz ta' entità ġuridika intermedja waħda jew aktar li jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi spazjali operazzjonali tal-Unjoni, b'kont meħud tal-objettiv li tiġi promossa l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, b'mod partikolari f'termini ta' teknoloġija fit-teknoloġiji u l-ktajjen tal-valur ewlenin.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).

5. Il-Kummissjoni tista' tirrinunzja l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a) jew (b), fil-każ ta' entità ġuridika partikolari wara evalwazzjoni bbażata fuq il-kriterji kumulattivi li ġejjin:

- (a) għal teknoloġiji, oġġetti jew servizzi speċifiċi meħtieġa għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ebda sostitut ma jkun disponibbli faċilment fl-Istati Membri;
- (b) l-entità ġuridika tkun stabbilita f'pajjiż li jkun membru taż-ŻEE jew tal-EFTA li jkun ikkonkluda ftehim internazzjonali mal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11, filwaqt li l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħha jkunu stabbiliti f'dak il-pajjiż u l-attivitajiet marbuta mal-akkwist, l-għotja jew il-premju jitwettqu f'dak il-pajjiż jew f'pajjiż wieħed jew aktar b'hal dawn; u
- (c) il-protezzjoni ta' IKUE tiġi żgurata f'konformità mal-Artikolu 13 u jiġu implimentati miżuri biex jiġu żgurati s-sigurtà u r-reżiljenza tal-komponenti msemmija fl-Artikolu 58, t-tħaddim tagħhom u s-servizzi tagħhom.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, il-punt (b), il-Kummissjoni tista' tirrinunzja l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a) jew (b), għal entità ġuridika stabbilita f'pajjiż terz li ma jkunx membru taż-ŻEE jew tal-EFTA jekk ma jkunx hemm sostituti faċilment disponibbli f'pajjiżi li jkunu membri taż-ŻEE jew tal-EFTA u l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 5, il-punti (a) u (c) jiġu ssodisfati.

7. Il-Kummissjoni tista' tirrinunzja l-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c), jekk l-entità ġuridika stabbilita fi Stat Membru tipprovdi l-garanziji li ġejjin:
- (a) il-kontroll fuq l-entità ġuridika ma jiġix eżerċitat b'mod li jillimita jew jirrestrinġi l-kapaċità tagħha li:
    - (1) twettaq l-akkwist, l-għotja jew il-premju; u
    - (2) tagħti riżultati, b'mod partikolari permezz ta' obbligi ta' rapportar;
  - (b) il-pajjiż terz jew l-entità ta' pajjiż terz li jeżerċitaw il-kontroll jintrabtu li jżommu lura milli jeżerċitaw kwalunkwe dritt ta' kontroll jew milli jimponu kwalunkwe obbligu ta' rapportar fuq l-entità ġuridika fir-rigward tal-akkwist, l-għotja jew il-premju; u
  - (c) l-entità ġuridika tikkonforma mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77(3).
8. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-entità ġuridika għandhom jivvalutaw jekk l-entità ġuridika tikkonformax mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 5, il-punt (c), għal eżenzjonijiet relattivi għall-kundizzjoni li tinsab fil-paragrafu 3, il-punt (b), u l-garanziji msemmija fil-paragrafu 7. Il-Kummissjoni għandha tikkonforma ma' dik il-valutazzjoni.
9. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-konfigurazzjoni tal-kumitat rilevanti msemmija fl-Artikolu 83(1), il-punt (ħa) b'dan li ġej:
- (a) l-ambitu tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;
  - (b) id-dettalji u l-ġustifikazzjonijiet dwar l-eżenzjonijiet mogħtija skont il-paragrafi 5, 6 u 7 ta' dan l-Artikolu; u;
  - (c) l-evalwazzjoni li kienet il-bażi għal rinunzja, soġġett għall-paragrafi 5 u 7 ta' dan l-Artikolu, mingħajr ma tiġi żvelata informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

10. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3, il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 4, 5 u 6 u l-garanziji stabbiliti fil-paragrafu 7 għandhom jiġu inklużi fid-dokumenti relatati mal-akkwist, l-għotja jew il-premju, kif applikabbli, u, fil-każ ta' akkwist, għandhom japplikaw għaċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-kuntratt riżultanti.
11. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE u d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni tal-15.9.2015, ir-Regolament (UE) 2019/452, id-Deċiżjoni 2013/488/UE u d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 u għall-iskrinjar tas-sigurtà mwettqa mill-Istati Membri fir-rigward tal-entitajiet ġuridiċi involuti f'attivitajiet li jeħtieġu aċċess għal IKUE soġġett għal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli.
12. Jekk jiġu kklassifikati kuntratti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni applikati mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-awtoritajiet tas-sigurtà nazzjonali.
13. Dan l-Artikolu ma għandu jinterferixxi, jemenda jew jikkontradixxi ebda proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà għal faċilità u għall-persunal eżistenti fi Stat Membru.

#### *Artikolu 70*

#### **Sjieda tal-assi spazjali tal-Unjoni, aċċess għar-riżultati u l-użu tal-assi**

1. L-Unjoni għandha tkun is-sid tal-assi tanġibbli u intanġibbli kollha maħluqa, żviluppata jew mixtrija taħt ġestjoni diretta jew indiretta fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati f'din it-taqsim. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntratti, il-ftehimiet u arranġamenti oħra rilevanti relatati mal-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw fil-ħolqien jew fl-iżvilupp ta' tali assi jkun fihom dispożizzjonijiet li jiżguraw is-sjieda tal-Unjoni.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-assi tanġibbli u intanġibbli maħluqa jew żviluppata taħt ġestjoni diretta jew indiretta fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati f'din it-Taqsima meta:
  - (a) l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotjiet, premjijiet jew akkwist pubbliku prekummerċjali, jew
  - (b) l-attivitajiet ma jkunux iffinanzjati kompletament mill-Unjoni, ħlief kif speċifikat mod ieħor, jew
  - (c) l-attivitajiet huma relatati mar-riċevituri tal-PRS żviluppata mill-Istati Membri.
- 2a. Il-paragrafu 2, il-punt (b), ma għandux japplika għall-infrastruttura governattiva żviluppata taħt is-subkomponent IRIS<sup>2</sup>.
3. Meta japplika l-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni ma għandhomx jiksbu s-jieda iżda jgawdu minn drittijiet ta' aċċess mingħajr royalties għar-riżultati għall-użu proprju u d-dritt li jagħtu, jew li jirrikjedu li r-riċevituri jagħtu, liċenzji mhux esklużivi lil partijiet terzi, inkluż l-Istati Membri, biex jisfruttaw ir-riżultati b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli mingħajr ebda dritt ta' sottoliċenzjar.
4. L-Unjoni tista' tikkonkludi l-ftehimiet rilevanti sabiex takkwista s-sjieda ta' assi żviluppata minn partijiet terzi fejn tali assi jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-komponenti msemmija fl-Artikolu 58.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Unjoni jkollha d-drittijiet li ġejjin:
- (a) id-dritt li tuża l-frekwenzi meħtieġa għat-trażmissjoni tas-sinjali ġġenerati mill-infrastruttura governattiva IRIS<sup>2</sup>, il-komponent PNT, il-komponent EO u, fejn meħtieġ, l-SST jew l-aċċess għall-komponenti spazjali, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli u l-ftehimiet ta' liċenzjar rilevanti, żgurat mit-talbiet rilevanti għall-frekwenzi pprovduti mill-Istati Membri, li jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri; u
  - (b) id-dritt li tingħata prijorità lill-forniment tas-servizzi governattivi tal-IRIS<sup>2</sup> fuq is-servizzi kummerċjali, f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti msemmija fl-Artikolu 61 billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti governattivi awtorizzati.

#### *Artikolu 71*

#### **Prestazzjoni tas-servizz, garanzija u responsabbiltà**

- 1. Il-Kummissjoni jew, fejn rilevanti, l-Aġenzija għandha tistabilixxi dokument tad-definizzjoni tas-servizz għal kull servizz ipprovdut mill-komponenti jew mis-subkomponenti msemmija fl-Artikolu 58 li jiddeskrivi l-karatteristiċi u l-prestazzjonijiet mistennija ta' dawk is-servizzi. Id-dokument tad-definizzjoni tas-servizz għandu jsir pubbliku jew, għal servizzi lil utenti governattivi awtorizzati jew utenti tal-PRS, jiġi kondiviż mal-awtoritajiet kompetenti xierqa msemmija fl-Artikolu 76. Għas-subkomponent SST, is-Sħubija SST imsemmija fl-Artikolu 62(3) għandha tikkontribwixxi għall-istabbiliment tad-dokument tad-definizzjoni tas-servizz.
- 1. Il-prestazzjoni mistennija msemmija fil-paragrafu -1, kif ukoll id-data u l-informazzjoni pprovduti mill-komponenti u s-subkomponenti msemmija fl-Artikolu 58, għandhom jingħataw mingħajr ebda garanzija espliċita jew impliċita fir-rigward tal-kwalità, il-preċiżjoni, id-disponibbiltà, l-affidabbiltà, il-veloċità u l-adegwatezza tagħhom għal kwalunkwe skop. L-ebda responsabbiltà ma għandha tinġarr f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni, l-Aġenzija, u kwalunkwe awtorità governattiva involuta.

- 1a. Meta servizz ma jissodisfax il-parametri ddikjarati fid-dokument tad-definizzjoni tas-servizz imsemmi fil-paragrafu -1 minħabba avveniment ippjanat jew imprevedibbli, l-utenti għandhom jiġu infurmati mingħajr dewmien żejjed f'konformità mal-proċedura stipulata fid-dokument tad-definizzjoni tas-servizz rilevanti.
- 1b. B'deroga mill-paragrafu 1 għas-servizzi lill-utenti governattivi awtorizzati, għall-PRS u għas-servizzi tas-sikurezza tal-ħajja msemmija fl-Artikolu 59(3), il-punt (i), id-dokument tad-definizzjoni tas-servizz imsemmi fil-paragrafu -1 għandu jkun akkumpanjat minn impenji speċifiċi f'termini ta' prestazzjonijiet mistennija, li jistgħu jkunu soġġetti għal ċerti termini u kundizzjonijiet tal-użu.
- 1c. Il-punti ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 77(1), il-punt (ga), għandhom jinfirmaw lill-Kummissjoni jew, fejn rilevanti, lill-Aġenzija, meta avveniment ippjanat imsemmi fil-paragrafu 1b relatat ma' servizzi pprovduti lil utenti governattivi awtorizzati jew utenti tal-PRS jista' jaffettwa l-attivitajiet tagħhom.
2. L-Istati Membri li jipparteċipaw fis-subkomponent SST ma għandhomx jinżammu responsabbli għad-danni li jirriżultaw min-nuqqas jew l-interruzzjoni fil-forniment tas-servizzi SST, għad-dewmien fil-forniment tas-servizzi SST, għall-ineżattezza tal-informazzjoni pprovduta permezz tas-servizzi SST jew għal kwalunkwe azzjoni oħra meħuda b'reazzjoni għall-forniment tas-servizzi SST. Għall-finijiet tal-paragrafu 1b, dawk l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kwalunkwe devjazzjoni mill-prestazzjoni mistennija lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija mingħajr dewmien żejjed.

## *Artikolu 72*

### **Regoli komplementari dwar l-akkwist pubbliku**

1. L-awtorità kontraenti tista' titlob li l-offerent jissottokuntratta parti mill-kuntratt permezz ta' sejħa għall-offerti kompetittiva fil-livelli xierqa ta' sottokuntrattar lil kumpaniji għajr dawk li jappartjenu għall-grupp tal-offerent. Għal kuntratti ta' aktar minn EUR 10 miljun, l-awtorità kontraenti għandu jkollha l-għan li tiżgura li mill-inqas 30 % tal-valur tal-kuntratt jiġi sottokuntrattat permezz ta' offerti kompetittivi f'diversi livelli ta' sottokuntrattar lil kumpaniji barra mill-grupp tal-offerent ewlieni, b'mod partikolari sabiex tkun tista' ssir il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs fl-ekosistema spazjali. L-offerent għandu jipprovdri raġunijiet għaliex ma ssodisfax talba li saret għal sottokuntratt jew għal devjazzjoni mill-mira ta' 30 %. L-awtorità kontraenti tista' tinkludi rekwiżiti speċifiċi fid-dokumentazzjoni tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni biex tiżgura li l-kuntratturi ewlenin isegwu l-prinċipji tal-akkwist pubbliku stipulati f'dan il-paragrafu matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt.
- 1a. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 83(1), il-punt (g), dwar l-ilħuq tal-mira msemmija fil-paragrafu 1.
2. L-akkwist pubbliku marbut mal-kontinwità tas-servizz, jew mal-PRS jew mas-servizzi lill-utenti governattivi awtorizzati għandu jitqies li jissodisfa l-kundizzjoni ta' urġenza estrema stabbilita fit-Taqsima II, il-punt 11.1, il-punt (c), tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju.

## *Artikolu 73*

### **Regoli komplementari dwar l-għotjiet**

1. [L-Unjoni tista' tkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-kofinanzjament.]
2. B'deroga mill-Artikolu 184(6) tar-Regolament Finanzjarju, meta jiġu applikati rati fissi, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jawtorizza jew jimponi l-finanzjament tal-kostijiet indiretti tal-benefiċjarju sa massimu ta' 25 % tat-total tal-kostijiet diretti eliġibbli għall-azzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 207 tar-Regolament Finanzjarju, l-ammont massimu ta' sostenn finanzjarju li jista' jitħallas lil parti terza ma għandux jaqbeż il-EUR 200 000.
4. Is-Sħubija SST imsemmija fl-Artikolu 62(3) għandha tkun intitolata li tirċievi għotja skont l-Artikolu 198(d) tar-Regolament Finanzjarju.

#### *Artikolu 74*

#### **Regoli komplementari dwar il-ġestjoni indiretta**

1. Ftehim qafas tripartitiku ta' sħubija finanzjarja skont l-Artikolu 131 tar-Regolament Finanzjarju għandu jiġi konkluż kemm mal-Aġenzija kif ukoll mal-ESA, li skontu l-Aġenzija u l-ESA jistgħu jiġu fdati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit.
2. Meta jiġi stabbilit bord tal-evalwazzjoni tal-offerti mill-Aġenzija jew mill-ESA għal akkwist pubbliku mwettaq skont il-ftehim tripartitiku msemmi fil-paragrafu 1, l-esperti mill-Kummissjoni u, fejn rilevanti, mill-entità fdata l-oħra jistgħu jipparteċipaw bħala membri fil-laqgħat tal-bord tal-evalwazzjoni tal-offerti, ikollhom aċċess għad-dokumenti kollha prodotti mill-bord tal-evalwazzjoni tal-offerti u jattendu l-laqgħat ta' rieżami. Tali parteċipazzjoni ma għandhiex taffettwa l-indipendenza teknika tal-bord tal-evalwazzjoni tal-offerti.
3. B'deroga mill-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju u jekk il-Kummissjoni tivvaluta b'mod pożittiv il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni, il-kompiti fdati taħt ġestjoni indiretta lill-Aġenzija, jew lis-suċċessuri tagħha, jistgħu jiġu fdati ulterjorment mill-Aġenzija lill-korpi msemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju bil-kundizzjonijiet ta' ġestjoni indiretta li japplikaw għall-Kummissjoni.
4. Meta l-attivitajiet ta' akkwist pubbliku jew ta' għotja jiġu implimentati permezz ta' ġestjoni indiretta minn entitajiet fdati, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, l-attivitajiet ta' tixrid u kwalunkwe infrastruttura, tagħmir, vettura, provvista jew riżultat kbir iffinanzjati mill-akkwist jew mill-għotja għandhom jirrikonoxxu l-appoġġ tal-Unjoni u juru l-bandiera tal-Unjoni (emblema) u d-dikjarazzjoni ta' finanzjament (tradotta fil-lingwi lokali, fejn xieraq) f'konformità mar-regoli standard ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

**Rwoli**

1. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fil-komponenti msemmija fl-Artikolu 58. L-Istati Membri li jipparteċipaw f'dawk il-komponenti għandhom jikkontribwixxu bil-kompetenza teknika tagħhom, għarfien espert u assistenza, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà. Dan il-kontribut għandu jinkludi, fejn ikun xieraq u possibbli, id-disponibbiltà lill-Unjoni ta' data, informazzjoni, servizzi u infrastruttura fil-pussess tal-Istati Membri jew li jkunu jinsabu fit-territorju tagħhom, li jkunu meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tal-azzjonijiet. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw il-funzjonament bla xkiel tal-azzjonijiet appoġġati f'din it-Taqsima, inkluż l-allokkazzjoni u l-protezzjoni tal-frekwenzi.
2. Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-komponenti msemmija fl-Artikolu 58, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja wkoll l-implimentazzjoni ta' dawk il-komponenti, mingħajr preġudizzju għal politiki oħra tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha:
  - (a) timmaniġġa l-komponenti jew is-subkomponenti kollha msemmija fl-Artikolu 58 li ma jkunux f'dati lil entità oħra;
  - (b) tiddetermina l-prijoritajiet tal-komponenti msemmija fl-Artikolu 58 fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 15 u l-evoluzzjoni fit-tul tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-utenti, u tissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi ta' ħidma;

- (ba) mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-Aġenzija jew ta' entitajiet fdati oħra, tiżgura li l-adozzjoni u l-użu tad-data u s-servizzi pprovduti mill-komponenti msemmija fl-Artikolu 58 ikunu promossi u massimizzati fis-settur pubbliku u dak privat, inkluż bl-appoġġ ta' żvilupp xieraq ta' dawk is-servizzi u ta' interfaċċi adattati għall-utenti, billi jitrawwem ambjent stabbli fit-tul, jiġu żviluppati sinerġiji xierqa bejn l-applikazzjonijiet ta' diversi komponenti u billi jiġu żgurati l-komplementarjetà, il-konsistenza, is-sinerġiji u r-rabtiet bejn il-komponenti skont din it-Taqsima u azzjonijiet u programmi oħra tal-Unjoni;
  - (bb) tippromwovi l-koerenza bejn l-attivitajiet skont din it-Taqsima u l-attivitajiet imwettqa fil-qasam spazjali fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew dak internazzjonali;
  - (c) tiddetermina u tikkoordina d-dimensjoni internazzjonali tal-komponenti msemmija fl-Artikolu 58 biex tiżgura koerenza mal-politiki tal-Unjoni għall-azzjoni esterna u approċċ konsistenti magħhom, fil-qasam tal-kompetenza tagħha.
4. Fejn meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-komponenti msemmija fl-Artikolu 58 u l-forniment bla xkiel tas-servizzi li jipprovdu, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-evoluzzjoni ta' dawk il-komponenti u s-subkomponenti u tas-servizzi li jipprovdu, filwaqt li tqis ir-riżultati mill-konsultazzjoni mal-utenti u partijiet ikkonċernati oħra. Meta tiddetermina dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali, il-Kummissjoni għandha tevita t-tnaqqis tal-livell ġenerali tas-sigurtà u għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' retrokompatibilità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).

5. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiddetermina l-post tal-infrastruttura bbażata fuq l-art, abbażi tar-rekwiżiti tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77(3), wara proċess miftuħ u trasparenti u filwaqt li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3).
6. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) xx/xx\* [EUSPA] u tista' tiġi fdata mill-Kummissjoni b'kompiti oħra kif imsemmi fl-Artikolu 4(2), (3) u (5) ta' dak ir-Regolament u f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.
7. Dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, l-ESA tista' tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:
  - (a) fir-rigward tal-komponent PNT: l-evoluzzjoni tas-sistemi ewlenin u d-disinn u l-iżvilupp tal-partijiet tas-segment tal-art, u tas-satelliti, inkluż l-ittestjar u l-validazzjoni;
  - (b) fir-rigward tas-subkomponent Copernicus:
    - (i) il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali u l-evoluzzjoni tiegħu;
    - (ii) id-disinn, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura spazjali u ta' partijiet mis-segment terrestri assoċjat, inkluż l-operazzjonijiet ta' dik l-infrastruttura u l-akkwist pubbliku relatat, ħlief meta dawk l-operazzjonijiet isiru minn entitajiet oħra, bħall-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT);
    - (iii) fejn xieraq, l-għoti ta' aċċess għal data ta' partijiet terzi;

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl 2026/0084(COD)

- (c) fir-rigward tas-subkomponent EOGS: id-disinn u l-iżvilupp ta' missjonijiet spazjali għall-osservazzjoni tad-Dinja u ta' partijiet mis-segment terrestri assoċjat magħhom;
  - (d) fir-rigward tas-subkomponent IRIS<sup>2</sup>:
    - (i) is-superviżjoni tal-iżvilupp, tal-validazzjoni u tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni relatati marbuta mal-fażijiet ta' żvilupp, l-validazzjoni u l-implimentazzjoni għas-servizzi governattivi u tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni meħtieġa għall-forniment ta' servizzi governattivi, imwettqa fil-qafas tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 61(15) u f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni skont il-ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja msemmi fl-Artikolu 74(1), filwaqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA u l-kontribuzzjoni possibbli mill-ESA;
    - (ii) il-forniment tal-għarfien espert tekniku, inkluż matul l-implimentazzjoni;
  - (da) fir-rigward tas-subkomponenti NEO u SWE: riċerka upstream u attivitajiet ta' żvilupp.
8. Abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata b'kompiti oħra abbażi tal-ħtiġijiet tal-komponenti msemmija fl-Artikolu 58, inkluż attivitajiet speċifiċi ta' riċerka u innovazzjoni, dment li daww il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entitajiet fdati oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni ta' daww il-komponenti.

- 8a. Soġġett għall-approvazzjoni tal-Bord tas-SatCen f'konformità mal-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/401/PESK, is-SatCen għandu jiġi fdat bil-forniment tas-Servizzi tal-EOGS u tad-Data tal-EOGS imsemmija fl-Artikolu 60(8), il-punti (b) u (c) lill-utenti awtorizzati governattivi u bl-operat tas-saff ta' federazzjoni tal-Infrastruttura tal-EOGS imsemmi fl-Artikolu 60(8), il-punt a, is-subpunt (i). L-implimentazzjoni tal-kompiti fdati lis-SatCen skont dan il-paragrafu, inkluż id-definizzjoni ta' politiki ta' aċċess, restrizzjonijiet u prijoritizzazzjoni għall-forniment ta' Servizzi tal-EOGS lil utenti governattivi awtorizzati għandha tirrispetta l-interessi tal-PESK tal-Unjoni, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/401/PESK u l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.
9. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8a, dment li l-interessi tal-Unjoni jkunu protetti, il-Kummissjoni tista' tafda, kompletament jew parzjalment, kompiti biex timplimenta l-komponenti msemmija fl-Artikolu 58 lil entitajiet rilevanti, bħall-EUMETSAT, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, is-SatCen, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, u iċ-Ċentru Mercator għall-Oċean.

#### *Artikolu 76*

#### **Awtoritajiet kompetenti**

1. Fejn meħtieġ għas-subkomponenti msemmija fl-Artikolu 58 li jipprovdu servizzi lill-utenti governattivi awtorizzati, kull parteċipant għandu jaħtar awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li:
- (a) l-użu tas-servizzi rilevanti jkun konformi mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77(3);
  - (b) id-drittijiet ta' aċċess għas-servizzi rilevanti huma determinati u ġestiti;

- (c) it-tagħmir tal-utenti meħtieġ għall-użu tas-servizzi rilevanti u l-konnessjonijiet u l-informazzjoni assoċjati tal-komunikazzjoni elettronika jintuża u jiġi ġestit f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 77(3);
  - (d) jiġi stabbilit punt ċentrali ta' kuntatt biex jassisti kif meħtieġ fir-rapportar tar-riskji u t-theddid għas-sigurtà, b'mod partikolari d-detezzjoni ta' interferenza elettromanjetika potenzjalment dannuża li taffettwa s-servizzi żviluppati skont il-komponenti msemmija fl-Artikolu 58.
2. L-azzjonijiet, il-kompiti u l-funzjonament tal-awtoritajiet kompetenti tal-PRS huma previsti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE.

#### *Artikolu 77*

### **Prinċipji ta' governanza u sigurtà**

1. Il-prinċipji ta' governanza għall-komponenti msemmija fl-Artikolu 58 u l-attivitajiet speċifiċi għandhom ikunu bbażati fuq dan li ġej:
- (-a) il-kontinwità u l-affidabbiltà tas-servizz u l-kontinwità tal-infrastruttura meħtieġa, inkluż il-protezzjoni minn theddid rilevanti;
  - (a) distribuzzjoni ċara tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet bejn l-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni, filwaqt li tibni fuq il-kompetenzi rispettivi tagħhom u tevita kwalunkwe konverġenza jew duplikazzjoni fil-kompiti u r-responsabbiltajiet u b'hekk tiżgura responsabbiltà ċara;
  - (b) ir-rilevanza tal-istruttura ta' governanza għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull komponent jew subkomponent imsemmi fl-Artikolu 58 kif xieraq;
  - (c) il-kontroll qawwi tal-komponenti msemmija fl-Artikolu 58 u tal-attivitajiet tagħhom, inkluż aderenza stretta mal-kost, l-iskeda taż-żmien u l-prestazzjoni mill-entitajiet kollha, skont ir-rwol u l-kompiti rispettivi tagħhom;

- (d) ġestjoni trasparenti u kosteffiċjenti;
  - (f) il-kunsiderazzjoni sistematika u strutturata tal-ħtiġijiet tal-utenti tad-data, tal-informazzjoni u tas-servizzi pprovduti mill-komponenti msemmija fl-Artikolu 58, kif ukoll tal-evoluzzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi relatati;
  - (g) l-isforzi kostanti biex jiġu kkontrollati u jitnaqqsu r-riskji;
  - (ga) għal servizzi lil utenti governattivi awtorizzati u għall-PRS, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet operazzjonali rilevanti mal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 76 u mal-punti ta' kuntatt maħtura mill-Istati Membri biex jirrappreżentaw lill-utenti rilevanti ta' dawk is-servizzi.
- 1a. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà stabbilit skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) xx/xx\* [EUSPA] għandu jkun l-awtorità ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-komponenti u s-subkomponenti msemmija fl-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament. Dik l-akkreditazzjoni għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament.
2. Il-prinċipji tas-sigurtà tal-komponenti skont din it-Taqsima, inkluż l-infrastrutturi tagħhom tal-art u tal-ispazju, għandhom ikunu bbażati fuq dan li ġej:
- (a) il-kunsiderazzjoni tal-esperjenza tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà u l-bini fuq l-aqwa prattiki tagħhom;
  - (b) l-iżgurar tal-protezzjoni tal-infrastrutturi tal-art li jiffurmaw parti integrali minn komponent imsemmi fl-Artikolu 58 u li jinsabu fit-territorji tal-Istati Membri, billi jieħdu miżuri li huma mill-inqas ekwivalenti għal dawk meħtieġa għall-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi Ewropej skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2557;

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl 2026/0084(COD)

- (c) l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE sa fejn huma kkonċernati l-Istati Membri u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 sa fejn hija kkonċernata l-Kummissjoni, li jipprevedu, fost l-oħrajn, separazzjoni bejn il-funzjonijiet operazzjonali u dawk assoċjati mal-akkreditazzjoni;
  - (d) li l-Kummissjoni titqies bħala oriġinatur tal-informazzjoni klassifikata kollha maħluqa mill-entitajiet fdati kif imsemmi fl-Artikolu 74(1);
  - (e) l-iżgurar li l-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà stabbilit skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) xx/xx\* [EUSPA] iwettaq il-kompiti tiegħu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni jew ta' dawk l-entitajiet fdati, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;
3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li tinżamm u tiġi aġġornata analiżi tar-riskji u tat-theddid għall-komponenti jew is-subkomponenti eżistenti msemmija fl-Artikolu 58. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-analiżi tar-riskju u tat-theddid titwettaq għal kull komponent jew subkomponent futur. Abbażi ta' dik l-analiżi, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà għal kull komponent jew subkomponent. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tqis l-impatt ta' dawk ir-rekwiżiti fuq il-funzjonament bla xkiel ta' dak il-komponent jew subkomponent, b'mod partikolari f'termini ta' kost, ġestjoni tar-riskju u skeda ta' żmien. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-livell ġenerali tas-sigurtà ma jitnaqqasx, li l-funzjonament tat-tagħmir eżistenti bbażat fuq dak il-komponent jew is-subkomponent ma jiddgħajjifx u tqis ir-riskji għaċ-ċibersigurtà. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(3). L-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju skont din it-Taqsima għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, inkluż minħabba l-kwistjonijiet identifikati fl-analiżi tar-riskju u tat-theddid, biex jiżguraw is-sigurtà tal-komponenti skont din it-Taqsima.

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl 2026/0084(COD)

4. Meta s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tista' tiġi affettwata mit-tħaddim tas-sistemi, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/698<sup>55</sup>.

## TAQSIMA 4

### APPOĠĠ GĦALL-POLITIKA TAL-INDUSTRIJA TAS-SIGURTÀ ĊIVILI

#### *Artikolu 79*

#### **Dispożizzjonijiet speċifiċi li jappoġġaw il-politika tal-industrija tas-sigurtà ċivili**

L-azzjonijiet appoġġati taħt din it-Taqsima għandhom jikkontribwixxu għall-oġettiv ġenerali stipulat fl-Artikolu 3(1) u l-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (d)(4).

#### *Artikolu 80*

#### **Attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw il-politika tal-industrija tas-sigurtà ċivili**

1. L-appoġġ għall-politika tal-industrija tas-sigurtà ċivili għandu jindirizza b'mod partikolari l-oqsma ta' applikazzjoni li ġejjin:
  - (a) is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika u dik b'użu doppju, kif ukoll tal-entitajiet kritiċi, kontra kull tip ta' theddid għas-sigurtà;
  - (b) it-teknoloġiji, il-kapaċitajiet u s-soluzzjonijiet, inkluż miżuri li jsaħħu l-istandardizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-interoperabbiltà tat-teknoloġiji tas-sigurtà, rilevanti għall-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontrihha, b'mod partikolari t-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità serja u organizzata u l-kriminalità ffaċilitata mill-internet;

---

<sup>55</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698 tat-30 ta' April 2021 dwar is-sigurtà tas-sistemi u s-servizzi skjerati, operati u użati taħt il-Programm Spazjali tal-Unjonili jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/496/PESK (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 178–182, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/698/oj>).

- (c) it-teknoloġiji, il-kapaċitajiet u s-soluzzjonijiet għall-kontroll tal-merkanzija u tal-persuni fil-fruntieri, il-protezzjoni tal-fruntieri u taċ-ċentri loġistiċi, is-sigurtà marittima u s-sorveljanza u s-sigurtà doganali; u
  - (d) il-kapaċitajiet ta' preparatezza ċivili, prevenzjoni u rispons għat-theddid għas-sigurtà, kemm jekk naturali kif ukoll jekk magħmula mill-bniedem, aċċidentali jew intenzjonali.
2. L-appoġġ għall-politika tal-industrija tas-sigurtà ċivili għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:
- (a) ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-iscale-up, l-appoġġ għall-SMEs, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-azzjonijiet ta' manifattura;
  - (b) l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet;
  - (c) l-użu u l-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet, inkluż mill-prattikanti tas-sigurtà;
  - (d) l-appoġġ ta' azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-atti legali u l-politiki rilevanti tal-Unjoni, inkluż il-bini tal-kapaċitajiet għall-punti ta' kuntatt nazzjonali.
3. L-appoġġ ipprovdut permezz tal-oqsma jew l-attivitajiet ta' applikazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, jista' jiġi pprovdut fi kwalunkwe forma, inkluż permezz ta' attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni] u identifikati f'parti ddedikata speċifika tal-programm ta' ħidma.
4. Il-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament taħt din it-taqsimha għandhom jintegraw f'parti speċifika ddedikata u jiżguraw koerenza mal-attivitajiet ta' Kompetittività u Soċjetà appoġġati skont ir-Regolament (UE) [XXX] [il-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni].

## *Artikolu 81*

### **Sjieda tar-riżultati**

1. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' akkwist, ir-riżultati għandhom ikunu proprjetà tal-Unjoni.
2. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni għandhom igawdu, fuq talba, drittijiet ta' aċċess mingħajr royalties għar-riżultati għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki jew programmi eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza tagħha u d-dritt li jagħtu, jew li jitolbu lir-riċevituri jagħtu, liċenzji mhux esklużivi lil partijiet terzi biex jisfruttaw ir-riżultati b'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli mingħajr ebda dritt ta' sottoliċenzja sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-ftehim ta' għotja.
3. Kwalunkwe trasferiment tas-sjieda tar-riżultati, jew l-għoti ta' liċenzji esklużivi għar-riżultati, iġġenerati b'appoġġ lil entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati jew lil entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati għandu jkun soġġett għal notifika u approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni, li jseħħu fi żmien tliet snin wara l-aħħar pagament tal-azzjoni, b'kundizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni.

## *Artikolu 82*

### **Regoli komplementari dwar l-għotjiet**

1. Għal attivitajiet li jappoġġaw azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-qasam tal-industrija tas-sigurtà ċivili, l-Unjoni tista' tkopri sa [100] % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament.
2. B'deroga mill-Artikolu 184(6) tar-Regolament Finanzjarju, meta japplika rati fissi, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jawtorizza jew jimponi finanzjament tal-kostijiet indiretti tal-benefiċjarju sa massimu ta' 25 % tal-kostijiet diretti eliġibbli totali għall-azzjoni, eskluż il-kostijiet eliġibbli diretti għas-sottokuntrattar, l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi u kwalunkwe kost unitarju jew somma f'daqqa li jinkludu l-kostijiet indiretti.

## **Kapitolu VIII**

### **Dispożizzjonijiet finali**

#### *Artikolu 83*

#### **Il-proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 u jista' jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet li ġejjin:
  - (a) Il-Kumitat Ġenerali tal-FEK, għal ħarsa ġenerali strateġika lejn l-implimentazzjoni tal-FEK, kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġettivi ġenerali jew kwistjonijiet li jikkonċernaw aktar minn wieħed mill-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2);
  - (b) Il-Kumitat tat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);
  - (c) Il-Kumitat tas-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agrikoltura u l-Bijoekonomija għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);
  - (d) Il-Kumitat Diġitali għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (c);
  - (e) Il-Kumitat tal-Industrija tad-Difiża għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (d)(2), li jista' jiltaqa' f'subkonfigurazzjonijiet differenti allinjati mal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 44(1);
  - (f) Il-Kumitat tar-Reżiljenza għal kwistjonijiet li jikkonċernaw oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (d)(1);

- (g) Il-Kumitat tal-Ispazju għal kwistjonijiet li jikkonċernaw objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (d)(3), li jista' jiltaqa' f'subkonfigurazzjonijiet differenti allinjati mal-komponenti jew mas-subkomponenti msemmija fl-Artikolu 58(1);
  - (h) Il-Kumitat tal-Industrija tas-Sigurtà Ċivili għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (d)(4);
  - (ħa) Il-Kumitat tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE u aspetti ta' sigurtà relatati li jirriżultaw fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (d), b'mandat li għandu jkun distint mill-mandat tal-konfigurazzjonijiet l-oħra, u ma jidduplikahomx.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 u l-opinjoni għandha tintalab mill-konfigurazzjoni tal-kumitat l-aktar ikkonċernat.
  3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 u l-opinjoni għandha tintalab mill-konfigurazzjoni tal-kumitat l-aktar ikkonċernat.
  4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.
  - 4a. Meta l-Kumitati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e), (f), (g), (h) jew (ħa) ma jagħtu l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
  5. Meta l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fil-limitu taż-żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu hekk.

6. Il-Kumitati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b) sa (h) jistgħu jiltaqgħu fi gruppi ta' ħidma differenti allinjati mal-komponenti speċifiċi tat-twieqi ta' politika, kif ukoll għall-Kumitat fil-punt (ħa) fil-gruppi ta' ħidma dwar is-sigurtà biex jittrattaw il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE u aspetti ta' sigurtà relatati li jirriżultaw fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).
- 6a. Meta jiltaqgħu biex jeżaminaw il-parti ddedikata speċifika dwar l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 15(2), ħliet għall-programmi ta' ħidma dwar l-attivitajiet stipulati fil-Kapitolu VII, it-Taqsima 2, l-aġendi tal-konfigurazzjonijiet tal-kumitati rilevanti għandhom jinkludu punti ddedikati għall-parti tal-programmi ta' ħidma dwar l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni. Żewġ rappreżentanti minn kull Stat Membru għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat.
7. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi, ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-konfigurazzjonijiet tal-kumitat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli tal-proċedura tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-interessi tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. La għandhom ikunu preżenti waqt il-votazzjoni tal-kumitat, u lanqas jipparteċipaw fiha. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx ikunu preżenti f'deliberazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-eliġibbiltà, inklużi deliberazzjonijiet relatati mal-Artikoli 9 u 10 ta' dan ir-Regolament.
8. Is-SEAE u l-EDA għandhom jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-kumitat tal-industrija tad-difiża bħala osservaturi u biex jagħtu l-fehmiet u l-għarfien espert tagħhom fil-ħidma tal-kumitat.

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija f'dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għall-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2035.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija f'dan ir-Regolament tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.
- 6a. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Nru 1159/2013 li għandu jibqa' fis-seħħ, jekk rilevanti, sakemm jiġi modifikat abbażi ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 85*

**Emendi għar-Regolament (UE) 2021/696**

It-Titoli I, II u III, l-Artikoli 26, 27, 28, 30, 31, 32, 33 u 43, it-Titoli VI, VII, VIII u X tar-Regolament (UE) 2021/696 jiġihassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

*Artikolu 86*

**Emendi għar-Regolament (UE) 2023/588**

Il-Kapitoli I, II, III, IV, l-Artikoli 24, 25, 26, 28 u 29, it-Titoli VII, VIII, IX u X tar-Regolament (UE) 2023/588 jiġihassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

*Artikolu 87*

**Emendi għar-Regolament (UE) 2025/2643**

Il-Kapitoli II u IV tar-Regolament (UE) 2025/2643 jiġihassru.

*Artikolu 88*

**Tħassir**

Ir-Regolamenti li ġejjin jiġihassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2028:

- (a) Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014;
- (b) Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240;
- (c) Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092;
- (d) Ir-Regolament (UE) Nru 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013.

*Artikolu 89*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

- 1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet mibdija skont l-atti bażiċi msemmija fl-Artikolu 85, li għandhom jibqgħu japplikaw għal dawk l-azzjonijiet sal-għeluq tagħhom.
- 2. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2021/696 u r-Regolament (UE) 2023/588. Dawn l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ, jekk rilevanti, sakemm jiġu modifikati abbażi ta' dan ir-Regolament, u bl-eċċezzjoni ta' deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) 2023/588.

- 2a. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2025/2643. Dawk l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ, jekk rilevanti. Fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jemenda l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2025/2643.
3. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-FEK u l-miżuri adottati skont l-atti bażiċi msemmija fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 90*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*